Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu
Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

2023/0448(COD)

16.4.2025

EMENDI
21 - 261

Abbozz ta' rapport
Tilly Metz, Daniel Buda
(PE770.070v01-00)

Il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati

Proposta għal regolament
(COM(2023)0770 – C9-0446/2023 – 2023/0448(COD))

Emenda 21
Waldemar Buda, Anna Zalewska, Kosma Złotowski, Maciej Wąsik, Beata Szydło

Proposta għal regolament
–

Proposta għal ċaħda

Il-Parlament Ewropew jirrifjuta l-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/97 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005.

Or. en

Emenda 22
Carmen Crespo Díaz, Céline Imart, Jessika Van Leeuwen, Paulo Do Nascimento Cabral, Esther Herranz García, Isabel Benjumea Benjumea, Antonio López-Istúriz White, Maravillas Abadía Jover, Elena Nevado del Campo, Krzysztof Hetman, Dolors Montserrat, Gabriel Mato, Ilia Lazarov, Peter Agius, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Javier Zarzalejos, Nicolás Pascual de la Parte, Raúl de la Hoz Quintano, Rosa Estaràs Ferragut, Flavio Tosi

Proposta għal regolament
–

Proposta għal ċaħda

Il-Parlament Ewropew jirrifjuta l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/97 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005.

Or. en

Emenda 23

Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Céline Imart, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Dolors Montserrat, Raúl de la Hoz Quintano, Nicolás Pascual de la Parte, Antonio López-Istúriz White, Rosa Estaràs Ferragut, Maravillas Abadía Jover, Javier Zarzalejos, Isabel Benjumea Benjumea, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Paulo Do Nascimento Cabral, Krzysztof Hetman, Ilia Lazarov, Peter Agius, Jessika Van Leeuwen, Gabriel Mato, Adrián Vázquez Lázara, Esteban González Pons, Alma Ezcurra Almansa, Susana Solís Pérez, Pilar del Castillo Vera

Proposta għal regolament
–

Proposta għal ċaħda

Il-Parlament Ewropew jirrifjuta l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/97 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005.

Or. en

Emenda 24
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín, Julien Leonardelli, Vilis Krištopans, Barbara Bonte, Gilles Pennelle, Raffaele Stancanelli, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
–

Proposta għal ċaħda

Il-Parlament Ewropew jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Nous rejetons cette proposition de la Commission européenne qui est unanimement dénoncée par les filières agricoles et de transport de tous les Etats membres car inadaptée à la réalité physiologique des espèces et des conditions de transport. Cette proposition ne permettra pas une amélioration du bien-être des animaux et mettra à mal les filières, détruisant de fait l'élevage européen. Le règlement CE 1/2005 relatif à la protection des animaux lors du transport est reconnu comme proposant un équilibre acceptable entre protection du bien-être

animal et défense des intérêts des filières. Il est donc préférable de garantir une meilleure application de ce règlement, sans proposer de nouveau texte.

Emenda 25
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Maria Walsh, Flavio Tosi, Sophia Kircher, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005[3] stabbilixxa regoli ***minimi*** komuni għall-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport. Minn mindu ġie adottat, ix-xjenza u t-teknoloġija evolvew. Hemm fehim aħjar ***tar-rekwiżiti dwar l-allokazzjoni tal-ispazju*** u tal-ħtiġijiet tal-annimali matul it-trasport***, b'mod partikolari dawk tal-annimali mhux miftumin u akkwatiċi***. Kien hemm żviluppi sinifikanti fid-disponibbiltà ta' soluzzjonijiet diġitali għall-passi amministrattivi involuti fit-trasport tal-annimali. B'sensibilizzazzjoni u tħassib dejjem akbar taċ-ċittadini dwar il-benesseri tal-annimali u x-xejra lejn metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli, ħafna Stati Membri qegħdin jirrevedu jew jadottaw regoli nazzjonali li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-Kontroll tal-Idoneità tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-benesseri tal-annimali[4], żvela, fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 1/2005, diffikultajiet fl-interpretazzjoni, fl-applikazzjoni u fl-infurzar ta' ċerti dispożizzjonijiet, u b'hekk ikkontribwixxa għal kundizzjonijiet mhux ekwi għall-atturi differenti. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġu rriveduti r-regoli dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport sabiex jiġu allinjati mal-aħħar xjenza u teknoloġija, kif ukoll sabiex dawn isiru aktar faċli sabiex jiġu applikati u infurzati.	(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005[3] stabbilixxa regoli komuni għall-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport. Minn mindu ġie adottat, ix-xjenza u t-teknoloġija evolvew ***għal ċerti speċijiet***. Hemm fehim aħjar al-ħtiġijiet tal-annimali matul it-trasport. Kien hemm żviluppi sinifikanti fid-disponibbiltà ta' soluzzjonijiet diġitali għall-passi amministrattivi involuti fit-trasport tal-annimali. B'sensibilizzazzjoni u tħassib dejjem akbar taċ-ċittadini dwar il-benesseri tal-annimali u x-xejra lejn metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli, ħafna Stati Membri qegħdin jirrevedu jew jadottaw regoli nazzjonali li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-Kontroll tal-Idoneità tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-benesseri tal-annimali[4], żvela, fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 1/2005, diffikultajiet fl-interpretazzjoni, fl-applikazzjoni u fl-infurzar ta' ċerti dispożizzjonijiet, u b'hekk ikkontribwixxa għal kundizzjonijiet mhux ekwi għall-atturi differenti. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġu rriveduti r-regoli dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport ***biex tiġi żgurata implimentazzjoni uniformi fost l-Istati Membri*** sabiex jiġu allinjati mal-aħħar xjenza u teknoloġija, kif ukoll sabiex dawn isiru aktar faċli sabiex jiġu applikati u infurzati***, filwaqt li jiġu rikonoxxuti l-isforzi u l-progress li diġà għamlu l-operaturi fid-diversi setturi***.

[3] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li temenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97 ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1–44.

[4] Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni', Kontroll tal-Idoneità tal-Leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, SWD(2022) 328 final, 4.10.2022

[3] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li temenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97 ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1–44.

[4] Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni', Kontroll tal-Idoneità tal-Leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, SWD(2022) 328 final, 4.10.2022

Or. en

Emenda 26
Benoit Cassart, Asger Christensen, Valérie Devaux, Christine Singer, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005[3] stabbilixxa regoli ***minimi*** komuni għall-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport. Minn mindu ġie adottat, ix-xjenza u t-teknoloġija evolvew. ***Hemm fehim aħjar tar-rekwiżiti dwar l-allokazzjoni tal-ispazju u tal-ħtiġijiet tal-annimali matul it-trasport, b'mod partikolari dawk tal-annimali mhux miftumin u akkwatiċi***. Kien hemm żviluppi sinifikanti fid-disponibbiltà ta' soluzzjonijiet diġitali għall-passi amministrattivi involuti fit-trasport tal-annimali. B'sensibilizzazzjoni u tħassib dejjem akbar taċ-ċittadini dwar il-benesseri tal-annimali u x-xejra lejn metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli, ħafna Stati Membri qegħdin jirrevedu jew jadottaw regoli nazzjonali li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-Kontroll tal-Idoneità tal-	(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005[3] stabbilixxa regoli komuni għall-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport. Minn mindu ġie adottat, ix-xjenza u t-teknoloġija evolvew. Kien hemm żviluppi sinifikanti fid-disponibbiltà ta' soluzzjonijiet diġitali għall-passi amministrattivi involuti fit-trasport tal-annimali. B'sensibilizzazzjoni u tħassib dejjem akbar taċ-ċittadini dwar il-benesseri tal-annimali u x-xejra lejn metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli, ħafna Stati Membri qegħdin jirrevedu jew jadottaw regoli nazzjonali li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-Kontroll tal-Idoneità tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-benesseri tal-annimali[4], żvela, fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 1/2005, diffikultajiet fl-interpretazzjoni, fl-applikazzjoni u fl-

leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-benesseri tal-annimali[4], żvela, fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 1/2005, diffikultajiet fl-interpretazzjoni, fl-applikazzjoni u fl-infurzar ta' ċerti dispożizzjonijiet, u b'hekk ikkontribwixxa għal kundizzjonijiet mhux ekwi għall-atturi differenti. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġu rriveduti r-regoli dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport sabiex jiġu allinjati mal-aħħar xjenza u teknoloġija, kif ukoll sabiex dawn isiru aktar faċli sabiex jiġu applikati u infurzati.

infurzar ta' ċerti dispożizzjonijiet, u b'hekk ikkontribwixxa għal kundizzjonijiet mhux ekwi għall-atturi differenti. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġu rriveduti r-regoli dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport sabiex jiġu allinjati mal-aħħar xjenza u teknoloġija, kif ukoll sabiex dawn isiru aktar faċli sabiex jiġu applikati u infurzati ***filwaqt li jitqiesu l-isforzi li diġà saru mill-atturi kollha tal-katina tal-valur u jtejbu l-kompetittività tagħhom***.

[3] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li temenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97 ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1–44.

[4] Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni', Kontroll tal-Idoneità tal-Leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, SWD(2022) 328 final, 4.10.2022

[3] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li temenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97 ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1–44.

[4] Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni', Kontroll tal-Idoneità tal-Leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, SWD(2022) 328 final, 4.10.2022

Or. en

Emenda 27
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005[3] stabbilixxa regoli minimi komuni għall-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport. Minn mindu ġie adottat, ix-xjenza u t-teknoloġija evolvew. Hemm fehim aħjar tar-rekwiżiti dwar l-allokazzjoni tal-ispazju u tal-ħtiġijiet tal-annimali matul it-trasport, b'mod partikolari dawk tal-annimali mhux miftumin u akkwatiċi. Kien	(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005[3] stabbilixxa regoli minimi komuni għall-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport. Minn mindu ġie adottat, ix-xjenza u t-teknoloġija evolvew ***u l-aspettattivi taċ-ċittadini dwar it-trattament xieraq tal-annimali ma ntlaħqux, minħabba leġiżlazzjoni mhux datata u nuqqas ta' infurzar***. Hemm fehim aħjar tar-rekwiżiti

hemm żviluppi sinifikanti fid-disponibbiltà ta' soluzzjonijiet diġitali għall-passi amministrattivi involuti fit-trasport tal-annimali. B'sensibilizzazzjoni u tħassib dejjem akbar taċ-ċittadini dwar il-benesseri tal-annimali u x-xejra lejn metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli, ħafna Stati Membri qegħdin jirrevedu jew jadottaw regoli nazzjonali li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-Kontroll tal-Idoneità tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-benesseri tal-annimali[4], żvela, fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 1/2005, diffikultajiet fl-interpretazzjoni, fl-applikazzjoni u fl-infurzar ta' ċerti dispożizzjonijiet, u b'hekk ikkontribwixxa għal kundizzjonijiet mhux ekwi għall-atturi differenti. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġu rriveduti r-regoli dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport sabiex jiġu allinjati mal-aħħar xjenza ***u*** teknoloġija, kif ukoll sabiex dawn isiru aktar faċli sabiex jiġu applikati u infurzati.

dwar l-allokazzjoni tal-ispazju u tal-ħtiġijiet ***fiżiċi u ta' mġiba*** tal-annimali matul it-trasport, b'mod partikolari dawk tal-annimali ***mhux tajbin għat-trasport, bħal annimali*** mhux miftumin ***u tqal***, u ***annimali*** akkwatiċi. Kien hemm żviluppi sinifikanti fid-disponibbiltà ta' soluzzjonijiet diġitali għall-passi amministrattivi involuti fit-trasport tal-annimali. B'sensibilizzazzjoni u tħassib dejjem akbar taċ-ċittadini dwar il-benesseri tal-annimali u x-xejra lejn metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli ***u interess akbar fl-ikel mill-pjanti***, ħafna Stati Membri qegħdin jirrevedu jew jadottaw regoli nazzjonali li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-Kontroll tal-Idoneità tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-benesseri tal-annimali[4], żvela, fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 1/2005, diffikultajiet fl-interpretazzjoni, fl-applikazzjoni u fl-infurzar ta' ċerti dispożizzjonijiet, u b'hekk ikkontribwixxa għal ***problemi marbuta mal-benesseri tal-annimali u*** kundizzjonijiet mhux ekwi għall-atturi differenti. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġu rriveduti ***u msaħħa*** r-regoli dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport sabiex jiġu allinjati mal-aħħar xjenza***, it-teknoloġija u l-aspettattivi taċ-ċittadini***, kif ukoll sabiex dawn isiru aktar faċli sabiex jiġu applikati u infurzati.

---

[3] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li temenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97 ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1–44.

[4] Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni', Kontroll tal-Idoneità tal-Leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, SWD(2022) 328 final, 4.10.2022

[3] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li temenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97 ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1–44.

[4] Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni', Kontroll tal-Idoneità tal-Leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, SWD(2022) 328 final, 4.10.2022

Emenda 28
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sophia Kircher, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005[3] stabbilixxa regoli minimi komuni għall-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport. Minn mindu ġie adottat, ix-xjenza u t-teknoloġija evolvew. Hemm fehim aħjar tar-rekwiżiti dwar l-allokazzjoni tal-ispazju u tal-ħtiġijiet tal-annimali matul it-trasport, b'mod partikolari dawk tal-annimali mhux miftumin u akkwatiċi. Kien hemm żviluppi sinifikanti fid-disponibbiltà ta' soluzzjonijiet diġitali għall-passi amministrattivi involuti fit-trasport tal-annimali. B'sensibilizzazzjoni u tħassib dejjem akbar taċ-ċittadini dwar il-benesseri tal-annimali u x-xejra lejn metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli, ħafna Stati Membri qegħdin jirrevedu jew jadottaw regoli nazzjonali li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-Kontroll tal-Idoneità tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-benesseri tal-annimali[4], żvela, fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 1/2005, diffikultajiet fl-interpretazzjoni, fl-applikazzjoni u fl-infurzar ta' ċerti dispożizzjonijiet, u b'hekk ikkontribwixxa għal kundizzjonijiet mhux ekwi għall-atturi differenti. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġu rriveduti r-regoli dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport sabiex jiġu allinjati mal-aħħar xjenza u teknoloġija, kif ukoll sabiex dawn isiru aktar faċli sabiex jiġu applikati u infurzati.	(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005[3] stabbilixxa regoli minimi komuni għall-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport. Minn mindu ġie adottat, ix-xjenza u t-teknoloġija evolvew. ***Għal xi speċijiet,*** hemm fehim aħjar tar-rekwiżiti dwar l-allokazzjoni tal-ispazju u tal-ħtiġijiet tal-annimali matul it-trasport, b'mod partikolari dawk tal-annimali mhux miftumin u akkwatiċi. Kien hemm żviluppi sinifikanti fid-disponibbiltà ta' soluzzjonijiet diġitali għall-passi amministrattivi involuti fit-trasport tal-annimali. B'sensibilizzazzjoni u tħassib dejjem akbar taċ-ċittadini dwar il-benesseri tal-annimali u x-xejra lejn metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli, ħafna Stati Membri qegħdin jirrevedu jew jadottaw regoli nazzjonali li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-Kontroll tal-Idoneità tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-benesseri tal-annimali[4], żvela, fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 1/2005, diffikultajiet fl-interpretazzjoni, fl-applikazzjoni u fl-infurzar ta' ċerti dispożizzjonijiet, u b'hekk ikkontribwixxa għal kundizzjonijiet mhux ekwi għall-atturi differenti. ***Barra minn hekk, l-iżviluppi fil-leġiżlazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tas-sewwieqa, b'mod partikolari l-ħin tal-mistrieħ u r-regoli dwar il-ħin tax-xogħol, iridu jitqiesu biex jiġi żgurat li r-regolamenti dwar it-trasport tal-annimali jallinjaw mal-politiki usa' tat-trasport tal-UE.***

Għalhekk, huwa neċessarju li jiġu rriveduti r-regoli dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport sabiex jiġu allinjati mal-aħħar ***politiki tat-trasport tal-UE***, xjenza u teknoloġija, kif ukoll sabiex dawn isiru aktar faċli sabiex jiġu applikati u infurzati***, u jiġu ggarantiti kundizzjonijiet ugwali għall-operaturi differenti tat-trasport fl-UE u, meta jkun applikabbli, għall-importazzjonijiet minn barra l-UE, kif ukoll biex tittejjeb il-produttività (anqas imwiet u korrimenti) u l-kompetittività tal-operaturi tal-UE, filwaqt li jiġi rikonoxxut il-progress li diġà sar mis-setturi differenti involuti;***

[3] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li temenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97 ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1–44.

[4] Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni', Kontroll tal-Idoneità tal-Leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, SWD(2022) 328 final, 4.10.2022

[3] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li temenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97 ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1–44.

[4] Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni', Kontroll tal-Idoneità tal-Leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, SWD(2022) 328 final, 4.10.2022

Or. en

Emenda 29
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005[3] stabbilixxa regoli minimi komuni għall-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport. Minn mindu ġie adottat, ix-xjenza u t-teknoloġija evolvew. Hemm fehim aħjar tar-rekwiżiti dwar l-allokazzjoni tal-ispazju u tal-ħtiġijiet tal-annimali matul it-	(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005[3] stabbilixxa regoli minimi komuni għall-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport. Minn mindu ġie adottat, ix-xjenza u t-teknoloġija evolvew. Hemm fehim aħjar tar-rekwiżiti dwar l-allokazzjoni tal-ispazju u tal-ħtiġijiet tal-annimali matul it-

trasport, b'mod partikolari dawk tal-annimali mhux miftumin u akkwatiċi. Kien hemm żviluppi sinifikanti fid-disponibbiltà ta' soluzzjonijiet diġitali għall-passi amministrattivi involuti fit-trasport tal-annimali. B'sensibilizzazzjoni u tħassib dejjem akbar taċ-ċittadini dwar il-benesseri tal-annimali u x-xejra lejn metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli, ħafna Stati Membri qegħdin jirrevedu jew jadottaw regoli nazzjonali li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-Kontroll tal-Idoneità tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-benesseri tal-annimali[4], żvela, fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 1/2005, diffikultajiet fl-interpretazzjoni, fl-applikazzjoni u fl-infurzar ta' ċerti dispożizzjonijiet, u b'hekk ikkontribwixxa għal kundizzjonijiet mhux ekwi għall-atturi differenti. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġu rriveduti r-regoli dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport sabiex jiġu allinjati mal-aħħar xjenza u teknoloġija, kif ukoll sabiex dawn isiru aktar faċli sabiex jiġu applikati u infurzati.

[3] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li temenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97 ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1–44.

[4] Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni', Kontroll tal-Idoneità tal-Leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, SWD(2022) 328 final, 4.10.2022

trasport, b'mod partikolari dawk tal-annimali mhux miftumin u akkwatiċi. Kien hemm żviluppi sinifikanti fid-disponibbiltà ta' soluzzjonijiet diġitali għall-passi amministrattivi involuti fit-trasport tal-annimali. B'sensibilizzazzjoni u tħassib dejjem akbar taċ-ċittadini dwar il-benesseri tal-annimali u x-xejra lejn metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli, ħafna Stati Membri qegħdin jirrevedu jew jadottaw regoli nazzjonali li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-Kontroll tal-Idoneità tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-benesseri tal-annimali[4], żvela, fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 1/2005, diffikultajiet fl-interpretazzjoni, fl-applikazzjoni u fl-infurzar ta' ċerti dispożizzjonijiet, u b'hekk ikkontribwixxa għal kundizzjonijiet mhux ekwi għall-atturi differenti. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġu rriveduti r-regoli dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport sabiex jiġu allinjati mal-aħħar xjenza u teknoloġija, kif ukoll sabiex dawn isiru aktar faċli sabiex jiġu applikati u infurzati. ***Ir-regoli dwar it-trasport tal-annimali jeħtieġ li jkunu aktar kompatibbli mar-regoli dwar it-trasport tal-UE biex jiġu żgurati d-drittijiet tal-ħaddiema fl-istess ħin bħall-benesseri tal-annimali.***

[3] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li temenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97 ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1–44.

[4] Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni', Kontroll tal-Idoneità tal-Leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, SWD(2022) 328 final, 4.10.2022

Or. en

Emenda 30
Ivan David

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005[3] stabbilixxa regoli minimi komuni għall-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport. Minn mindu ġie adottat, ix-xjenza u t-teknoloġija evolvew. Hemm fehim aħjar tar-rekwiżiti dwar l-allokazzjoni tal-ispazju u tal-ħtiġijiet tal-annimali matul it-trasport, b'mod partikolari dawk tal-annimali mhux miftumin u akkwatiċi. Kien hemm żviluppi sinifikanti fid-disponibbiltà ta' soluzzjonijiet diġitali għall-passi amministrattivi involuti fit-trasport tal-annimali. B'sensibilizzazzjoni u tħassib dejjem akbar taċ-ċittadini dwar il-benesseri tal-annimali u x-xejra lejn metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli, ħafna Stati Membri qegħdin jirrevedu jew jadottaw regoli nazzjonali li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-Kontroll tal-Idoneità tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-benesseri tal-annimali[4], żvela, fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 1/2005, diffikultajiet fl-interpretazzjoni, fl-applikazzjoni u fl-infurzar ta' ċerti dispożizzjonijiet, u b'hekk ikkontribwixxa għal kundizzjonijiet mhux ekwi għall-atturi differenti. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġu rriveduti r-regoli dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport sabiex jiġu allinjati mal-aħħar xjenza u teknoloġija, kif ukoll sabiex dawn isiru aktar faċli sabiex jiġu applikati u infurzati.	(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005[3] stabbilixxa regoli minimi komuni għall-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport. Minn mindu ġie adottat, ix-xjenza u t-teknoloġija evolvew. Hemm fehim aħjar tar-rekwiżiti dwar l-allokazzjoni tal-ispazju u tal-ħtiġijiet tal-annimali matul it-trasport, b'mod partikolari dawk tal-annimali mhux miftumin u akkwatiċi. Kien hemm żviluppi sinifikanti fid-disponibbiltà ta' soluzzjonijiet diġitali għall-passi amministrattivi involuti fit-trasport tal-annimali. ***Hemm ukoll ħtieġa li r-regoli dwar il-benesseri tal-annimali jsiru aktar kompatibbli mar-regoli tat-trasport tal-UE.*** B'sensibilizzazzjoni u tħassib dejjem akbar taċ-ċittadini dwar il-benesseri tal-annimali u x-xejra lejn metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli, ħafna Stati Membri qegħdin jirrevedu jew jadottaw regoli nazzjonali li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-Kontroll tal-Idoneità tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-benesseri tal-annimali[4], żvela, fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 1/2005, diffikultajiet fl-interpretazzjoni, fl-applikazzjoni u fl-infurzar ta' ċerti dispożizzjonijiet, u b'hekk ikkontribwixxa għal kundizzjonijiet mhux ekwi għall-atturi differenti. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġu rriveduti r-regoli dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport sabiex jiġu allinjati mal-aħħar xjenza u teknoloġija, kif ukoll sabiex dawn isiru aktar faċli sabiex jiġu applikati u infurzati.
[3] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru	[3] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru

1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li temenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97 ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1–44.

[4] Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni', Kontroll tal-Idoneità tal-Leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, SWD(2022) 328 final, 4.10.2022

1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li temenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97 ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1–44.

[4] Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni', Kontroll tal-Idoneità tal-Leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, SWD(2022) 328 final, 4.10.2022

Or. en

Emenda 31
Julien Leonardelli, Valérie Deloge, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005[3] stabbilixxa regoli minimi komuni għall-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport. Minn mindu ġie adottat, ix-xjenza u t-teknoloġija evolvew. Hemm fehim aħjar tar-rekwiżiti dwar l-allokazzjoni tal-ispazju u tal-ħtiġijiet tal-annimali matul it-trasport, b'mod partikolari dawk tal-annimali mhux miftumin u akkwatiċi. Kien hemm żviluppi sinifikanti fid-disponibbiltà ta' soluzzjonijiet diġitali għall-passi amministrattivi involuti fit-trasport tal-annimali. B'sensibilizzazzjoni u tħassib dejjem akbar taċ-ċittadini dwar il-benesseri tal-annimali u x-xejra lejn metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli, ħafna Stati Membri qegħdin jirrevedu jew jadottaw regoli nazzjonali li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-Kontroll tal-Idoneità tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-benesseri tal-annimali[4], żvela, fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 1/2005, diffikultajiet fl-interpretazzjoni, fl-applikazzjoni u fl-	(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005[3] stabbilixxa regoli minimi komuni għall-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport. Minn mindu ġie adottat, ix-xjenza u t-teknoloġija evolvew. ***Għal ċerti speċijiet, hemm*** fehim aħjar tar-rekwiżiti dwar l-allokazzjoni tal-ispazju u tal-ħtiġijiet tal-annimali matul it-trasport, b'mod partikolari dawk tal-annimali mhux miftumin u akkwatiċi. Kien hemm żviluppi sinifikanti fid-disponibbiltà ta' soluzzjonijiet diġitali għall-passi amministrattivi involuti fit-trasport tal-annimali. B'sensibilizzazzjoni u tħassib dejjem akbar taċ-ċittadini dwar il-benesseri tal-annimali u x-xejra lejn metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli, ħafna Stati Membri qegħdin jirrevedu jew jadottaw regoli nazzjonali li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-Kontroll tal-Idoneità tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-benesseri tal-annimali[4], żvela, fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 1/2005, diffikultajiet

infurzar ta' ċerti dispożizzjonijiet, u b'hekk ikkontribwixxa għal kundizzjonijiet mhux ekwi għall-atturi differenti. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġu rriveduti r-regoli dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport sabiex jiġu allinjati mal-aħħar xjenza u teknoloġija, kif ukoll sabiex dawn isiru aktar faċli sabiex jiġu applikati u infurzati.	fl-interpretazzjoni, fl-applikazzjoni u fl-infurzar ta' ċerti dispożizzjonijiet, u b'hekk ikkontribwixxa għal kundizzjonijiet mhux ekwi għall-atturi differenti. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġu rriveduti r-regoli dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport sabiex jiġu allinjati mal-aħħar xjenza u teknoloġija, kif ukoll sabiex dawn isiru aktar faċli sabiex jiġu applikati u infurzati***, filwaqt li huma rikonoxxuti l-isforzi u l-progress li diġà saru mill-operaturi tad-diversi setturi***.
[3] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li temenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97 ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1–44.	[3] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li temenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97 ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1–44.
[4] Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni', Kontroll tal-Idoneità tal-Leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, SWD(2022) 328 final, 4.10.2022.	[4] Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni', Kontroll tal-Idoneità tal-Leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, SWD(2022) 328 final, 4.10.2022.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Huwa minnu li wieħed jifhem aħjar il-bżonnijiet ta' ċerti speċijiet matul it-trasport. Madankollu, huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-livell ta' fehim u għarfien xjentifiku huwa differenti minn speċi għall-oħra. Huwa importanti li jiġi rikonoxxut il-progress kollu li diġà sar għall-operaturi tad-diversi setturi fil-qasam tat-trasport tal-annimali.

Emenda 32
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín, Julien Leonardelli, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005[3] stabbilixxa regoli minimi komuni għall-protezzjoni tal-annimali waqt it-	(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005[3] stabbilixxa regoli minimi komuni għall-protezzjoni tal-annimali waqt it-

trasport. Minn mindu ġie adottat, ix-xjenza u t-teknoloġija evolvew. Hemm fehim aħjar tar-rekwiżiti dwar l-allokazzjoni tal-ispazju u tal-ħtiġijiet tal-annimali matul it-trasport, b'mod partikolari dawk tal-annimali mhux miftumin u akkwatiċi. Kien hemm żviluppi sinifikanti fid-disponibbiltà ta' soluzzjonijiet diġitali għall-passi amministrattivi involuti fit-trasport tal-annimali. B'sensibilizzazzjoni u tħassib dejjem akbar taċ-ċittadini dwar il-benesseri tal-annimali u x-xejra lejn metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli, ħafna Stati Membri qegħdin jirrevedu jew jadottaw regoli nazzjonali li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-Kontroll tal-Idoneità tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-benesseri tal-annimali[4], żvela, fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 1/2005, diffikultajiet fl-interpretazzjoni, fl-applikazzjoni u fl-infurzar ta' ċerti dispożizzjonijiet, u b'hekk ikkontribwixxa għal kundizzjonijiet mhux ekwi għall-atturi differenti. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġu rriveduti ***r-regoli*** dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport sabiex jiġu allinjati mal-aħħar xjenza u teknoloġija, kif ukoll sabiex dawn isiru aktar faċli sabiex jiġu applikati u infurzati.

[3] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li temenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97 ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1–44.

[4] Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni', Kontroll tal-Idoneità tal-Leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, SWD(2022) 328 final, 4.10.2022.

trasport. Minn mindu ġie adottat, ix-xjenza u t-teknoloġija evolvew. Hemm fehim aħjar tar-rekwiżiti dwar l-allokazzjoni tal-ispazju u tal-ħtiġijiet tal-annimali matul it-trasport, b'mod partikolari dawk tal-annimali mhux miftumin u akkwatiċi. Kien hemm żviluppi sinifikanti fid-disponibbiltà ta' soluzzjonijiet diġitali għall-passi amministrattivi involuti fit-trasport tal-annimali. B'sensibilizzazzjoni u tħassib dejjem akbar taċ-ċittadini dwar il-benesseri tal-annimali u x-xejra lejn metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli, ħafna Stati Membri qegħdin jirrevedu jew jadottaw regoli nazzjonali li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-Kontroll tal-Idoneità tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-benesseri tal-annimali[4], żvela, fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 1/2005, diffikultajiet fl-interpretazzjoni, fl-applikazzjoni u fl-infurzar ta' ċerti dispożizzjonijiet, u b'hekk ikkontribwixxa għal kundizzjonijiet mhux ekwi għall-atturi differenti. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġu rriveduti ***u affermati mill-ġdid ir-regoli*** dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport sabiex jiġu allinjati mal-aħħar xjenza u teknoloġija, kif ukoll sabiex dawn isiru aktar faċli sabiex jiġu applikati u infurzati.

[3] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li temenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97 ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1–44.

[4] Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni', Kontroll tal-Idoneità tal-Leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, SWD(2022) 328 final, 4.10.2022.

Or. fr

Emenda 33
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Kif jgħid ukoll l-istudju tal-EPRS tal-2025[1a], hemm kunflitti sinifikanti bejn ir-Regolament (KE) Nru 1/2005, dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport, u r-Regolament (KE) Nru 561/2006, li jirregola l-ħinijiet tas-sewqan, il-pawżi u l-perjodi ta' mistrieħ. Din il-koinċidenza bejn ir-rekwiżiti tagħmilha diffiċli biex jiġi applikat b'mod effettiv il-prinċipju tal-iqsar ħin tal-vjaġġ possibbli.

[1a] Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew, Animal welfare during transport: Update on the implementation of Council Regulation (EC) No 1/2005 (Il-benessri tal-annimali matul it-trasport: Aġġornament dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005), Marzu 2025

Or. ro

Emenda 34
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Sophia Kircher, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Krzysztof Hetman, Céline Imart

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Peress li r-regoli dwar il-benesseri tal-annimali jeħtieġ li jkunu kompatibbli u koerenti mar-regoli tat-trasport tal-UE, l-ippjanar tar-rotot u l-organizzazzjoni tat-trasport ta' annimali ħajjin jenħtieġ li jqisu d-dispożizzjonijiet tar-Regolament

(KE) Nru 561/2006 dwar il-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ għas-sewwieqa, sabiex tiġi evitata l-għeja tas-sewwieqa u, fl-istess ħin, jiġu rrispettati l-ħtiġijiet tat-tmigħ, it-tisqija u l-mistrieħ tal-annimali.

Or. en

Emenda 35
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sophia Kircher, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda, Nina Carberry

Proposta għal regolament
Premessa 1c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1(c) Filwaqt li l-iżgurar tal-koerenza bejn ir-regoli dwar il-benessri tal-annimali u r-regolamenti tat-trasport tal-UE huwa essenzjali, l-ippjanar u l-organizzazzjoni tat-trasport tal-annimali ħajjin jenħtieġ li jqisu d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 dwar il-perjodi ta' sewqan u ta' mistrieħ għas-sewwieqa. Dan l-allinjament huwa meħtieġ biex tiġi pprevenuta l-għeja tas-sewwieq filwaqt li fl-istess ħin jiġi ssalvagwardjat il-benesseri tal-annimali, u jiġi żgurat li jirċievu għalf, tisqija u mistrieħ adegwati matul it-trasport.

Or. en

Emenda 36
Julien Leonardelli, Valérie Deloge, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Huwa essenzjali li tiġi żgurata l-koerenza bejn l-objettivi ta' dan ir-

regolament u liġijiet oħra tal-UE, bħal-liġijiet dwar it-trasport fuq it-triq, il-Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali u l-Liġi Ewropea dwar il-Klima.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Għandha tiġi żgurata l-koerenza mal-objettivi ta' testi leġiżlattivi oħra, pereżempju fil-qasam tas-saħħa tal-annimali, tal-ambjent, tat-trasport bit-triq u affarijiet simili.

Emenda 37
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sophia Kircher, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda, Nina Carberry

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Ir-reviżjoni trid tkun proporzjonali għall-objettivi mfittxija u ma tridx timponi piżijiet amministrattivi bla bżonn jew spejjeż addizzjonali fuq l-operaturi u l-amministrazzjonijiet.

Or. en

Emenda 38
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sophia Kircher, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda, Nina Carberry

Proposta għal regolament
Premessa 1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1b) L-impatti soċjoekonomiċi ta' tali bidla jridu jiġu minimizzati billi jiġu allokati l-fondi u jiġu pprovduti inċentivi adegwati biex l-operaturi jitħeġġu u jkunu jistgħu jagħmlu din it-tranżizzjoni b'mod

effiċjenti.

Or. en

Emenda 39
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) It-trattament xieraq tal-annimali huwa valur tal-Unjoni minqux fl-Artikolu 13 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE"). Barra minn hekk, l-Unjoni u diversi Stati Membri huma firmatarji tal-Konvenzjoni Ewropea riveduta għall-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport internazzjonali[5].	(2) It-trattament xieraq tal-annimali huwa valur tal-Unjoni minqux fl-Artikolu 13 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE")***, li jistipula li peress li l-annimali huma ħlejjaq senzjenti, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom iqisu bis-sħiħ ir-rekwiżiti tat-trattament xieraq tal-annimali***. Barra minn hekk, l-Unjoni u diversi Stati Membri huma firmatarji tal-Konvenzjoni Ewropea riveduta għall-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport internazzjonali[5].
[5] Il-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tal-Annimali waqt it-Trasport Internazzjonali, il-Kunsill tal-Ewropa, Chișinau, 6.XI.2003, is-Serje tat-Trattati tal-Kunsill tal-Ewropa-Nru 193.	[5] Il-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tal-Annimali waqt it-Trasport Internazzjonali, il-Kunsill tal-Ewropa, Chișinau, 6.XI.2003, is-Serje tat-Trattati tal-Kunsill tal-Ewropa-Nru 193.

Or. en

Emenda 40
Emma Wiesner

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Il-biċċa l-kbira tal-annimali jiġu ttrasportati matul ħajjithom. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, dan it-trasport

jikkonsisti primarjament minn trasport domestiku, jiġifieri fil-farm, bejn il-farms, minn farm għal oħra jew minn farm għall-biċċerija. Dan it-trasport huwa parti integrali mill-funzjonament tal-katina agroalimentari, iżda dan mhux dejjem huwa l-każ għat-trasport ikkawżat mill-kummerċ intra-UE u l-importazzjonijiet jew l-esportazzjonijiet tal-UE. Biex jitnaqqas ir-riskju ta' ksur tal-istandards tal-benessri tal-annimali, it-tixrid ta' mard jew ta' kwistjonijiet tas-saħħa tal-annimali, il-kummerċ ta' materjal ġenetiku jew ta' embrijuni minflok it-trasport ta' stokk tat-tnissil, u ta' karkassi u laħam fuq annimali li jgħaddu għall-qatla jenħtieġ li jingħata preferenza. Għalhekk, jeħtieġ li l-Kummissjoni tieħu aktar azzjonijiet biex tistimula din it-tranżizzjoni, bħal fi Pjan ta' Azzjoni.

Or. en

Emenda 41
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Maria Walsh, Flavio Tosi, Sophia Kircher, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) It-trasport ta' annimali ħajjin huwa essenzjali għall-bdiewa u għall-industrija tal-bhejjem, peress li jiffaċilita l-kummerċ, itejjeb id-diversità ġenetika u jforni lis-swieq. Skont rapport mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri[1a], bejn l-2017 u l-2021, madwar 1,6 biljun annimal ħaj ġew ittrasportati kull sena fl-Unjoni Ewropea u f'pajjiżi terzi. Minn dan it-total, madwar 86 % tal-konsenji seħħew bejn l-Istati Membri, filwaqt li 13,5 % kienu esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi u 0,5 % kienu importazzjonijiet minn pajjiżi terzi.

[1a] Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, Rapport Analitiku 03/2023: It-trasport ta' annimali ħajjin fl-UE: sfidi u opportunitajiet

Or. en

Emenda 42
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sophia Kircher, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Huwa essenzjali li tinkiseb koerenza bejn l-objettivi ta' dan ir-Regolament, il-Boxxla għall-Kompetittività u l-leġiżlazzjoni tal-UE, bħal-leġiżlazzjoni dwar it-trasport bit-triq.

Or. en

Emenda 43
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Maria Walsh, Flavio Tosi, Sophia Kircher, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Krzysztof Hetman, Céline Imart

Proposta għal regolament
Premessa 2b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2) It-trasport ta' annimali ħajjin huwa parti fundamentali mill-katina tal-provvista u s-sigurtà tal-ikel. F'kuntest ġeopolitiku kkaratterizzat minn instabbiltà, huwa essenzjali għall-UE li tippreżerva l-kapaċità tal-produzzjoni tagħha u ssaħħaħ il-preżenza tagħha fis-swieq internazzjonali biex tipprevjeni d-

dipendenza mill-importazzjonijiet. L-Unjoni għandha d-dmir li tipprovdi ikel għal aktar minn 450 miljun ċittadin tagħha u li tikkontribwixxi għall-istabbiltà globali tal-ikel f'dinja fejn mijiet ta' miljuni ta' persuni jbatu mill-ġuħ.

Or. en

Emenda 44
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) It-trasport ta' annimali ħajjin huwa parti ***importanti*** mill-katina agroalimentari. Il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport hija kwistjoni ta' tħassib pubbliku li taffettwa l-attitudnijiet tal-konsumaturi lejn il-prodotti ***agrikoli***. Dan ir-Regolament għandu l-għan li jissimplifika l-proċeduri, inaqqas il-piż amministrattiv u jiffaċilita l-infurzar eħfef tar-regoli armonizzati, ***filwaqt li*** jiżgura livell ***għoli*** ta' protezzjoni tal-annimali matul it-trasport. ***L-iżgurar*** tal-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport għandu impatt pożittiv fuq is-saħħa u fuq il-benesseri tal-annimali ***u jikkontribwixxi għal kwalità aħjar tal-prodotti tal-annimali***.	(3) It-trasport ta' annimali ħajjin huwa parti ***ekonomika*** mill-katina agroalimentari. Il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport hija kwistjoni ta' tħassib pubbliku ***fir-rigward tal-benesseri tal-annimali***, li taffettwa l-attitudnijiet tal-konsumaturi lejn il-prodotti tal-annimali ***bħal-laħam, il-ħut, il-prodotti tal-ħalib u l-bajd***. Dan ir-Regolament għandu l-għan li ***jaġġorna u*** jissimplifika l-proċeduri, inaqqas il-piż amministrattiv u jiffaċilita l-infurzar ***aħjar u*** eħfef tar-regoli armonizzati***, u jenħtieġ li jtejjeb il-benesseri tal-annimali fl-UE billi*** jiżgura livell ***ogħla*** ta' protezzjoni tal-annimali matul it-trasport. ***It-titjib*** tal-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport għandu impatt pożittiv fuq is-saħħa u fuq il-benesseri tal-annimali***, jillimita r-riskji ta' mard żoonotiku u t-tixrid tar-reżistenza għall-antimikrobiċi***.

Or. en

Emenda 45
Csaba Dömötör

Proposta għal regolament

Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) It-trasport ta' annimali ħajjin huwa parti importanti mill-katina agroalimentari. ***Il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport hija kwistjoni ta' tħassib pubbliku li taffettwa l-attitudnijiet tal-konsumaturi lejn il-prodotti agrikoli.*** Dan ir-Regolament għandu l-għan li jissimplifika l-proċeduri, inaqqas il-piż amministrattiv u jiffaċilita l-infurzar eħfef tar-regoli armonizzati, filwaqt li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-annimali matul it-trasport. L-iżgurar tal-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport ***għandu impatt pożittiv fuq is-saħħa u fuq il-benesseri tal-annimali u jikkontribwixxi għal kwalità aħjar*** tal-prodotti tal-annimali.	(3) It-trasport ta' annimali ħajjin huwa parti importanti mill-katina agroalimentari. Dan ir-Regolament għandu l-għan li jissimplifika l-proċeduri, inaqqas il-piż amministrattiv u jiffaċilita l-infurzar eħfef tar-regoli armonizzati, filwaqt li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-annimali matul it-trasport. L-iżgurar tal-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport ***ma għandux iżid il-kostijiet tal-input u b'konsegwenza l-prezz*** tal-prodotti tal-annimali.

Or. en

Emenda 46
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) It-trasport ta' annimali ħajjin huwa parti importanti mill-katina agroalimentari. Il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport hija kwistjoni ta' tħassib pubbliku li taffettwa l-attitudnijiet tal-konsumaturi lejn il-prodotti agrikoli. Dan ir-Regolament għandu l-għan li jissimplifika l-proċeduri, inaqqas il-piż amministrattiv u jiffaċilita l-infurzar eħfef tar-regoli armonizzati, filwaqt li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-annimali matul it-trasport. L-iżgurar tal-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport għandu impatt pożittiv fuq is-saħħa u fuq il-benesseri tal-annimali u jikkontribwixxi għal kwalità aħjar tal-prodotti tal-annimali.	(3) It-trasport ta' annimali ħajjin huwa parti importanti mill-katina agroalimentari. ***Huwa wkoll parti importanti mill-kummerċ ta' annimali ħajjin għal skopijiet ekonomiċi oħra bħall-kummerċ tal-annimali domestiċi, l-attivitajiet ta' divertiment jew it-trasferimenti bejn iż-żoos.*** Il-protezzjoni tal-annimali***, b'mod ġenerali iżda b'mod speċifiku*** matul it-trasport hija kwistjoni ta' tħassib pubbliku li taffettwa l-attitudnijiet tal-konsumaturi lejn il-prodotti agrikoli. ***Hija wkoll kwistjoni ta' sikurezza pubblika peress li hija element ewlieni li għandu jiġi kkunsidrat fil-prevenzjoni tat-tfaċċar, it-trażmissjoni u l-ispillover ta' patoġeni u***

mard. Il-metodi li bihom jiġu ttrasportati l-annimali jinvolvu riskji oħra ta' sikurezza kemm għall-bnedmin kif ukoll għall-annimali, kif ukoll riskji għall-benesseri tal-annimali, u jenħtieġ li jiġu adattati skont l-ispeċi li tkun qed tiġi ttrasportata. Dan ir-Regolament għandu l-għan li jissimplifika l-proċeduri, inaqqas il-piż amministrattiv u jiffaċilita l-infurzar eħfef tar-regoli armonizzati, filwaqt li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-annimali matul it-trasport. L-iżgurar tal-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport għandu impatt pożittiv fuq is-saħħa u fuq il-benesseri tal-annimali u jikkontribwixxi għal kwalità aħjar tal-prodotti tal-annimali ***filwaqt li jitnaqqsu t-theddidiet għas-saħħa u s-sikurezza tal-annimali u tal-pubbliku***.

Or. en

Emenda 47
Adrian-George Axinia

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) It-trasport ta' annimali ħajjin huwa parti importanti mill-katina agroalimentari. Il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport hija kwistjoni ta' ħassib pubbliku li taffettwa l-attitudnijiet tal-konsumaturi lejn il-prodotti agrikoli. Dan ir-Regolament għandu l-għan li jissimplifika l-proċeduri, inaqqas il-piż amministrattiv u jiffaċilita l-infurzar eħfef tar-regoli armonizzati, filwaqt li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-annimali matul it-trasport. L-iżgurar tal-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport għandu impatt pożittiv fuq is-saħħa u fuq il-benesseri tal-annimali u jikkontribwixxi għal kwalità aħjar tal-prodotti tal-annimali.	(3) It-trasport ta' annimali ħajjin huwa parti importanti mill-katina agroalimentari***, u jappoġġa l-għajxien tal-bdiewa u tat-trasportaturi filwaqt li jiżgura s-sigurtà tal-ikel u l-istabbiltà ekonomika fiż-żoni rurali***. Il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport hija kwistjoni ta' ħassib pubbliku li taffettwa l-attitudnijiet tal-konsumaturi lejn il-prodotti agrikoli. Dan ir-Regolament għandu l-għan li jissimplifika l-proċeduri, inaqqas il-piż amministrattiv u jiffaċilita l-infurzar eħfef tar-regoli armonizzati, filwaqt li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-annimali matul it-trasport. L-iżgurar tal-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport għandu impatt pożittiv fuq is-saħħa u fuq il-benesseri tal-annimali u jikkontribwixxi

għal kwalità aħjar tal-prodotti tal-annimali***,*** ***filwaqt li jappoġġa wkoll settur tal-bhejjem sostenibbli u ekonomikament vijabbli***. ***Fl-istess ħin, dan ir-Regolament jirrikonoxxi r-rwol vitali tat-trasportaturi u tal-bdiewa fiż-żamma ta' ktajjen tal-provvista effiċjenti u jfittex li jevita restrizzjonijiet bla bżonn li jistgħu jimminaw il-kompetittività tagħhom.***

Or. en

Emenda 48
Benoit Cassart, Asger Christensen, Valérie Devaux, Christine Singer, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) It-trasport ta' annimali ħajjin huwa parti importanti mill-katina agroalimentari. Il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport hija kwistjoni ta' tħassib pubbliku li taffettwa l-attitudnijiet tal-konsumaturi lejn il-prodotti agrikoli. Dan ir-Regolament għandu l-għan li jissimplifika l-proċeduri, inaqqas il-piż amministrattiv u jiffaċilita l-infurzar eħfef tar-regoli armonizzati, filwaqt li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-annimali matul it-trasport. L-iżgurar tal-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport għandu impatt pożittiv fuq is-saħħa u fuq il-benesseri tal-annimali u jikkontribwixxi għal kwalità aħjar tal-prodotti tal-annimali.	(3) It-trasport ta' annimali ħajjin huwa parti importanti mill-katina agroalimentari ***b'popolazzjoni kbira ta' annimali tar-razzett***. Il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport hija kwistjoni ta' tħassib pubbliku li taffettwa l-attitudnijiet tal-konsumaturi lejn il-prodotti agrikoli***, anke jekk ir-riċerka tindika wkoll li fil-prattika, il-prezz għandu t-tendenza li jkun il-fatturi determinanti***. Dan ir-Regolament għandu l-għan li jissimplifika l-proċeduri, inaqqas il-piż amministrattiv ***itejjeb*** u jiffaċilita l-infurzar eħfef tar-regoli armonizzati, filwaqt li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-annimali matul it-trasport ***u jżid il-kompetittività tas-settur tat-trasport tal-annimali***. L-iżgurar tal-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport għandu impatt pożittiv fuq is-saħħa u fuq il-benesseri tal-annimali u jikkontribwixxi għal kwalità aħjar tal-prodotti tal-annimali.

Or. en

Emenda 49
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sophia Kircher, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) It-trasport ta' annimali ħajjin huwa parti importanti mill-katina agroalimentari. Il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport hija kwistjoni ta' tħassib pubbliku li taffettwa l-attitudnijiet tal-konsumaturi lejn il-prodotti agrikoli. Dan ir-Regolament għandu l-għan li jissimplifika l-proċeduri, inaqqas il-piż amministrattiv u jiffaċilita l-infurzar eħfef tar-regoli armonizzati, filwaqt li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-annimali matul it-trasport. L-iżgurar tal-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport għandu impatt pożittiv fuq is-saħħa u fuq il-benesseri tal-annimali u jikkontribwixxi għal kwalità aħjar tal-prodotti tal-annimali.	(3) It-trasport ta' annimali ħajjin huwa parti importanti mill-katina agroalimentari. Il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport hija kwistjoni ta' tħassib pubbliku li taffettwa l-attitudnijiet tal-konsumaturi lejn il-prodotti agrikoli. Dan ir-Regolament għandu l-għan li jissimplifika l-proċeduri, inaqqas il-piż amministrattiv***, iżid il-kompetittività*** u jiffaċilita l-infurzar eħfef tar-regoli armonizzati, filwaqt li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-annimali matul it-trasport. L-iżgurar tal-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport għandu impatt pożittiv fuq is-saħħa u fuq il-benesseri tal-annimali u jikkontribwixxi għal kwalità aħjar tal-prodotti tal-annimali.

Or. en

Emenda 50
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") għandu l-għan li jipprevjeni u jikkontrolla l-mard tal-annimali u jiżgura l-operat sikur ta' attivitajiet li jinvolvu l-annimali u l-prodotti tal-annimali fis-suq uniku tal-

UE. Il-liġi tinkludi għadd ta' dispożizzjonijiet rilevanti għat-trasport tal-annimali, inklużi rekwiżiti għall-prevenzjoni tal-mard, is-sensibilizzazzjoni, is-sorveljanza, il-kontroll u l-eradikazzjoni, il-bijosigurtà, it-traċċabbiltà tal-annimali u tal-prodotti tal-annimali, il-movimenti fl-UE u d-dħul fl-UE ta' annimali u prodotti tal-annimali kif ukoll miżuri ta' emerġenza. Ir-regolament dwar it-trasport tal-annimali jrid jallinja b'mod effettiv mad-dispożizzjonijiet u r-rekwiżiti tal-liġi dwar is-saħħa tal-annimali, u mal-approċċ "Saħħa Waħda", sabiex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi, jiġu ffaċilitati l-proċessi u tiġi żgurata l-komplementarjetà.

Or. en

Emenda 51
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Maria Walsh, Flavio Tosi, Sophia Kircher, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) L-iżgurar tal-benesseri tal-annimali matul il-vjaġġ kollu, mill-punt tat-tluq sad-destinazzjoni finali, huwa kemm obbligu fundamentali kif ukoll interess dirett tal-bidwi. Għal kwalunkwe raħħal, il-kundizzjoni li fiha l-annimali jaslu fid-destinazzjoni tagħhom hija ta' importanza kbira. Il-bidwi jifhem li t-trasport imwettaq f'kundizzjonijiet xierqa biss, li jimminimizza l-istress u t-tbatija, jista' jiżgura s-saħħa tajba tal-annimali u t-tkabbir u l-iżvilupp kontinwu tagħhom. Barra minn hekk, it-trasport xieraq tal-annimali jnaqqas ir-riskju ta' mard jew ta' mwiet, li huwa essenzjali għas-salvagwardja tal-investiment u tal-

għajxien tal-bidwi.

Or. en

Emenda 52
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) It-trasport tal-annimali għandu rwol importanti fit-tixrid malajr tal-mard tal-annimali, inkluż il-mard tal-annimali li jista' jiġi trażmess lill-bnedmin. Sabiex jiġi pprevenut it-tixrid tal-mard tal-annimali, l-enfasi tas-sistema agrikola fl-UE jenħtieġ li tabbanduna l-prattiki intensivi tat-trobbija tal-bhejjem, assoċjati ma' konsegwenzi ambjentali u tal-benesseri tal-annimali dannużi, lejn sistema tal-ikel sostenibbli u aktar ibbażata fuq il-pjanti. Għalhekk huwa meħtieġ b'mod inevitabbli tnaqqis sinifikanti fl-ammont ta' annimali miżmuma fl-UE għall-produzzjoni tal-ikel, speċjalment fl-Istati Membri b'densità għolja ta' bhejjem.

Or. en

Emenda 53
Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Proposta għal regolament
Premessa 3b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3b) Fil-kuntest tal-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt, il-Kummissjoni ħabbret reviżjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-benesseri tal-annimali, inkluż dwar il-benesseri tal-annimali matul it-trasport.

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għall-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport b'rabta ma' attività ekonomika u jfittex li jikkontribwixxi għall-produzzjoni agrikola u tal-ikel sostenibbli, billi jiżgura livell ogħla ta' benesseri tal-annimali. Il-miżuri introdotti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jgħinu fit-tisħiħ tal-prinċipju ta' ktajjen tal-provvista qosra filwaqt li jipproteġu l-annimali, billi jipprevjenu trasport fit-tul għall-iskarnar u jillimitaw it-trasport għal skopijiet oħra minbarra l-iskarnar ukoll. Sabiex jintlaħaq dak l-għan, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti miri kwantifikati fil-livelli tal-Unjoni u tal-Istati Membri biex tinkiseb eliminazzjoni gradwali tat-trasport transfruntier u billi jiġi stabbilit ħin massimu tal-vjaġġ ta' sagħtejn. Il-miri nazzjonali jenħtieġ li jiġu stabbiliti mil-liġi nazzjonali sabiex jiġu żgurati progress u obbligu ta' rendikont adegwati fir-rigward tagħhom. L-Istati Membri jenħtieġ li jilħqu dawn il-miri vinkolanti sal-2040.

Or. en

Emenda 54
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 3c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3c) Kif stabbilit mill-EFSA, it-trasport tal-annimali jżid ir-riskju li jiġu trażmessi batterji reżistenti għall-antimikrobiċi bejn l-annimali minħabba diversi fatturi ta' riskju, inkluż il-kuntatt bejn l-annimali, it-tul tat-trasport, it-trażmissjoni fl-arja fil-vettura jew kundizzjonijiet ambjentali avversi. F'konformità mal-approċċ "Saħħa Waħda", it-tul tat-trasport tal-annimali ħajjin jenħtieġ li jkun limitat kemm jista' jkun.

Or. en

Emenda 55
Salvatore De Meo, Flavio Tosi

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jiżgura l-funzjonament bla xkiel tas-suq intern, inkluż għall-annimali li ma jintużawx għall-produzzjoni tal-ikel, bħall-qtates u l-klieb, l-annimali għall-fer, ċerti tipi ta' annimali selvaġġi, u l-annimali użati għal skopijiet xjentifiċi.	***imħassar***

Or. it

Emenda 56
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín, Julien Leonardelli, Barbara Bonte, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jiżgura l-funzjonament bla xkiel tas-suq intern, ***inkluż*** għall-annimali li ma jintużawx għall-produzzjoni tal-ikel, bħall-qtates u l-klieb, l-annimali għall-fer, ċerti tipi ta' annimali selvaġġi, u l-annimali użati għal skopijiet xjentifiċi.	(4) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jiżgura l-funzjonament bla xkiel tas-suq intern, għall-annimali ***użati għall-produzzjoni tal-ikel, u dawk li ma jintużawx għall-produzzjoni tal-ikel, iżda li huma ddestinati għar-riproduzzjoni jew għad-divertiment u kompetizzjonijiet sportivi. Il-kategoriji l-oħrajn ta' annimali*** li ma jintużawx għall-produzzjoni tal-ikel, bħall-qtates u l-klieb, l-annimali għall-fer, ċerti tipi ta' annimali selvaġġi, u l-annimali użati għal skopijiet xjentifiċi***, huma eskluži mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament, għaliex huma soġġetti għal testi speċifiċi.***

Or. fr

Emenda 57
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jiżgura l-funzjonament bla xkiel tas-suq intern, inkluż għall-annimali li ma jintużawx għall-produzzjoni tal-ikel, bħall-qtates u l-klieb, l-annimali ***għall-fer***, ċerti tipi ta' annimali selvaġġi, u l-annimali użati għal skopijiet xjentifiċi.	(4) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jiżgura l-funzjonament bla xkiel tas-suq intern, inkluż għall-annimali li ma jintużawx għall-produzzjoni tal-ikel, bħall-qtates u l-klieb, l-annimali ***użati għall-produzzjoni tal-fer***, ċerti tipi ta' annimali selvaġġi, u l-annimali użati għal skopijiet xjentifiċi.

Or. en

Emenda 58
Benoit Cassart, Asger Christensen, Valérie Devaux, Christine Singer, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Emma Wiesner, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jiżgura l-funzjonament bla xkiel tas-suq intern, inkluż għall-annimali li ma jintużawx għall-produzzjoni tal-ikel, bħall-qtates u l-klieb, l-annimali għall-fer, ċerti tipi ta' annimali selvaġġi, u l-annimali użati għal skopijiet xjentifiċi.	(4) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jiżgura l-funzjonament bla xkiel tas-suq intern, inkluż għall-annimali li ma jintużawx għall-produzzjoni tal-ikel, bħall-qtates u l-klieb, l-annimali għall-fer, ċerti tipi ta' annimali selvaġġi, ***annimali għat-tnissil*** u l-annimali użati għal skopijiet xjentifiċi.

Or. en

Emenda 59

Benoit Cassart, Asger Christensen, Valérie Devaux, Christine Singer, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi regoli li huma proporzjonati u li ma jimponux piż bla bżonn u kostijiet eċċessivi addizzjonali għall-katina tal-valur kollha. Il-kostijiet addizzjonali jenħtieġ li jiġu mminimizzati u kkumpensati kif xieraq billi jiġu pprovduti inċentivi xierqa biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tar-regoli l-ġodda.

Or. en

Emenda 60
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sophia Kircher, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda, Nina Carberry

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Fl-2022, il-Parlament Ewropew adotta rakkomandazzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport fuq il-bażi tar-rapport tal-Kumitat ta' Inkjesta dwar il-Protezzjoni tal-Annimali waqt it-Trasport fl-Unjoni u barra minnha (il-Kumitat tal-ANIT). Ir-rakkomandazzjonijiet jitolbu lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jirrevedu bir-reqqa l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport fuq il-bażi ta' investigazzjoni xjentifika rigoruża dwar l-impatt tat-trasport fuq l-annimali tal-ispeċijiet u tal-etajiet kollha u ta' valutazzjoni tal-impatt soċjoekonomika, ambjentali u tas-saħħa fil-fond li tqis id-	(5) Fl-2022, il-Parlament Ewropew adotta rakkomandazzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport fuq il-bażi tar-rapport tal-Kumitat ta' Inkjesta dwar il-Protezzjoni tal-Annimali waqt it-Trasport fl-Unjoni u barra minnha (il-Kumitat tal-ANIT). Ir-rakkomandazzjonijiet jitolbu lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jirrevedu bir-reqqa l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport fuq il-bażi ta' investigazzjoni xjentifika rigoruża dwar l-impatt tat-trasport fuq l-annimali tal-ispeċijiet u tal-etajiet kollha u ta' valutazzjoni tal-impatt soċjoekonomika, ambjentali u tas-saħħa fil-fond li tqis id-

diversità tas-sitwazzjonijiet ġeografiċi u tal-ispeċifiċitajiet, u l-mudelli tal-biedja madwar l-Unjoni. Ir-rapport tal-Kumitat tal-ANIT indika wkoll in-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni eżistenti madwar l-Unjoni u rrakkomanda miżuri ***bħar-restrizzjoni tal-ħinijiet tal-vjaġġ, il-projbizzjoni tat-trasport f'temperaturi estremi***, filwaqt li jiġi żgurat li t-trasport tal-annimali lejn pajjiżi terzi ***jsir b'rispett għall-prinċipji*** ta' protezzjoni tal-annimali matul il-vjaġġ sakemm jaslu fid-destinazzjonijiet tagħhom f'pajjiżi terzi. Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew indika l-ħtieġa li t-trasport ta' annimali ħajjin jiġi ssostitwit b'sistema etika aktar effiċjenti li tiffavorixxi t-trasport ta' semen jew ta' embrijuni minflok l-istokk tat-tnissil, u ta' karkassi u ta' laħam minflok l-annimali li jkunu qed jiġu ttrasportati għall-iskarnar.	diversità tas-sitwazzjonijiet ġeografiċi u tal-ispeċifiċitajiet, u l-mudelli tal-biedja madwar l-Unjoni. Ir-rapport tal-Kumitat tal-ANIT indika wkoll in-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni eżistenti madwar l-Unjoni u rrakkomanda miżuri ***għat-titjib tal-infurzar tal-leġiżlazzjoni eżistenti u l-iżgurar ta' standards għall-benessri tal-annimali waqt it-trasport tal-annimali***, ***bħall-garanzija ta' temperatura ottimali ġewwa l-vettura***, filwaqt li jiġi żgurat li t-trasport tal-annimali lejn pajjiżi terzi jsir ***filwaqt li jiġu rrispettati l-prinċipji*** ta' protezzjoni tal-annimali matul il-vjaġġ sakemm jaslu fid-destinazzjonijiet tagħhom f'pajjiżi terzi. Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew indika l-ħtieġa li t-trasport ta' annimali ħajjin jiġi ssostitwit b'sistema etika aktar effiċjenti li tiffavorixxi t-trasport ta' semen jew ta' embrijuni minflok l-istokk tat-tnissil, u ta' karkassi u ta' laħam minflok l-annimali li jkunu qed jiġu ttrasportati għall-iskarnar***, kull meta jkun possibbli***.
	Or. en

Emenda 61
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Sophia Kircher, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Krzysztof Hetman, Céline Imart

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Fl-2022, il-Parlament Ewropew adotta rakkomandazzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport fuq il-bażi tar-rapport tal-Kumitat ta' Inkjesta dwar il-Protezzjoni tal-Annimali waqt it-Trasport fl-Unjoni u barra minnha (il-Kumitat tal-ANIT). Ir-rakkomandazzjonijiet jitolbu lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jirrevedu bir-reqqa l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-	(5) Fl-2022, il-Parlament Ewropew adotta rakkomandazzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport fuq il-bażi tar-rapport tal-Kumitat ta' Inkjesta dwar il-Protezzjoni tal-Annimali waqt it-Trasport fl-Unjoni u barra minnha (il-Kumitat tal-ANIT). Ir-rakkomandazzjonijiet jitolbu lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jirrevedu bir-reqqa l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-

protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport fuq il-bażi ta' investigazzjoni xjentifika rigoruża dwar l-impatt tat-trasport fuq l-annimali tal-ispeċijiet u tal-etajiet kollha u ta' valutazzjoni tal-impatt soċjoekonomika, ambjentali u tas-saħħa fil-fond li tqis id-diversità tas-sitwazzjonijiet ġeografiċi u tal-ispeċifiċitajiet, u l-mudelli tal-biedja madwar l-Unjoni. Ir-rapport tal-Kumitat tal-ANIT indika wkoll in-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni eżistenti madwar l-Unjoni u rrakkomanda miżuri ***bħar-restrizzjoni tal-ħinijiet tal-vjaġġ, il-projbizzjoni tat-trasport f'temperaturi estremi***, filwaqt li jiġi żgurat li t-trasport tal-annimali lejn pajjiżi terzi ***jsir*** b'rispett għall-prinċipji ta' protezzjoni tal-annimali matul il-vjaġġ sakemm jaslu fid-destinazzjonijiet tagħhom f'pajjiżi terzi. Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew indika l-ħtieġa li t-trasport ta' annimali ħajjin jiġi ssostitwit b'sistema etika aktar effiċjenti li tiffavorixxi t-trasport ta' semen jew ta' embrijuni minflok l-istokk tat-tnissil, u ta' karkassi u ta' laħam minflok l-annimali li jkunu qed jiġu ttrasportati għall-iskarnar.

protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport fuq il-bażi ta' investigazzjoni xjentifika rigoruża dwar l-impatt tat-trasport fuq l-annimali tal-ispeċijiet u tal-etajiet kollha u ta' valutazzjoni tal-impatt soċjoekonomika, ambjentali u tas-saħħa fil-fond li tqis id-diversità tas-sitwazzjonijiet ġeografiċi u tal-ispeċifiċitajiet, u l-mudelli tal-biedja madwar l-Unjoni. Ir-rapport tal-Kumitat tal-ANIT indika wkoll in-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni eżistenti madwar l-Unjoni u rrakkomanda miżuri ***għat-titjib tal-infurzar tal-leġiżlazzjoni eżistenti u l-iżgurar ta' standards għall-benessri tal-annimali waqt it-trasport tal-annimali***, ***bħall-garanzija ta' temperatura ottimali ġewwa l-vettura***, filwaqt li jiġi żgurat li t-trasport tal-annimali lejn pajjiżi terzi jsir ***filwaqt li jiġu rrispettati l-prinċipji*** ta' protezzjoni tal-annimali matul il-vjaġġ sakemm jaslu fid-destinazzjonijiet tagħhom f'pajjiżi terzi. Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew indika l-ħtieġa li t-trasport ta' annimali ħajjin jiġi ssostitwit b'sistema etika aktar effiċjenti li tiffavorixxi t-trasport ta' semen jew ta' embrijuni minflok l-istokk tat-tnissil, u ta' karkassi u ta' laħam minflok l-annimali li jkunu qed jiġu ttrasportati għall-iskarnar***,*** ***kull meta jkun possibbli***.

Or. en

Emenda 62
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Fl-2022, il-Parlament Ewropew adotta rakkomandazzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport fuq il-bażi tar-rapport tal-Kumitat ta' Inkjesta dwar il-Protezzjoni tal-Annimali waqt it-Trasport fl-Unjoni u barra minnha	(5) Fl-2022, il-Parlament Ewropew adotta rakkomandazzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport fuq il-bażi tar-rapport tal-Kumitat ta' Inkjesta dwar il-Protezzjoni tal-Annimali waqt it-Trasport fl-Unjoni u barra minnha

(il-Kumitat tal-ANIT). Ir-rakkomandazzjonijiet jitolbu lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jirrevedu bir-reqqa l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport fuq il-bażi ta' investigazzjoni xjentifika rigoruża dwar l-impatt tat-trasport fuq l-annimali tal-ispeċijiet ***u tal-etajiet*** kollha u ta' valutazzjoni tal-impatt soċjoekonomika, ambjentali u tas-saħħa fil-fond li tqis id-diversità tas-sitwazzjonijiet ġeografiċi u tal-ispeċifiċitajiet, u l-mudelli tal-biedja madwar l-Unjoni. Ir-rapport tal-Kumitat tal-ANIT indika wkoll in-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni eżistenti madwar l-Unjoni u rrakkomanda miżuri bħar-restrizzjoni tal-ħinijiet tal-vjaġġ, il-projbizzjoni tat-trasport f'temperaturi estremi**,** filwaqt li jiġi żgurat li t-trasport tal-annimali lejn pajjiżi terzi jsir b'rispett għall-prinċipji ta' protezzjoni tal-annimali matul il-vjaġġ sakemm jaslu fid-destinazzjonijiet tagħhom f'pajjiżi terzi. Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew indika l-ħtieġa li t-trasport ta' annimali ħajjin jiġi ssostitwit b'sistema etika aktar effiċjenti li tiffavorixxi t-trasport ta' semen jew ta' embrijuni minflok l-istokk tat-tnissil, u ta' karkassi u ta' laħam minflok l-annimali li jkunu qed jiġu ttrasportati għall-iskarnar.

(il-Kumitat tal-ANIT). Ir-rakkomandazzjonijiet jitolbu lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jirrevedu bir-reqqa l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport fuq il-bażi ta' investigazzjoni xjentifika rigoruża dwar l-impatt tat-trasport fuq l-annimali tal-ispeċijiet***, inklużi l-ħut u annimali akkwatiċi oħra, u l-etajiet kollha,*** kollha u ta' valutazzjoni tal-impatt soċjoekonomika, ambjentali u tas-saħħa fil-fond li tqis id-diversità tas-sitwazzjonijiet ġeografiċi u tal-ispeċifiċitajiet, u l-mudelli tal-biedja madwar l-Unjoni. Ir-rapport tal-Kumitat tal-ANIT indika wkoll in-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni eżistenti madwar l-Unjoni u rrakkomanda miżuri bħar-restrizzjoni tal-ħinijiet tal-vjaġġ, il-projbizzjoni tat-trasport f'temperaturi estremi ***u*** filwaqt li jiġi żgurat li t-trasport tal-annimali lejn pajjiżi terzi jsir b'rispett għall-prinċipji ta' protezzjoni tal-annimali matul il-vjaġġ sakemm jaslu fid-destinazzjonijiet tagħhom f'pajjiżi terzi. ***Huwa mitlub ukoll li ma jkunx permess it-trasport ta' annimali bejn l-UE u pajjiżi terzi meta ma jistgħux jiġu żgurati l-istandards Ewropej kif stabbiliti mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja C-424/13***. Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew indika l-ħtieġa li t-trasport ta' annimali ħajjin jiġi ssostitwit b'sistema etika aktar effiċjenti li tiffavorixxi t-trasport ta' semen jew ta' embrijuni minflok l-istokk tat-tnissil, u ta' karkassi u ta' laħam minflok l-annimali li jkunu qed jiġu ttrasportati għall-iskarnar. ***Barra minn hekk, il-Parlament talab li jiġi pprojbit it-trasport ta' annimali żgħar ħafna (annimali bovini, ovini, kaprini jew porċini u ekwidi domestiċi) li jkollhom anqas minn 35 jum u li jiġi evitat it-trasport ta' annimali mhux miftuma ta' aktar minn 35 jum.***

Or. en

Emenda 63

André Rodrigues

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Fl-2022, il-Parlament Ewropew adotta rakkomandazzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport fuq il-bażi tar-rapport tal-Kumitat ta' Inkjesta dwar il-Protezzjoni tal-Annimali waqt it-Trasport fl-Unjoni u barra minnha (il-Kumitat tal-ANIT). Ir-rakkomandazzjonijiet jitolbu lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jirrevedu bir-reqqa l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport fuq il-bażi ta' investigazzjoni xjentifika rigoruża dwar l-impatt tat-trasport fuq l-annimali tal-ispeċijiet u tal-etajiet kollha u ta' valutazzjoni tal-impatt soċjoekonomika, ambjentali u tas-saħħa fil-fond li tqis id-diversità tas-sitwazzjonijiet ġeografiċi u tal-ispeċifiċitajiet, u l-mudelli tal-biedja madwar l-Unjoni. Ir-rapport tal-Kumitat tal-ANIT indika wkoll in-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni eżistenti madwar l-Unjoni u rrakkomanda miżuri bħar-restrizzjoni tal-ħinijiet tal-vjaġġ, il-projbizzjoni tat-trasport f'temperaturi estremi, filwaqt li jiġi żgurat li t-trasport tal-annimali lejn pajjiżi terzi jsir b'rispett għall-prinċipji ta' protezzjoni tal-annimali matul il-vjaġġ sakemm jaslu fid-destinazzjonijiet tagħhom f'pajjiżi terzi. Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew indika l-ħtieġa li t-trasport ta' annimali ħajjin jiġi sostitwit b'sistema etika aktar effiċjenti li tiffavorixxi t-trasport ta' semen jew ta' embrijuni minflok l-istokk tat-tnissil, u ta' karkassi u ta' laħam minflok l-annimali li jkunu qed jiġu ttrasportati għall-iskarnar.	(5) Fl-2022, il-Parlament Ewropew adotta rakkomandazzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport fuq il-bażi tar-rapport tal-Kumitat ta' Inkjesta dwar il-Protezzjoni tal-Annimali waqt it-Trasport fl-Unjoni u barra minnha (il-Kumitat tal-ANIT). Ir-rakkomandazzjonijiet jitolbu lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jirrevedu bir-reqqa l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport fuq il-bażi ta' investigazzjoni xjentifika rigoruża dwar l-impatt tat-trasport fuq l-annimali tal-ispeċijiet u tal-etajiet kollha u ta' valutazzjoni tal-impatt soċjoekonomika, ambjentali u tas-saħħa fil-fond li tqis id-diversità tas-sitwazzjonijiet ġeografiċi u tal-ispeċifiċitajiet, u l-mudelli tal-biedja madwar l-Unjoni. Ir-rapport tal-Kumitat tal-ANIT indika wkoll in-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni eżistenti madwar l-Unjoni u rrakkomanda miżuri bħar-restrizzjoni tal-ħinijiet tal-vjaġġ, il-projbizzjoni tat-trasport f'temperaturi estremi ***sakemm il-mezz ta' trasport użat ma jkunx mgħammar b'sistemi ta' kontroll tat-temperatura li jiffunzjonaw***, filwaqt li jiġi żgurat li t-trasport tal-annimali lejn pajjiżi terzi jsir b'rispett għall-prinċipji ta' protezzjoni tal-annimali matul il-vjaġġ sakemm jaslu fid-destinazzjonijiet tagħhom f'pajjiżi terzi. Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew indika l-ħtieġa li t-trasport ta' annimali ħajjin jiġi sostitwit***, kemm jista' jkun,*** b'sistema etika aktar effiċjenti li tiffavorixxi t-trasport ta' semen jew ta' embrijuni minflok l-istokk tat-tnissil, u ta' karkassi u ta' laħam minflok l-annimali li jkunu qed jiġu ttrasportati għall-iskarnar.

Or. en

Emenda 64
Adrian-George Axinia

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Fl-2022, il-Parlament Ewropew adotta rakkomandazzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport fuq il-bażi tar-rapport tal-Kumitat ta' Inkjesta dwar il-Protezzjoni tal-Annimali waqt it-Trasport fl-Unjoni u barra minnha (il-Kumitat tal-ANIT). Ir-rakkomandazzjonijiet jitolbu lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jirrevedu bir-reqqa l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport fuq il-bażi ta' investigazzjoni xjentifika rigoruża dwar l-impatt tat-trasport fuq l-annimali tal-ispeċijiet u tal-etajiet kollha u ta' valutazzjoni tal-impatt soċjoekonomika, ambjentali u tas-saħħa fil-fond li tqis id-diversità tas-sitwazzjonijiet ġeografiċi u tal-ispeċifiċitajiet, u l-mudelli tal-biedja madwar l-Unjoni. Ir-rapport tal-Kumitat tal-ANIT indika wkoll in-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni eżistenti madwar l-Unjoni u rrakkomanda miżuri bħar-restrizzjoni tal-ħinijiet tal-vjaġġ, il-projbizzjoni tat-trasport f'temperaturi estremi, filwaqt li jiġi żgurat li t-trasport tal-annimali lejn pajjiżi terzi jsir b'rispett għall-prinċipji ta' protezzjoni tal-annimali matul il-vjaġġ sakemm jaslu fid-destinazzjonijiet tagħhom f'pajjiżi terzi. Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew indika l-ħtieġa li t-trasport ta' annimali ħajjin jiġi ssostitwit b'sistema etika aktar effiċjenti li tiffavorixxi t-trasport ta' semen jew ta' embrijuni minflok l-istokk tat-tnissil, u ta' karkassi u ta' laħam minflok l-annimali li jkunu qed jiġu ttrasportati għall-iskarnar.	(5) Fl-2022, il-Parlament Ewropew adotta rakkomandazzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport fuq il-bażi tar-rapport tal-Kumitat ta' Inkjesta dwar il-Protezzjoni tal-Annimali waqt it-Trasport fl-Unjoni u barra minnha (il-Kumitat tal-ANIT). Ir-rakkomandazzjonijiet jitolbu lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jirrevedu bir-reqqa l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport fuq il-bażi ta' investigazzjoni xjentifika rigoruża dwar l-impatt tat-trasport fuq l-annimali tal-ispeċijiet u tal-etajiet kollha u ta' valutazzjoni tal-impatt soċjoekonomika, ambjentali u tas-saħħa fil-fond li tqis id-diversità tas-sitwazzjonijiet ġeografiċi u tal-ispeċifiċitajiet, u l-mudelli tal-biedja madwar l-Unjoni. Ir-rapport tal-Kumitat tal-ANIT indika wkoll in-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni eżistenti madwar l-Unjoni u rrakkomanda miżuri bħar-restrizzjoni tal-ħinijiet tal-vjaġġ, il-projbizzjoni tat-trasport f'temperaturi estremi, filwaqt li jiġi żgurat li t-trasport tal-annimali lejn pajjiżi terzi jsir b'rispett għall-prinċipji ta' protezzjoni tal-annimali matul il-vjaġġ sakemm jaslu fid-destinazzjonijiet tagħhom f'pajjiżi terzi. Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew indika l-ħtieġa li t-trasport ta' annimali ħajjin jiġi ssostitwit b'sistema etika aktar effiċjenti li tiffavorixxi t-trasport ta' semen jew ta' embrijuni minflok l-istokk tat-tnissil, u ta' karkassi u ta' laħam minflok l-annimali li jkunu qed jiġu ttrasportati għall-iskarnar. ***Din is-sostituzzjoni tista' ssir kull meta jkun possibbli u jenħtieġ li tqis ir-realtajiet ekonomiċi tas-swieq li***

jibbażaw fuq l-esportazzjonijiet ta' annimali ħajjin. Barra minn hekk, jenħtieġ li tiġi applikata b'mod li ma jfixkilx is-swieq tal-esportazzjoni stabbiliti u jirrikonoxxi l-importanza tat-trasport fuq distanzi twal għaż-żamma tar-relazzjonijiet kummerċjali globali. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu appoġġati soluzzjonijiet effiċjenti u prattiċi li jżommu l-kompetittività u jippermettu esportazzjonijiet kontinwi lejn pajjiżi terzi filwaqt li jiżguraw konformità ma' standards għoljin ta' benesseri.

Or. en

Emenda 65
Carlo Fidanza, Sergio Berlato, Nicola Procaccini, Francesco Ventola

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Fl-2022, il-Parlament Ewropew adotta rakkomandazzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport fuq il-bażi tar-rapport tal-Kumitat ta' Inkjesta dwar il-Protezzjoni tal-Annimali waqt it-Trasport fl-Unjoni u barra minnha (il-Kumitat tal-ANIT). Ir-rakkomandazzjonijiet jitolbu lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jirrevedu bir-reqqa l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport fuq il-bażi ta' investigazzjoni xjentifika rigoruża dwar l-impatt tat-trasport fuq l-annimali tal-ispeċijiet u tal-etajiet kollha u ta' valutazzjoni tal-impatt soċjoekonomika, ambjentali u tas-saħħa fil-fond li tqis id-diversità tas-sitwazzjonijiet ġeografiċi u tal-ispeċifiċitajiet, u l-mudelli tal-biedja madwar l-Unjoni. Ir-rapport tal-Kumitat tal-ANIT indika wkoll in-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni eżistenti madwar l-Unjoni u rrakkomanda miżuri bħar-restrizzjoni tal-ħinijiet tal-vjaġġ, il-	(5) Fl-2022, il-Parlament Ewropew adotta rakkomandazzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport fuq il-bażi tar-rapport tal-Kumitat ta' Inkjesta dwar il-Protezzjoni tal-Annimali waqt it-Trasport fl-Unjoni u barra minnha (il-Kumitat tal-ANIT). Ir-rakkomandazzjonijiet jitolbu lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jirrevedu bir-reqqa l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport fuq il-bażi ta' investigazzjoni xjentifika rigoruża dwar l-impatt tat-trasport fuq l-annimali tal-ispeċijiet u tal-etajiet kollha u ta' valutazzjoni tal-impatt soċjoekonomika, ambjentali u tas-saħħa fil-fond li tqis id-diversità tas-sitwazzjonijiet ġeografiċi u tal-ispeċifiċitajiet, u l-mudelli tal-biedja madwar l-Unjoni. Ir-rapport tal-Kumitat tal-ANIT indika wkoll in-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni eżistenti madwar l-Unjoni u rrakkomanda miżuri bħar-restrizzjoni tal-ħinijiet tal-vjaġġ, il-

projbizzjoni tat-trasport f'temperaturi estremi, filwaqt li jiġi żgurat li t-trasport tal-annimali lejn pajjiżi terzi jsir b'rispett għall-prinċipji ta' protezzjoni tal-annimali matul il-vjaġġ sakemm jaslu fid-destinazzjonijiet tagħhom f'pajjiżi terzi. Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew indika l-ħtieġa li t-trasport ta' annimali ħajjin jiġi ssostitwit b'sistema etika aktar effiċjenti li tiffavorixxi t-trasport ta' semen jew ta' embrijuni minflok l-istokk tat-tnissil, u ta' karkassi u ta' laħam minflok l-annimali li jkunu qed jiġu ttrasportati għall-iskarnar.	projbizzjoni tat-trasport f'temperaturi estremi, filwaqt li jiġi żgurat li t-trasport tal-annimali lejn pajjiżi terzi jsir b'rispett għall-prinċipji ta' protezzjoni tal-annimali matul il-vjaġġ sakemm jaslu fid-destinazzjonijiet tagħhom f'pajjiżi terzi. Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew indika l-ħtieġa li t-trasport ta' annimali ħajjin jiġi ssostitwit b'sistema etika aktar effiċjenti li tiffavorixxi t-trasport ta' semen jew ta' embrijuni minflok l-istokk tat-tnissil, u ta' karkassi u ta' laħam minflok l-annimali li jkunu qed jiġu ttrasportati għall-iskarnar. ***Madankollu, huwa neċessarju li dawn l-indikazzjonijiet jiġu bbilanċjati mal-valutazzjoni tal-impatt soċjoekonomiku u mad-diversità tas-sitwazzjonijiet ġeografiċi, l-ispeċifiċitajiet u l-mudelli tat-trobbija madwar l-Unjoni.***
	Or. it

Emenda 66
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Fl-2022, il-Parlament Ewropew adotta rakkomandazzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport fuq il-bażi tar-rapport tal-Kumitat ta' Inkjesta dwar il-Protezzjoni tal-Annimali waqt it-Trasport fl-Unjoni u barra minnha (il-Kumitat tal-ANIT). Ir-rakkomandazzjonijiet jitolbu lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jirrevedu bir-reqqa l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport fuq il-bażi ta' investigazzjoni xjentifika rigoruża dwar l-impatt tat-trasport fuq l-annimali tal-ispeċijiet u tal-etajiet kollha u ta' valutazzjoni tal-impatt soċjoekonomika, ambjentali u tas-saħħa fil-fond li tqis id-diversità tas-sitwazzjonijiet ġeografiċi u	(5) Fl-2022, il-Parlament Ewropew adotta rakkomandazzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport fuq il-bażi tar-rapport tal-Kumitat ta' Inkjesta dwar il-Protezzjoni tal-Annimali waqt it-Trasport fl-Unjoni u barra minnha (il-Kumitat tal-ANIT). Ir-rakkomandazzjonijiet jitolbu lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jirrevedu bir-reqqa l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport fuq il-bażi ta' investigazzjoni xjentifika rigoruża dwar l-impatt tat-trasport fuq l-annimali tal-ispeċijiet u tal-etajiet kollha u ta' valutazzjoni tal-impatt soċjoekonomika, ambjentali u tas-saħħa fil-fond li tqis id-diversità tas-sitwazzjonijiet ġeografiċi u

tal-ispeċifiċitajiet, u l-mudelli tal-biedja madwar l-Unjoni. Ir-rapport tal-Kumitat tal-ANIT indika wkoll in-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni eżistenti madwar l-Unjoni u rrakkomanda miżuri bħar-restrizzjoni tal-ħinijiet tal-vjaġġ, il-projbizzjoni tat-trasport f'temperaturi estremi, filwaqt li jiġi żgurat li t-trasport tal-annimali lejn pajjiżi terzi jsir b'rispett għall-prinċipji ta' protezzjoni tal-annimali matul il-vjaġġ sakemm jaslu fid-destinazzjonijiet tagħhom f'pajjiżi terzi. Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew indika l-ħtieġa li t-trasport ta' annimali ħajjin jiġi ssostitwit b'sistema etika aktar effiċjenti li tiffavorixxi t-trasport ta' semen jew ta' embrijuni minflok l-istokk tat-tnissil, u ta' karkassi u ta' laħam minflok l-annimali li jkunu qed jiġu ttrasportati għall-iskarnar.

tal-ispeċifiċitajiet, u l-mudelli tal-biedja madwar l-Unjoni. Ir-rapport tal-Kumitat tal-ANIT indika wkoll in-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni eżistenti madwar l-Unjoni u rrakkomanda miżuri bħar-restrizzjoni tal-ħinijiet tal-vjaġġ, il-projbizzjoni tat-trasport f'temperaturi estremi, filwaqt li jiġi żgurat li t-trasport tal-annimali lejn pajjiżi terzi jsir b'rispett għall-prinċipji ta' protezzjoni tal-annimali matul il-vjaġġ sakemm jaslu fid-destinazzjonijiet tagħhom f'pajjiżi terzi***, kif irrimarkat il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fid-deċiżjoni tagħha C-424/13 (Zuchtvieh-Export GmbH vs Stadt Kempten) tal-2015***. Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew indika l-ħtieġa li t-trasport ta' annimali ħajjin jiġi ssostitwit b'sistema etika aktar effiċjenti li tiffavorixxi t-trasport ta' semen jew ta' embrijuni minflok l-istokk tat-tnissil, u ta' karkassi u ta' laħam minflok l-annimali li jkunu qed jiġu ttrasportati għall-iskarnar.

Or. en

Emenda 67
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín, Julien Leonardelli, Barbara Bonte, Gilles Pennelle, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fl-2022, il-Parlament Ewropew adotta rakkomandazzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport fuq il-bażi tar-rapport tal-Kumitat ta' Inkjesta dwar il-Protezzjoni tal-Annimali waqt it-Trasport fl-Unjoni u barra minnha (il-Kumitat tal-ANIT). Ir-rakkomandazzjonijiet jitolbu lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jirrevedu bir-reqqa l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport fuq il-bażi ta' investigazzjoni xjentifika	(5) Fl-2022, il-Parlament Ewropew adotta rakkomandazzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport fuq il-bażi tar-rapport tal-Kumitat ta' Inkjesta dwar il-Protezzjoni tal-Annimali waqt it-Trasport fl-Unjoni u barra minnha (il-Kumitat tal-ANIT). Ir-rakkomandazzjonijiet jitolbu lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jirrevedu bir-reqqa l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport fuq il-bażi ta' investigazzjoni xjentifika

rigoruża dwar l-impatt tat-trasport fuq l-annimali tal-ispeċijiet u tal-etajiet kollha u ta' valutazzjoni tal-impatt soċjoekonomika, ambjentali u tas-saħħa fil-fond li tqis id-diversità tas-sitwazzjonijiet ġeografiċi u tal-ispeċifiċitajiet, u l-mudelli tal-biedja madwar l-Unjoni. Ir-rapport tal-Kumitat tal-ANIT indika wkoll in-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni eżistenti madwar l-Unjoni u rrakkomanda miżuri bħar-restrizzjoni tal-ħinijiet tal-vjaġġ, il-projbizzjoni tat-trasport f'temperaturi estremi, filwaqt li jiġi żgurat li t-trasport tal-annimali lejn pajjiżi terzi jsir b'rispett għall-prinċipji ta' protezzjoni tal-annimali matul il-vjaġġ sakemm jaslu fid-destinazzjonijiet tagħhom f'pajjiżi terzi. Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew indika l-ħtieġa li t-trasport ta' annimali ħajjin jiġi ssostitwit b'sistema etika aktar effiċjenti li tiffavorixxi t-trasport ta' semen jew ta' embrijuni minflok l-istokk tat-tnissil, u ta' karkassi u ta' laħam minflok l-annimali li jkunu qed jiġu ttrasportati għall-iskarnar.	rigoruża dwar l-impatt tat-trasport fuq l-annimali tal-ispeċijiet u tal-etajiet kollha u ta' valutazzjoni tal-impatt soċjoekonomika, ambjentali u tas-saħħa fil-fond li tqis id-diversità tas-sitwazzjonijiet ġeografiċi u tal-ispeċifiċitajiet, u l-mudelli tal-biedja madwar l-Unjoni. Ir-rapport tal-Kumitat tal-ANIT indika wkoll in-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni eżistenti madwar l-Unjoni u rrakkomanda miżuri bħar-restrizzjoni tal-ħinijiet tal-vjaġġ, il-projbizzjoni tat-trasport f'temperaturi estremi, filwaqt li jiġi żgurat li t-trasport tal-annimali lejn pajjiżi terzi jsir b'rispett għall-prinċipji ta' protezzjoni tal-annimali matul il-vjaġġ sakemm jaslu fid-destinazzjonijiet tagħhom f'pajjiżi terzi. Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew indika l-ħtieġa li t-trasport ta' annimali ħajjin jiġi ssostitwit b'sistema etika aktar effiċjenti li ***kemm jista' jkun***tiffavorixxi t-trasport ta' semen jew ta' embrijuni minflok l-istokk tat-tnissil, u ta' karkassi u ta' laħam minflok l-annimali li jkunu qed jiġu ttrasportati għall-iskarnar***, dment li dawn l-alternattivi ma jkunux jirrappreżentaw kost eċċessiv***.
	Or. fr

Emenda 68
Benoit Cassart, Asger Christensen, Valérie Devaux, Christine Singer, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Fl-2022, il-Parlament Ewropew adotta rakkomandazzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport fuq il-bażi tar-rapport tal-Kumitat ta' Inkjesta dwar il-Protezzjoni tal-Annimali waqt it-Trasport fl-Unjoni u barra minnha (il-Kumitat tal-ANIT). Ir-	(5) Fl-2022, il-Parlament Ewropew adotta rakkomandazzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport fuq il-bażi tar-rapport tal-Kumitat ta' Inkjesta dwar il-Protezzjoni tal-Annimali waqt it-Trasport fl-Unjoni u barra minnha (il-Kumitat tal-ANIT). Ir-

rakkomandazzjonijiet jitolbu lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jirrevedu bir-reqqa l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport fuq il-bażi ta' investigazzjoni xjentifika rigoruża dwar l-impatt tat-trasport fuq l-annimali tal-ispeċijiet u tal-etajiet kollha u ta' valutazzjoni tal-impatt soċjoekonomika, ambjentali u tas-saħħa fil-fond li tqis id-diversità tas-sitwazzjonijiet ġeografiċi u tal-ispeċifiċitajiet, u l-mudelli tal-biedja madwar l-Unjoni. Ir-rapport tal-Kumitat tal-ANIT indika wkoll in-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni eżistenti madwar l-Unjoni u rrakkomanda miżuri bħar-restrizzjoni tal-ħinijiet tal-vjaġġ, il-projbizzjoni tat-trasport f'temperaturi estremi, filwaqt li jiġi żgurat li t-trasport tal-annimali lejn pajjiżi terzi jsir b'rispett għall-prinċipji ta' protezzjoni tal-annimali matul il-vjaġġ sakemm jaslu fid-destinazzjonijiet tagħhom f'pajjiżi terzi. Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew indika l-ħtieġa li t-trasport ta' annimali ħajjin jiġi sostitwit b'sistema etika aktar effiċjenti li tiffavorixxi t-trasport ta' semen jew ta' embrijuni minflok l-istokk tat-tnissil, u ta' karkassi u ta' laħam minflok l-annimali li jkunu qed jiġu ttrasportati għall-iskarnar.

rakkomandazzjonijiet jitolbu lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jirrevedu bir-reqqa l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport fuq il-bażi ta' investigazzjoni xjentifika rigoruża dwar l-impatt tat-trasport fuq l-annimali tal-ispeċijiet u tal-etajiet kollha u ta' valutazzjoni tal-impatt soċjoekonomika, ambjentali u tas-saħħa fil-fond li tqis id-diversità tas-sitwazzjonijiet ġeografiċi u tal-ispeċifiċitajiet, u l-mudelli tal-biedja madwar l-Unjoni. Ir-rapport tal-Kumitat tal-ANIT indika wkoll in-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni eżistenti madwar l-Unjoni u rrakkomanda miżuri bħar-restrizzjoni tal-ħinijiet tal-vjaġġ, il-projbizzjoni tat-trasport f'temperaturi estremi, filwaqt li jiġi żgurat li t-trasport tal-annimali lejn pajjiżi terzi jsir b'rispett għall-prinċipji ta' protezzjoni tal-annimali matul il-vjaġġ sakemm jaslu fid-destinazzjonijiet tagħhom f'pajjiżi terzi. Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew indika l-ħtieġa li t-trasport ta' annimali ħajjin jiġi ssostitwit***, kull meta jkun possibbli,*** b'sistema etika aktar effiċjenti li tiffavorixxi t-trasport ta' semen jew ta' embrijuni minflok l-istokk tat-tnissil, u ta' karkassi u ta' laħam minflok l-annimali li jkunu qed jiġu ttrasportati għall-iskarnar.

Or. en

Emenda 69
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Il-mixja lejn is-sostituzzjoni tat-trasport ta' annimali ħajjin bit-trasport ta' karkassi u prodotti tal-laħam, u ta' materjal ġenetiku, tkun pass sinifikanti lejn il-bini ta' ktajjen tal-provvista tal-ikel qosra aktar reżiljenti u sostenibbli, anqas

dipendenti fuq it-trasport fuq distanza twila tal-annimali, it-teħid ta' anqas spazju, it-tnaqqis tal-impatt ambjentali f'termini ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u konsum tal-fjuwil, u l-appoġġ għal farms żgħar, networks reġjonali u standards tal-għajxien deċenti tal-bdiewa. Għalhekk huwa essenzjali li l-Kummissjoni tippreżenta Pjan ta' Azzjoni fi żmien 5 snin biex tistabbilixxi kif għandu jintlaħaq dan l-objettiv.

Or. en

Emenda 70
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Il-Parlament Ewropew, fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Ottubru 2022 dwar l-impenn favur akkwakultura sostenibbli u kompetittiva fl-UE: it-triq 'il quddiem, u abbażi ta' riżoluzzjonijiet preċedenti, tenna li, min-natura tagħhom stess, diversi rakkomandazzjonijiet dwar il-benessri tal-annimali f'din il-proposta tal-Kummissjoni ma humiex applikabbli għas-setturi tas-sajd u l-akkwakultura.

Or. en

Emenda 71
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Sophia Kircher, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) F'Settembru 2022, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("EFSA") ippubblikat ħames opinjonijiet xjentifiċi relatati ma' diversi konsegwenzi u ma' perikli tal-benesseri li jinħolqu matul it-trasport ta' ruminanti żgħar[6] (nagħaġ u mogħoż), ta' ekwidi[7] (żwiemel u ħmir), ta' bovini[8] (frat u għoġġiela), ta' ħnieżer[9] u ta' annimali f'kontejners[10], inklużi għasafar domestiċi (tiġieġ, tiġieġ tal-bajd, dundjani, eċċ.), u fniek ("opinjonijiet tal-EFSA"). L-opinjonijiet tal-EFSA jikkonkludu b'mod wiesa' li l-għoti ta' aktar spazju, it-tnaqqis tat-temperaturi massimi u ż-żamma tal-ħinijiet tal-vjaġġ għal minimu, ilkoll huma meħtieġa sabiex tittejjeb il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport. Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 1/2005 jenħtieġ li jiġi ssostitwit b'Regolament ġdid li jkun konformi mal-aħħar żviluppi fl-għarfien xjentifiku u tekniku f'dan il-qasam u mad-domandi tal-konsumaturi, ***filwaqt li*** jiġu evitati l-ostakli għall-funzjonament tas-suq intern u għall-kummerċ f'annimali ħajjin u tiġi żgurata l-infurzabbiltà tar-regoli l-ġodda.	(6) F'Settembru 2022, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("EFSA") ippubblikat ħames opinjonijiet xjentifiċi relatati ma' diversi konsegwenzi u ma' perikli tal-benesseri li jinħolqu matul it-trasport ta' ruminanti żgħar[6] (nagħaġ u mogħoż), ta' ekwidi[7] (żwiemel u ħmir), ta' bovini[8] (frat u għoġġiela), ta' ħnieżer[9] u ta' annimali f'kontejners[10], inklużi għasafar domestiċi (tiġieġ, tiġieġ tal-bajd, dundjani, eċċ.), u fniek ("opinjonijiet tal-EFSA"). ***Għalkemm,*** l-opinjonijiet tal-EFSA jikkonkludu b'mod wiesa' li l-għoti ta' aktar spazju, it-tnaqqis tat-temperaturi massimi u ż-żamma tal-ħinijiet tal-vjaġġ għal minimu, ilkoll huma meħtieġa sabiex tittejjeb il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport***, ġew identifikati u żvelati diversi sorsi ta' inċertezza u limitazzjonijiet għall-5 opinjonijiet xjentifiċi kollha[11a]***. ***Dawn kienu jinkludu l-fatt li t-trasport, bħala fattur ta' stress kumpless, ġie studjat ħafna anqas meta mqabbel mal-alloġġ jew fatturi oħra tal-benesseri tal-annimali, speċjalment fil-kundizzjonijiet Ewropej; in-nuqqas ta' miżuri dokumentati bbażati fuq l-annimali li setgħu ntużaw għall-analiżi; in-nuqqas ta' studji rilevanti disponibbli f'kundizzjonijiet rakkomandati; il-limiti ta' żmien għall-analiżi; u għadd limitat ta' esperti magħżula***. Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 1/2005 jenħtieġ li jiġi ssostitwit b'Regolament ġdid li jkun konformi mal-aħħar żviluppi fl-għarfien xjentifiku u tekniku f'dan il-qasam u mad-domandi tal-konsumaturi, ***iżda ankrat fir-realtajiet prattiċi fil-prattika, sabiex*** jiġu evitati l-ostakli għall-funzjonament tas-suq intern u għall-kummerċ f'annimali ħajjin u tiġi żgurata l-infurzabbiltà tar-regoli l-ġodda.
	(7a) L-iżvilupp ta' network ta' biċċeriji kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew huwa essenzjali sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal lokali u reġjonali, jiġu rivitalizzati ż-żoni rurali, jinħolqu l-impjiegi, jiġu żviluppati ktajjen tal-provvista qosra u jittejjeb l-aċċess għal ikel frisk u affordabbli għall-konsumaturi, filwaqt li jkun hemm ukoll impatt pożittiv dirett fuq il-benesseri tal-annimali. L-appoġġ għal dan in-network permezz ta' finanzjament adegwat u proċeduri ta' awtorizzazzjoni simplifikati se jsaħħaħ l-ekonomiji lokali u reġjonali u jikkontribwixxi għal sistemi agroalimentari aktar reżiljenti u sostenibbli madwar l-Unjoni Ewropea kollha. L-Istati Membri, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea, jenħtieġ li jidentifikaw u jipprovdu biżżejjed fondi Ewropej u nazzjonali lill-benefiċjarji biex jilħqu dan l-għan. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jissimplifikaw il-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għall-biċċeriji b'mod ġenerali, b'enfasi partikolari fuq il-biċċeriji mobbli.

Or. en

Emenda 88
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Skont l-istudju tal-EPRS tal-2025[1a], in-numru baxx ta' biċċeriji kbar, li huma kkonċentrati f'ċerti reġjuni, spiss

iwassal biex it-trasport tal-annimali fuq distanzi twal ikun inevitabbli. F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-impożizzjoni ta' limiti stretti fuq id-durata tat-trasport lejn il-biċċerija ma hijiex realistika u tista' tippenalizza lill-operaturi li ma għandhom l-ebda alternattiva vijabbli mill-aspett ġeografiku jew ekonomiku. Huwa essenzjali li r-regolamenti Ewropej jirriflettu din ir-realtà meta jimponu limiti fuq id-durata tat-trasport lejn il-biċċerija. Għandhom jiġu mħeġġa l-investimenti f'biċċeriji reġjonali u f'infrastruttura lokali wkoll.

---

*[1a] **Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew, Animal welfare during transport: Update on the implementation of Council Regulation (EC) No 1/2005 (Il-benessri tal-annimali matul it-trasport: Aġġornament dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005), Marzu 2025***

Or. ro

Emenda 89
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) It-teknoloġija għas-sistemi tan-navigazzjoni u għall-bażijiet tad-data elettroniċi avvanzat b'mod konsiderevoli sa mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 1/2005. Dan jagħmilha possibbli li jiġu ssimplifikati l-proċeduri u jissaħħu l-kontrolli u l-ispezzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport, u b'hekk iwassal għal infurzar aħjar tar-regoli tal-Unjoni. Għalhekk, huwa importanti li jsir użu minn teknoloġiji ġodda u li jiġu estiżi l-possibbiltajiet ipprovduti mis-Sistema tal-Kontroll tal-	(8) It-teknoloġija għas-sistemi tan-navigazzjoni u għall-bażijiet tad-data elettroniċi avvanzat b'mod konsiderevoli sa mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 1/2005. Dan jagħmilha possibbli li jiġu ssimplifikati l-proċeduri u jissaħħu l-kontrolli u l-ispezzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport, u b'hekk iwassal għal infurzar aħjar tar-regoli tal-Unjoni. Għalhekk, huwa importanti li jsir użu minn teknoloġiji ġodda u li jiġu estiżi l-possibbiltajiet ipprovduti mis-Sistema tal-Kontroll tal-

Kummerċ u tal-Esperti Veterinarji (TRACES-NT), il-pjattaforma ta' ċertifikazzjoni u ta' ġestjoni diġitali għar-rekwiżiti sanitarji u fitosanitarji kollha, li hija inkorporata fis-Sistema Integrata ta' Ġestjoni għall-Kontrolli Uffiċjali (IMSOC)[11].	Kummerċ u tal-Esperti Veterinarji (TRACES-NT), il-pjattaforma ta' ċertifikazzjoni u ta' ġestjoni diġitali għar-rekwiżiti sanitarji u fitosanitarji kollha, li hija inkorporata fis-Sistema Integrata ta' Ġestjoni għall-Kontrolli Uffiċjali (IMSOC)[11]. ***Madankollu, filwaqt li jitqies li l-Istati Membri diġà għandhom il-bażijiet tad-data tar-reġistrazzjoni tat-trasport tagħhom stess, huwa meħtieġ li tiġi prevista l-interoperabbiltà bejn TRACES u dawn is-sistemi ta' informazzjoni, kif ukoll l-appoġġ finanzjarju għall-Istati Membri biex ikunu jistgħu jagħmlu l-iżviluppi tal-IT meħtieġa.***
[11] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1715 tat-30 ta' Settembru 2019 li jistabbilixxi r-regoli għat-tħaddim tas-sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni għall-kontrolli uffiċjali u l-komponenti tas-sistema tagħha (ir-Regolament IMSOC) C/2019/7005, ĠU L 261, 14.10.2019, p. 37–96.	[11] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1715 tat-30 ta' Settembru 2019 li jistabbilixxi r-regoli għat-tħaddim tas-sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni għall-kontrolli uffiċjali u l-komponenti tas-sistema tagħha (ir-Regolament IMSOC) C/2019/7005, ĠU L 261, 14.10.2019, p. 37–96.

Or. en

Emenda 90
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Maria Walsh, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) It-teknoloġija għas-sistemi tan-navigazzjoni u għall-bażijiet tad-data elettroniċi avvanzat b'mod konsiderevoli sa mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 1/2005. Dan jagħmilha possibbli li jiġu ssimplifikati l-proċeduri u jissaħħu l-kontrolli u l-ispezzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport, u	(8) It-teknoloġija għas-sistemi tan-navigazzjoni u għall-bażijiet tad-data elettroniċi avvanzat b'mod konsiderevoli sa mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 1/2005. Dan jagħmilha possibbli li jiġu ssimplifikati l-proċeduri u jissaħħu l-kontrolli u l-ispezzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport, u

b'hekk iwassal għal infurzar aħjar tar-regoli tal-Unjoni. Għalhekk, huwa importanti li jsir użu minn teknoloġiji ġodda u li jiġu estiżi l-possibbiltajiet ipprovduti mis-Sistema tal-Kontroll tal-Kummerċ u tal-Esperti Veterinarji (TRACES-NT), il-pjattaforma ta' ċertifikazzjoni u ta' ġestjoni diġitali għar-rekwiżiti sanitarji u fitosanitarji kollha, li hija inkorporata fis-Sistema Integrata ta' Ġestjoni għall-Kontrolli Uffiċjali (IMSOC)[11].

[11] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1715 tat-30 ta' Settembru 2019 li jistabbilixxi r-regoli għat-tħaddim tas-sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni għall-kontrolli uffiċjali u l-komponenti tas-sistema tagħha (ir-Regolament IMSOC) C/2019/7005, ĠU L 261, 14.10.2019, p. 37–96.

b'hekk iwassal għal infurzar aħjar tar-regoli tal-Unjoni. Għalhekk, huwa importanti li jsir użu minn teknoloġiji ġodda u li jiġu estiżi l-possibbiltajiet ipprovduti mis-Sistema tal-Kontroll tal-Kummerċ u tal-Esperti Veterinarji (TRACES-NT), il-pjattaforma ta' ċertifikazzjoni u ta' ġestjoni diġitali għar-rekwiżiti sanitarji u fitosanitarji kollha, li hija inkorporata fis-Sistema Integrata ta' Ġestjoni għall-Kontrolli Uffiċjali (IMSOC)[11]. ***Minħabba li l-pajjiżi terzi mhux neċessarjament jużaw sistemi tal-UE bħal TRACES, il-Kummissjoni Ewropea se jkollha tiżgura l-interoperabbiltà bejn is-sistemi tal-UE u dawk ta' pajjiżi terzi għat-trasport ta' annimali ħajjin lejn u minn pajjiżi terzi.***

[11] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1715 tat-30 ta' Settembru 2019 li jistabbilixxi r-regoli għat-tħaddim tas-sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni għall-kontrolli uffiċjali u l-komponenti tas-sistema tagħha (ir-Regolament IMSOC) C/2019/7005, ĠU L 261, 14.10.2019, p. 37–96.

Or. en

Emenda 91
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) It-teknoloġija għas-sistemi tan-navigazzjoni u għall-bażijiet tad-data elettroniċi avvanzat b'mod konsiderevoli sa mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 1/2005. Dan jagħmilha possibbli li jiġu ssimplifikati l-proċeduri u jissaħħu l-kontrolli u l-ispezzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport, u	(8) It-teknoloġija għas-sistemi tan-navigazzjoni***, għall-identifikazzjoni tal-annimali*** u għall-bażijiet tad-data elettroniċi avvanzat b'mod konsiderevoli sa mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 1/2005. Dan jagħmilha possibbli li jiġu ssimplifikati l-proċeduri u jissaħħu l-kontrolli u l-ispezzjonijiet dwar il-

b'hekk iwassal għal infurzar aħjar tar-regoli tal-Unjoni. Għalhekk, huwa importanti li jsir użu minn teknoloġiji ġodda u li jiġu estiżi l-possibbiltajiet ipprovduti mis-Sistema tal-Kontroll tal-Kummerċ u tal-Esperti Veterinarji (TRACES-NT), il-pjattaforma ta' ċertifikazzjoni u ta' ġestjoni diġitali għar-rekwiżiti sanitarji u fitosanitarji kollha, li hija inkorporata fis-Sistema Integrata ta' Ġestjoni għall-Kontrolli Uffiċjali (IMSOC)[11].

[11] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1715 tat-30 ta' Settembru 2019 li jistabbilixxi r-regoli għat-tħaddim tas-sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni għall-kontrolli uffiċjali u l-komponenti tas-sistema tagħha (ir-Regolament IMSOC) C/2019/7005, ĠU L 261, 14.10.2019, p. 37–96.

protezzjoni tal-annimali matul it-trasport, u b'hekk iwassal għal infurzar aħjar tar-regoli tal-Unjoni. Għalhekk, huwa importanti li jsir użu minn teknoloġiji ġodda u li jiġu estiżi l-possibbiltajiet ipprovduti mis-Sistema tal-Kontroll tal-Kummerċ u tal-Esperti Veterinarji (TRACES-NT), il-pjattaforma ta' ċertifikazzjoni u ta' ġestjoni diġitali għar-rekwiżiti sanitarji u fitosanitarji kollha, li hija inkorporata fis-Sistema Integrata ta' Ġestjoni għall-Kontrolli Uffiċjali (IMSOC)[11]. ***Meta jitqies li mhux il-pajjiżi terzi kollha jużaw is-sistemi tal-UE, jeħtieġ li tiġi żgurata l-interoperabbiltà bejn is-sistemi tal-UE u ta' pajjiżi terzi għat-trasport lejn u minn pajjiżi terzi.***

[11] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1715 tat-30 ta' Settembru 2019 li jistabbilixxi r-regoli għat-tħaddim tas-sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni għall-kontrolli uffiċjali u l-komponenti tas-sistema tagħha (ir-Regolament IMSOC) C/2019/7005, ĠU L 261, 14.10.2019, p. 37–96.

Or. en

Emenda 92
Ivan David

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) It-teknoloġija għas-sistemi tan-navigazzjoni u għall-bażijiet tad-data elettroniċi avvanzat b'mod konsiderevoli sa mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 1/2005. Dan jagħmilha possibbli li jiġu ssimplifikati l-proċeduri u jissaħħu l-kontrolli u l-ispezzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport, u b'hekk iwassal għal infurzar aħjar tar-	(8) It-teknoloġija għas-sistemi tan-navigazzjoni u għall-bażijiet tad-data elettroniċi avvanzat b'mod konsiderevoli sa mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 1/2005. Dan jagħmilha possibbli li jiġu ssimplifikati l-proċeduri u jissaħħu l-kontrolli u l-ispezzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport, u b'hekk iwassal għal infurzar aħjar tar-

regoli tal-Unjoni. Għalhekk, huwa importanti li jsir użu minn teknoloġiji ġodda u li jiġu estiżi l-possibbiltajiet ipprovduti mis-Sistema tal-Kontroll tal-Kummerċ u tal-Esperti Veterinarji (TRACES-NT), il-pjattaforma ta' ċertifikazzjoni u ta' ġestjoni diġitali għar-rekwiżiti sanitarji u fitosanitarji kollha, li hija inkorporata fis-Sistema Integrata ta' Ġestjoni għall-Kontrolli Uffiċjali (IMSOC)[11].	regoli tal-Unjoni. Għalhekk, huwa importanti li jsir użu minn teknoloġiji ġodda u li jiġu estiżi l-possibbiltajiet ipprovduti mis-Sistema tal-Kontroll tal-Kummerċ u tal-Esperti Veterinarji (TRACES-NT), il-pjattaforma ta' ċertifikazzjoni u ta' ġestjoni diġitali għar-rekwiżiti sanitarji u fitosanitarji kollha, li hija inkorporata fis-Sistema Integrata ta' Ġestjoni għall-Kontrolli Uffiċjali (IMSOC)[11]. ***Meta jitqies li mhux il-pajjiżi terzi kollha jużaw is-sistemi tal-UE, se jkollha tiġi żgurata interoperabbiltà bejn is-sistemi tal-UE u ta' pajjiżi terzi għat-trasport lejn u minn pajjiżi terzi.***
[11] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1715 tat-30 ta' Settembru 2019 li jistabbilixxi r-regoli għat-tħaddim tas-sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni għall-kontrolli uffiċjali u l-komponenti tas-sistema tagħha (ir-Regolament IMSOC) C/2019/7005, ĠU L 261, 14.10.2019, p. 37–96.	[11] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1715 tat-30 ta' Settembru 2019 li jistabbilixxi r-regoli għat-tħaddim tas-sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni għall-kontrolli uffiċjali u l-komponenti tas-sistema tagħha (ir-Regolament IMSOC) C/2019/7005, ĠU L 261, 14.10.2019, p. 37–96.

Or. en

Emenda 93
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sophia Kircher, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) It-teknoloġija għas-sistemi tan-navigazzjoni u għall-bażijiet tad-data elettroniċi avvanzat b'mod konsiderevoli sa mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 1/2005. Dan jagħmilha possibbli li jiġu ssimplifikati l-proċeduri u jissaħħu l-kontrolli u l-ispezzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport, u b'hekk iwassal għal infurzar aħjar tar-	(8) It-teknoloġija għas-sistemi tan-navigazzjoni u għall-bażijiet tad-data elettroniċi avvanzat b'mod konsiderevoli sa mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 1/2005. Dan jagħmilha possibbli li jiġu ssimplifikati l-proċeduri u jissaħħu l-kontrolli u l-ispezzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport, u b'hekk iwassal għal infurzar aħjar tar-

regoli tal-Unjoni. Għalhekk, huwa importanti li jsir użu minn teknoloġiji ġodda u li jiġu estiżi l-possibbiltajiet ipprovduti mis-Sistema tal-Kontroll tal-Kummerċ u tal-Esperti Veterinarji (TRACES-NT), il-pjattaforma ta' ċertifikazzjoni u ta' ġestjoni diġitali għar-rekwiżiti sanitarji u fitosanitarji kollha, li hija inkorporata fis-Sistema Integrata ta' Ġestjoni għall-Kontrolli Uffiċjali (IMSOC)[11].

[11] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1715 tat-30 ta' Settembru 2019 li jistabbilixxi r-regoli għat-tħaddim tas-sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni għall-kontrolli uffiċjali u l-komponenti tas-sistema tagħha (ir-Regolament IMSOC) C/2019/7005, ĠU L 261, 14.10.2019, p. 37–96.

regoli tal-Unjoni. Għalhekk, huwa importanti li jsir użu minn teknoloġiji ġodda u li jiġu estiżi l-possibbiltajiet ipprovduti mis-Sistema tal-Kontroll tal-Kummerċ u tal-Esperti Veterinarji (TRACES-NT), il-pjattaforma ta' ċertifikazzjoni u ta' ġestjoni diġitali għar-rekwiżiti sanitarji u fitosanitarji kollha, li hija inkorporata fis-Sistema Integrata ta' Ġestjoni għall-Kontrolli Uffiċjali (IMSOC)[11]. ***Kull meta pajjiżi terzi ma jkollhomx aċċess għal TRACES, dawn il-pajjiżi terzi jenħtieġ li jiggarantixxu l-kompatibbiltà bejn is-sistemi kompjuterizzati rispettivi tagħhom biex jiżguraw l-iskambji tad-data.***

[11] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1715 tat-30 ta' Settembru 2019 li jistabbilixxi r-regoli għat-tħaddim tas-sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni għall-kontrolli uffiċjali u l-komponenti tas-sistema tagħha (ir-Regolament IMSOC) C/2019/7005, ĠU L 261, 14.10.2019, p. 37–96.

Or. en

Emenda 94
Flavio Tosi, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(8a) Mill-implimentazzjoni sħiħa mill-Istati Membri tal-qafas stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2020/1056, l-informazzjoni relatata mat-trasport ta' annimali ħajjin — inklużi l-itinerarju, il-ħinijiet tal-ivvjaġġar, il-waqfiet ippjanati u l-kundizzjonijiet ambjentali mistennija — tista' tiġi trażmessa u magħmula disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti, fuq bażi volontarja mill-operaturi,**

permezz ta' pjattaformi elettroniċi konformi mar-rekwiżiti għal sistemi ta' informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija (eFTI), sabiex jiġu ffaċilitati l-kontrolli uffiċjali u jitnaqqas il-ħin għall-eżekuzzjoni.

Or. en

Emenda 95
Benoit Cassart, Asger Christensen, Valérie Devaux, Christine Singer, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Dan ir-Regolament jipprevedi regoli sabiex il-bażi tad-data TRACES tkun tista' tinkorpora awtorizzazzjonijiet diġitali, ċertifikati ta' approvazzjoni, ċertifikati ta' kompetenza***,*** ġurnali tal-vjaġġ***, trekkjar dirett tal-vetturi tat-triq u previżjonijiet tat-temperatura***. TRACES jenħtieġ li jkun fiha wkoll listi ta' postijiet ta' kontroll f'pajjiżi terzi u ta' punti ta' ħruġ tal-UE. Tippermetti wkoll ippjanar aktar realistiku tal-vjaġġi, traċċabilità effiċjenti, monitoraġġ aħjar tal-operazzjonijiet u tal-indikaturi tal-benesseri tal-annimali, miżuri ta' emerġenza f'waqthom u analiżi sħiħa tad-data, bl-objettiv ġenerali li tiġi żgurata applikazzjoni aktar effettiva u infurzar aħjar tar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport, kif ukoll it-tnaqqis b'mod konsiderevoli tal-piż amministrattiv.	(9) Dan ir-Regolament jipprevedi regoli sabiex il-bażi tad-data TRACES tkun tista' tinkorpora awtorizzazzjonijiet diġitali, ċertifikati ta' approvazzjoni, ċertifikati ta' kompetenza ***u*** ġurnali tal-vjaġġ. TRACES jenħtieġ li ***tkun faċli għall-utent u*** jkun fiha wkoll listi ta' postijiet ta' kontroll f'pajjiżi terzi u ta' punti ta' ħruġ tal-UE. Tippermetti wkoll ippjanar aktar realistiku tal-vjaġġi, traċċabilità effiċjenti, monitoraġġ aħjar tal-operazzjonijiet u tal-indikaturi tal-benesseri tal-annimali, miżuri ta' emerġenza f'waqthom u analiżi sħiħa tad-data, bl-objettiv ġenerali li tiġi żgurata applikazzjoni aktar effettiva u infurzar aħjar tar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport, kif ukoll it-tnaqqis b'mod konsiderevoli tal-piż amministrattiv. ***Madankollu, il-pajjiżi terzi jista' jkollhom bażi tad-data nazzjonali oħra biex jirreġistraw il-vjaġġi. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni Ewropea tiżgura l-interoperabbiltà tas-sistemi nazzjonali ma' TRACES biex tiffaċilita l-iskambju tad-data. Barra minn hekk, TRACES jenħtieġ li tiżgura li l-informazzjoni tinħażen u tiġi ttrattata***

f'konformità sħiħa mar-regolamenti applikabbli tal-Unjoni, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Or. en

Emenda 96
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Dan ir-Regolament jipprevedi regoli sabiex il-bażi tad-data TRACES tkun tista' tinkorpora awtorizzazzjonijiet diġitali, ċertifikati ta' approvazzjoni, ċertifikati ta' kompetenza, ġurnali tal-vjaġġ, trekkjar dirett ***tal-vetturi tat-triq*** u previżjonijiet tat-temperatura. TRACES jenħtieġ li jkun fiha wkoll listi ta' postijiet ta' kontroll f'pajjiżi terzi u ta' punti ta' ħruġ tal-UE. Tippermetti wkoll ippjanar aktar realistiku tal-vjaġġi, traċċabilità effiċjenti, monitoraġġ aħjar tal-operazzjonijiet u tal-indikaturi tal-benesseri tal-annimali, miżuri ta' emerġenza f'waqthom u analiżi sħiħa tad-data, bl-objettiv ġenerali li tiġi żgurata applikazzjoni aktar effettiva u infurzar aħjar tar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport, kif ukoll it-tnaqqis b'mod konsiderevoli tal-piż amministrattiv.	(9) Dan ir-Regolament jipprevedi regoli sabiex il-bażi tad-data TRACES tkun tista' tinkorpora awtorizzazzjonijiet diġitali, ċertifikati ta' approvazzjoni, ċertifikati ta' kompetenza, ġurnali tal-vjaġġ, trekkjar dirett ***tal-mezzi kollha tat-trasport*** u previżjonijiet tat-temperatura. TRACES jenħtieġ li jkun fiha wkoll listi ta' postijiet ta' kontroll f'pajjiżi terzi u ta' punti ta' ħruġ tal-UE. Tippermetti wkoll ippjanar aktar realistiku tal-vjaġġi, traċċabilità effiċjenti, monitoraġġ aħjar tal-operazzjonijiet u tal-indikaturi tal-benesseri tal-annimali, miżuri ta' emerġenza f'waqthom u analiżi sħiħa tad-data, bl-objettiv ġenerali li tiġi żgurata applikazzjoni aktar effettiva u infurzar aħjar tar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport, ***u biex jiġi pprevenut li jiġi approvat trasport bi ppjanar tal-vjaġġi mhux realistiku jew mhux plawżibbli jew pjanijiet ta' emerġenza neqsin,*** kif ukoll it-tnaqqis b'mod konsiderevoli tal-piż amministrattiv. ***Sabiex jiġi żgurat użu aħjar ta' TRACES fit-twettiq ta' kontrolli retrospettivi, tista' titqies l-estensjoni tad-dritt ta' aċċess ta' TRACES għall-aċċess pubbliku, speċifikament għall-organizzazzjonijiet mhux governattivi.***

Or. en

Emenda 97
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Dan ir-Regolament jipprevedi regoli sabiex il-bażi tad-data TRACES tkun tista' tinkorpora awtorizzazzjonijiet diġitali, ċertifikati ta' approvazzjoni, ċertifikati ta' kompetenza, ġurnali tal-vjaġġ, trekkjar dirett ***tal-vetturi tat-triq*** u previżjonijiet tat-temperatura. TRACES jenħtieġ li jkun fiha wkoll listi ta' postijiet ta' kontroll f'pajjiżi terzi u ta' punti ta' ħruġ tal-UE. Tippermetti wkoll ippjanar aktar realistiku tal-vjaġġi, traċċabilità effiċjenti, monitoraġġ aħjar tal-operazzjonijiet u tal-indikaturi tal-benesseri tal-annimali, miżuri ta' emerġenza f'waqthom u analiżi sħiħa tad-data, bl-objettiv ġenerali li tiġi żgurata applikazzjoni aktar effettiva u infurzar aħjar tar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport, kif ukoll it-tnaqqis b'mod konsiderevoli tal-piż amministrattiv.	(9) ***TRACES hija għodda ewlenija għall-monitoraġġ tat-trasport u għat-titjib tat-traċċabbiltà fl-Unjoni Ewropea. Sabiex jiġi żgurat l-użu effettiv tagħha u tiġi mħeġġa l-konformità, il-pjattaforma jeħtiġilha tkun aċċessibbli, faċli biex tintuża, u adattata għar-rekwiżiti speċifiċi tal-operaturi tat-trasport.*** Dan ir-Regolament jipprevedi regoli sabiex il-bażi tad-data TRACES tkun tista' tinkorpora awtorizzazzjonijiet diġitali, ċertifikati ta' approvazzjoni, ċertifikati ta' kompetenza, ġurnali tal-vjaġġ, trekkjar dirett ***tal-mezzi kollha tat-trasport*** u previżjonijiet tat-temperatura. TRACES jenħtieġ li jkun fiha wkoll listi ta' postijiet ta' kontroll f'pajjiżi terzi u ta' punti ta' ħruġ tal-UE. Tippermetti wkoll ippjanar aktar realistiku tal-vjaġġi, traċċabilità effiċjenti, monitoraġġ aħjar tal-operazzjonijiet***, tar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali*** u tal-indikaturi tal-benesseri tal-annimali, miżuri ta' emerġenza f'waqthom u analiżi sħiħa tad-data, bl-objettiv ġenerali li tiġi żgurata applikazzjoni aktar effettiva u infurzar aħjar tar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport, kif ukoll it-tnaqqis b'mod konsiderevoli tal-piż amministrattiv.

Or. en

Emenda 98
Adrian-George Axinia

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Dan ir-Regolament jipprevedi regoli sabiex il-bażi tad-data TRACES tkun tista' tinkorpora awtorizzazzjonijiet diġitali, ċertifikati ta' approvazzjoni, ċertifikati ta' kompetenza, ġurnali tal-vjaġġ, trekkjar dirett tal-vetturi tat-triq u previżjonijiet tat-temperatura. TRACES jenħtieġ li jkun fiha wkoll listi ta' postijiet ta' kontroll f'pajjiżi terzi u ta' punti ta' ħruġ tal-UE. Tippermetti wkoll ippjanar aktar realistiku tal-vjaġġi, traċċabilità effiċjenti, monitoraġġ aħjar tal-operazzjonijiet u tal-indikaturi tal-benesseri tal-annimali, miżuri ta' emerġenza f'waqthom u analiżi sħiħa tad-data, bl-objettiv ġenerali li tiġi żgurata applikazzjoni aktar effettiva u infurzar aħjar tar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport, kif ukoll it-tnaqqis b'mod konsiderevoli tal-piż amministrattiv.	(9) Dan ir-Regolament jipprevedi regoli sabiex il-bażi tad-data TRACES tkun tista' tinkorpora awtorizzazzjonijiet diġitali, ċertifikati ta' approvazzjoni, ċertifikati ta' kompetenza, ġurnali tal-vjaġġ, trekkjar dirett tal-vetturi tat-triq u previżjonijiet tat-temperatura. TRACES jenħtieġ li jkun fiha wkoll listi ta' postijiet ta' kontroll f'pajjiżi terzi u ta' punti ta' ħruġ tal-UE***, u b'hekk tiġi ffaċilitata l-kontinwazzjoni bla xkiel tat-trasport tal-annimali lil hinn mill-fruntieri tal-Unjoni***. Tippermetti wkoll ippjanar aktar realistiku tal-vjaġġi, traċċabilità effiċjenti, monitoraġġ aħjar tal-operazzjonijiet u tal-indikaturi tal-benesseri tal-annimali, miżuri ta' emerġenza f'waqthom u analiżi sħiħa tad-data, bl-objettiv ġenerali li tiġi żgurata applikazzjoni aktar effettiva u infurzar aħjar tar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport, kif ukoll it-tnaqqis b'mod konsiderevoli tal-piż amministrattiv. ***Sabiex jappoġġa l-esportazzjonijiet ta' annimali ħajjin, dan ir-Regolament jenħtieġ li jiżgura wkoll flessibbiltà fir-rekwiżiti tat-trasport għal destinazzjonijiet f'pajjiżi terzi, filwaqt li jirrikonoxxi kundizzjonijiet klimatiċi, infrastruttura u ftehimiet kummerċjali differenti. Il-proċeduri ssimplifikati u r-rikonoxximent ta' standards ta' benesseri ekwivalenti f'pajjiżi terzi jenħtieġ li jiffaċilitaw trasport transfruntier bla xkiel, inaqqsu d-dewmien u r-restrizzjonijiet mhux meħtieġa. Barra minn hekk, il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi u l-kontrolli ssimplifikati fuq il-fruntieri jgħinu biex jiġi pprevenut it-tfixkil, filwaqt li jiġi żgurat li l-bdiewa u t-trasportaturi mill-Unjoni jkunu jistgħu jibqgħu kompetittivi fis-swieq globali filwaqt li jinżammu standards għoljin ta' benesseri tal-annimali.***

Or. en

Emenda 99
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Sophia Kircher, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Dan ir-Regolament jipprevedi regoli sabiex il-bażi tad-data TRACES tkun tista' tinkorpora awtorizzazzjonijiet diġitali, ċertifikati ta' approvazzjoni, ċertifikati ta' kompetenza, ġurnali tal-vjaġġ***,*** trekkjar ***dirett*** tal-vetturi tat-triq ***u previżjonijiet tat-temperatura***. TRACES jenħtieġ li jkun fiha wkoll listi ta' postijiet ta' kontroll f'pajjiżi terzi u ta' punti ta' ħruġ tal-UE. Tippermetti wkoll ippjanar aktar realistiku tal-vjaġġi, traċċabilità effiċjenti, monitoraġġ aħjar tal-operazzjonijiet u tal-indikaturi tal-benesseri tal-annimali, miżuri ta' emerġenza f'waqthom u analiżi sħiħa tad-data, bl-objettiv ġenerali li tiġi żgurata applikazzjoni aktar effettiva u infurzar aħjar tar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport, kif ukoll it-tnaqqis b'mod konsiderevoli tal-piż amministrattiv.	(9) Dan ir-Regolament jipprevedi regoli sabiex il-bażi tad-data TRACES tkun tista' tinkorpora awtorizzazzjonijiet diġitali, ċertifikati ta' approvazzjoni, ċertifikati ta' kompetenza, ġurnali tal-vjaġġ ***u*** trekkjar tal-vetturi tat-triq. TRACES jenħtieġ li jkun fiha wkoll listi ta' postijiet ta' kontroll f'pajjiżi terzi u ta' punti ta' ħruġ tal-UE. Tippermetti wkoll ippjanar aktar realistiku tal-vjaġġi, traċċabilità effiċjenti, monitoraġġ aħjar tal-operazzjonijiet u tal-indikaturi tal-benesseri tal-annimali, miżuri ta' emerġenza f'waqthom u analiżi sħiħa tad-data, bl-objettiv ġenerali li tiġi żgurata applikazzjoni aktar effettiva u infurzar aħjar tar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport, kif ukoll it-tnaqqis b'mod konsiderevoli tal-piż amministrattiv. ***Madankollu, għal vjaġġi mwettqa fi Stat Membru, it-traċċabbiltà jenħtieġ li tiġi żgurata jew minn TRACES, sistema nazzjonali interoperabbli ma' TRACES jew sistema nazzjonali li tista' tiggarantixxi traċċabbiltà adegwata tat-trasport ta' annimali ħajjin.***

Or. en

Emenda 100
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sophia Kircher, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Dan ir-Regolament jipprevedi regoli sabiex il-bażi tad-data TRACES tkun tista' tinkorpora awtorizzazzjonijiet diġitali, ċertifikati ta' approvazzjoni, ċertifikati ta' kompetenza, ġurnali tal-vjaġġ, trekkjar dirett tal-vetturi tat-triq u previżjonijiet tat-temperatura. TRACES jenħtieġ li jkun fiha wkoll listi ta' postijiet ta' kontroll f'pajjiżi terzi u ta' punti ta' ħruġ tal-UE. Tippermetti wkoll ippjanar aktar realistiku tal-vjaġġi, traċċabilità effiċjenti, monitoraġġ aħjar tal-operazzjonijiet u tal-indikaturi tal-benesseri tal-annimali, miżuri ta' emerġenza f'waqthom u analiżi sħiħa tad-data, bl-objettiv ġenerali li tiġi żgurata applikazzjoni aktar effettiva u infurzar aħjar tar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport, kif ukoll it-tnaqqis b'mod konsiderevoli tal-piż amministrattiv.	(9) Dan ir-Regolament jipprevedi regoli sabiex il-bażi tad-data TRACES tkun tista' tinkorpora awtorizzazzjonijiet diġitali, ċertifikati ta' approvazzjoni, ċertifikati ta' kompetenza, ġurnali tal-vjaġġ, trekkjar dirett tal-vetturi tat-triq u previżjonijiet tat-temperatura. TRACES jenħtieġ li jkun fiha wkoll listi ta' postijiet ta' kontroll f'pajjiżi terzi u ta' punti ta' ħruġ tal-UE. Tippermetti wkoll ippjanar aktar realistiku tal-vjaġġi, traċċabilità effiċjenti, monitoraġġ aħjar tal-operazzjonijiet u tal-indikaturi tal-benesseri tal-annimali, miżuri ta' emerġenza f'waqthom u analiżi sħiħa tad-data, bl-objettiv ġenerali li tiġi żgurata applikazzjoni aktar effettiva u infurzar aħjar tar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport, kif ukoll it-tnaqqis b'mod konsiderevoli tal-piż amministrattiv. ***Madankollu, għal vjaġġi mwettqa fi Stat Membru, it-traċċabbiltà jenħtieġ li tiġi żgurata permezz ta' TRACES, sistema nazzjonali interoperabbli ma' TRACES, jew sistema nazzjonali li kapaċi tiggarantixxi traċċabbiltà adegwata tat-trasport ta' annimali ħajjin.***

Or. en

Emenda 101
Waldemar Buda, Anna Zalewska, Kosma Złotowski, Beata Szydło

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Dan ir-Regolament jipprevedi regoli sabiex il-bażi tad-data TRACES tkun tista' tinkorpora awtorizzazzjonijiet	(9) Dan ir-Regolament jipprevedi regoli sabiex il-bażi tad-data TRACES tkun tista' tinkorpora awtorizzazzjonijiet

diġitali, ċertifikati ta’ approvazzjoni, ċertifikati ta’ kompetenza, ġurnali tal-vjaġġ, trekkjar dirett tal-vetturi tat-triq u previżjonijiet tat-temperatura. TRACES jenħtieġ li jkun fiha wkoll listi ta’ postijiet ta’ kontroll f’pajjiżi terzi u ta’ punti ta’ ħruġ tal-UE. Tippermetti wkoll ippjanar aktar realistiku tal-vjaġġi, traċċabilità effiċjenti, monitoraġġ aħjar tal-operazzjonijiet u tal-indikaturi tal-benesseri tal-annimali, miżuri ta’ emerġenza f’waqthom u analiżi sħiħa tad-data, bl-objettiv ġenerali li tiġi żgurata applikazzjoni aktar effettiva u infurzar aħjar tar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport, kif ukoll it-tnaqqis b’mod konsiderevoli tal-piż amministrattiv.	diġitali, ċertifikati ta’ approvazzjoni, ċertifikati ta’ kompetenza, ġurnali tal-vjaġġ, trekkjar dirett tal-vetturi tat-triq u previżjonijiet tat-temperatura. TRACES jenħtieġ li jkun fiha wkoll listi ta’ postijiet ta’ kontroll f’pajjiżi terzi u ta’ punti ta’ ħruġ tal-UE. Tippermetti wkoll ippjanar aktar realistiku tal-vjaġġi, traċċabilità effiċjenti, monitoraġġ aħjar tal-operazzjonijiet u tal-indikaturi tal-benesseri tal-annimali, miżuri ta’ emerġenza f’waqthom u analiżi sħiħa tad-data, bl-objettiv ġenerali li tiġi żgurata applikazzjoni aktar effettiva u infurzar aħjar tar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport, kif ukoll it-tnaqqis b’mod konsiderevoli tal-piż amministrattiv. ***Madankollu, l-użu ta’ TRACES jenħtieġ li jkun fuq bażi volontarja għat-trasport ta’ annimali fl-istess Stat Membru sabiex ma jiġux iġġenerati pożijiet sproporzjonati għal vjaġġi qosra.***

Or. en

Emenda 102
Flavio Tosi, Salvatore De Meo, Borja Giménez Larraz

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Dan ir-Regolament jipprevedi regoli sabiex il-bażi tad-data TRACES tkun tista’ tinkorpora awtorizzazzjonijiet diġitali, ċertifikati ta’ approvazzjoni, ċertifikati ta’ kompetenza, ġurnali tal-vjaġġ, trekkjar dirett tal-vetturi tat-triq u previżjonijiet tat-temperatura. TRACES jenħtieġ li jkun fiha wkoll listi ta’ postijiet ta’ kontroll f’pajjiżi terzi u ta’ punti ta’ ħruġ tal-UE. Tippermetti wkoll ippjanar aktar realistiku tal-vjaġġi, traċċabilità effiċjenti, monitoraġġ aħjar tal-operazzjonijiet u tal-indikaturi tal-benesseri	(9) Dan ir-Regolament jipprevedi regoli sabiex il-bażi tad-data TRACES tkun tista’ tinkorpora awtorizzazzjonijiet diġitali, ċertifikati ta’ approvazzjoni, ċertifikati ta’ kompetenza, ġurnali tal-vjaġġ, trekkjar dirett tal-vetturi tat-triq u previżjonijiet tat-temperatura. TRACES jenħtieġ li jkun fiha wkoll listi ta’ postijiet ta’ kontroll f’pajjiżi terzi u ta’ punti ta’ ħruġ tal-UE. Tippermetti wkoll ippjanar aktar realistiku tal-vjaġġi, traċċabilità effiċjenti, monitoraġġ aħjar tal-operazzjonijiet u tal-indikaturi tal-benesseri

tal-annimali, miżuri ta' emerġenza f'waqthom u analiżi sħiħa tad-data, bl-objettiv ġenerali li tiġi żgurata applikazzjoni aktar effettiva u infurzar aħjar tar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport, kif ukoll it-tnaqqis b'mod konsiderevoli tal-piż amministrattiv.	tal-annimali, miżuri ta' emerġenza f'waqthom u analiżi sħiħa tad-data, bl-objettiv ġenerali li tiġi żgurata applikazzjoni aktar effettiva u infurzar aħjar tar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport, kif ukoll it-tnaqqis b'mod konsiderevoli tal-piż amministrattiv. ***Il-bażi tad-data TRACES jenħtieġ li tiġi adottata u implimentata bis-sħiħ biss ladarba tiġi garantita l-interoperabbiltà tagħha mas-sistemi nazzjonali eżistenti kollha.***
	Or. en

Emenda 103
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Dan ir-Regolament jipprevedi regoli sabiex il-bażi tad-data TRACES tkun tista' tinkorpora awtorizzazzjonijiet diġitali, ċertifikati ta' approvazzjoni, ċertifikati ta' kompetenza, ġurnali tal-vjaġġ, trekkjar dirett tal-vetturi tat-triq u previżjonijiet tat-temperatura. TRACES jenħtieġ li jkun fiha wkoll listi ta' postijiet ta' kontroll f'pajjiżi terzi u ta' punti ta' ħruġ tal-UE. Tippermetti wkoll ippjanar aktar realistiku tal-vjaġġi, traċċabilità effiċjenti, monitoraġġ aħjar tal-operazzjonijiet u tal-indikaturi tal-benesseri tal-annimali, miżuri ta' emerġenza f'waqthom u analiżi sħiħa tad-data, bl-objettiv ġenerali li tiġi żgurata applikazzjoni aktar effettiva u infurzar aħjar tar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport, kif ukoll it-tnaqqis b'mod konsiderevoli tal-piż amministrattiv.	(9) Dan ir-Regolament jipprevedi regoli sabiex il-bażi tad-data TRACES tkun tista' tinkorpora awtorizzazzjonijiet diġitali, ċertifikati ta' approvazzjoni, ċertifikati ta' kompetenza, ġurnali tal-vjaġġ, trekkjar dirett tal-vetturi tat-triq ***u tal-bastimenti tal-baħar, temperaturi ambjentali interni, livelli tal-umdità ambjentali interna*** u previżjonijiet tat-temperatura. TRACES jenħtieġ li jkun fiha wkoll listi ta' postijiet ta' kontroll f'pajjiżi terzi u ta' punti ta' ħruġ tal-UE. Tippermetti wkoll ippjanar aktar realistiku tal-vjaġġi, traċċabilità effiċjenti, monitoraġġ aħjar tal-operazzjonijiet u tal-indikaturi tal-benesseri tal-annimali, miżuri ta' emerġenza f'waqthom u analiżi sħiħa tad-data, bl-objettiv ġenerali li tiġi żgurata applikazzjoni aktar effettiva u infurzar aħjar tar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport, kif ukoll it-tnaqqis b'mod konsiderevoli

tal-piż amministrattiv.

Or. en

Emenda 104
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Dan ir-Regolament jipprevedi regoli sabiex il-bażi tad-data TRACES tkun tista' tinkorpora awtorizzazzjonijiet diġitali, ċertifikati ta' approvazzjoni, ċertifikati ta' kompetenza, ġurnali tal-vjaġġ, trekkjar dirett tal-vetturi tat-triq u previżjonijiet tat-temperatura. TRACES jenħtieġ li jkun fiha wkoll listi ta' postijiet ta' kontroll f'pajjiżi terzi u ta' punti ta' ħruġ tal-UE. Tippermetti wkoll ippjanar aktar realistiku tal-vjaġġi, traċċabilità effiċjenti, monitoraġġ aħjar tal-operazzjonijiet u tal-indikaturi tal-benesseri tal-annimali, miżuri ta' emerġenza f'waqthom u analiżi sħiħa tad-data, bl-objettiv ġenerali li tiġi żgurata applikazzjoni aktar effettiva u infurzar aħjar tar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport, kif ukoll it-tnaqqis b'mod konsiderevoli tal-piż amministrattiv.	(9) Dan ir-Regolament jipprevedi regoli sabiex il-bażi tad-data TRACES tkun tista' tinkorpora awtorizzazzjonijiet diġitali, ċertifikati ta' approvazzjoni, ċertifikati ta' kompetenza, ġurnali tal-vjaġġ, trekkjar dirett tal-vetturi tat-triq u previżjonijiet tat-temperatura. TRACES jenħtieġ li jkun fiha wkoll listi ta' postijiet ta' kontroll f'pajjiżi terzi u ta' punti ta' ħruġ tal-UE. Tippermetti wkoll ippjanar aktar realistiku tal-vjaġġi, traċċabilità effiċjenti, monitoraġġ aħjar tal-operazzjonijiet***, tar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali*** u tal-indikaturi tal-benesseri tal-annimali, miżuri ta' emerġenza f'waqthom u analiżi sħiħa tad-data, bl-objettiv ġenerali li tiġi żgurata applikazzjoni aktar effettiva u infurzar aħjar tar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport, kif ukoll it-tnaqqis b'mod konsiderevoli tal-piż amministrattiv.

Or. en

Emenda 105
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Dan ir-Regolament jipprevedi	(9) Dan ir-Regolament jipprevedi

regoli sabiex il-bażi tad-data TRACES tkun tista' tinkorpora awtorizzazzjonijiet diġitali, ċertifikati ta' approvazzjoni, ċertifikati ta' kompetenza, ġurnali tal-vjaġġ, trekkjar dirett ***tal-vetturi tat-triq*** u previżjonijiet tat-temperatura. TRACES jenħtieġ li jkun fiha wkoll listi ta' postijiet ta' kontroll f'pajjiżi terzi u ta' punti ta' ħruġ tal-UE. Tippermetti wkoll ippjanar aktar realistiku tal-vjaġġi, traċċabilità effiċjenti, monitoraġġ aħjar tal-operazzjonijiet u tal-indikaturi tal-benesseri tal-annimali, miżuri ta' emerġenza f'waqthom u analiżi sħiħa tad-data, bl-objettiv ġenerali li tiġi żgurata applikazzjoni aktar effettiva u infurzar aħjar tar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport, kif ukoll it-tnaqqis b'mod konsiderevoli tal-piż amministrattiv.	regoli sabiex il-bażi tad-data TRACES tkun tista' tinkorpora awtorizzazzjonijiet diġitali, ċertifikati ta' approvazzjoni, ċertifikati ta' kompetenza, ġurnali tal-vjaġġ, trekkjar dirett ***tal-mezzi tat-trasport*** u previżjonijiet tat-temperatura. TRACES jenħtieġ li jkun fiha wkoll listi ta' postijiet ta' kontroll f'pajjiżi terzi u ta' punti ta' ħruġ tal-UE. Tippermetti wkoll ippjanar aktar realistiku tal-vjaġġi, traċċabilità effiċjenti, monitoraġġ aħjar tal-operazzjonijiet u tal-indikaturi tal-benesseri tal-annimali, miżuri ta' emerġenza f'waqthom u analiżi sħiħa tad-data, bl-objettiv ġenerali li tiġi żgurata applikazzjoni aktar effettiva u infurzar aħjar tar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport, kif ukoll it-tnaqqis b'mod konsiderevoli tal-piż amministrattiv.

Or. en

Emenda 106
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Sophia Kircher, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Krzysztof Hetman, Céline Imart

Proposta għal regolament
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) Meta jitqies li f'ħafna żoni rurali tal-Ewropa l-aċċess għall-internet huwa limitat jew ma jeżistix, dan ir-regolament irid jipprovdi l-possibbiltà li jintużaw dokumenti f'format fiżiku. Għalhekk, f'sitwazzjonijiet li fihom il-konnessjoni mal-bażi tad-data TRACES jew ma' sistema nazzjonali interoperabbli ma' TRACES ma tkunx disponibbli, jistgħu jinħarġu u jintużaw awtorizzazzjonijiet, ċertifikati, ġurnali tal-ivvjaġġar u dokumenti oħra meħtieġa fuq karta. Sussegwentement, dawn id-dokumenti se jittellgħu online, filwaqt li jiġu żgurati t-

traċċabbiltà u l-konformità sħiħa mal-obbligi legali kollha. Din il-flessibbiltà tippermetti l-kontinwazzjoni tal-attivitajiet tat-trasport f'kundizzjonijiet ta' sikurezza u konformità, irrispettivament mill-infrastruttura diġitali fuq il-post.

Or. en

Emenda 107
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sophia Kircher, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) Meta jitqies li f'ħafna żoni rurali tal-Ewropa l-aċċess għall-internet huwa limitat jew ma jeżistix, dan ir-regolament irid jipprovdi l-possibbiltà li jintużaw dokumenti f'format fiżiku. Għalhekk, f'sitwazzjonijiet li fihom il-konnessjoni mal-bażi tad-data TRACES jew ma' sistema nazzjonali interoperabbli ma' TRACES ma tkunx disponibbli, jistgħu jinħarġu u jintużaw awtorizzazzjonijiet, ċertifikati, ġurnali tal-ivvjaġġar u dokumenti oħra meħtieġa fuq karta. Sussegwentement, dawn id-dokumenti se jittellgħu online, filwaqt li jiġu żgurati t-traċċabbiltà u l-konformità sħiħa mal-obbligi legali kollha. Din il-flessibbiltà tippermetti l-kontinwazzjoni tal-attivitajiet tat-trasport f'kundizzjonijiet ta' sikurezza u konformità, irrispettivament mill-infrastruttura diġitali fuq il-post.

Or. en

Emenda 108
Philippe Olivier, Valérie Deloge, Julien Leonardelli, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	9a. TRACES hija għodda essenzjali għall-insegwiment tat-trasport u t-titjib tat-traċċabbiltà fl-Unjoni Ewropea. Sabiex jiġi ggarantit l-użu effikaċi tagħha u jitħeġġeġ ir-rispett tar-regoli, il-pjattaforma għandha tkun aċċessibbli, ergonomika u adattata għall-bżonnijiet speċifiċi tal-operaturi tat-trasport, inklużi l-utenti okkażjonali.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Ifakkar l-importanza tas-sistema TRACES u l-ħtieġa li l-użu tagħha jiġi adattat għall-atturi kollha fis-settur.

Emenda 109
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) L-obbligu tal-operaturi tal-Unjoni li jipproteġu l-annimali matul it-trasport ma jintemmx fil-fruntieri esterni tal-Unjoni. L-organizzaturi tat-trasport ta' annimali mill-Unjoni lejn post tad-destinazzjoni f'pajjiż terz jeħtiġilhom jiżguraw il-konformità mar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport ukoll matul l-istadji tal-vjaġġ li jseħħu barra mill-Unjoni, u sakemm l-annimali jaslu fil-post finali tad-destinazzjoni fil-pajjiż terz. Dan huwa koerenti mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE fil-Kawża C-424/13[12]. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament ***japplika għat-trasport*** ta' annimali li għalihom il-post tat-tluq ikun fit-territorju tal-Unjoni u ***irrispettivament minn jekk il-***	(10) L-obbligu tal-operaturi tal-Unjoni li jipproteġu l-annimali matul it-trasport ma jintemmx fil-fruntieri esterni tal-Unjoni. L-organizzaturi tat-trasport ta' annimali mill-Unjoni lejn post tad-destinazzjoni f'pajjiż terz jeħtiġilhom jiżguraw il-konformità mar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport ukoll matul l-istadji tal-vjaġġ li jseħħu barra mill-Unjoni, u sakemm l-annimali jaslu fil-post finali tad-destinazzjoni fil-pajjiż terz. Dan huwa koerenti mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE fil-Kawża C-424/13[12]. ***Ladarba l-annimali jaqsmu l-fruntiera tal-UE, huwa impossibbli li jiġu ggarantiti l-istandards tal-benessri tal-annimali, kemm en route kif ukoll mal-wasla,***

post tad-destinazzjoni ***jkunx fit-territorju tal-Unjoni jew*** f'pajjiż terz.	***minħabba n-nuqqas ta' kontroll u awtorità tal-UE f'pajjiżi terzi u d-diffikultà ta' pajjiżi terzi mhux marbuta b'leġiżlazzjoni tal-UE.*** Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament ***ma jippermettix it-trasport*** u l-esportazzjoni ***fi stat ħaj*** ta' annimali li għalihom il-post tat-tluq ikun fit-territorju tal-Unjoni u ***l-post*** tad-destinazzjoni ***jkun*** f'pajjiż terz.
[12] Is-sentenza tat-23 ta' April 2015, Zuchtvieh-Export GmbH, C-424/13, ECLI:EU:C:2015:259, il-punt 56	[12] Is-sentenza tat-23 ta' April 2015, Zuchtvieh-Export GmbH, C-424/13, ECLI:EU:C:2015:259, il-punt 56

Or. en

Emenda 110
Benoit Cassart, Asger Christensen, Valérie Devaux, Christine Singer, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) L-obbligu tal-operaturi tal-Unjoni li jipproteġu l-annimali matul it-trasport ma jintemmx fil-fruntieri esterni tal-Unjoni. L-organizzaturi tat-trasport ta' annimali mill-Unjoni lejn post tad-destinazzjoni f'pajjiż terz jeħtiġilhom jiżguraw il-konformità mar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport ukoll matul l-istadji tal-vjaġġ li jseħħu barra mill-Unjoni, u sakemm l-annimali jaslu fil-post finali tad-destinazzjoni fil-pajjiż terz. Dan huwa koerenti mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE fil-Kawża C-424/13[12]. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għat-trasport ta' annimali li għalihom il-post tat-tluq ikun fit-territorju tal-Unjoni u irrispettivament minn jekk il-post tad-destinazzjoni jkunx fit-territorju tal-Unjoni jew f'pajjiż terz.	(10) L-obbligu tal-operaturi tal-Unjoni li jipproteġu l-annimali matul it-trasport ma jintemmx fil-fruntieri esterni tal-Unjoni. L-organizzaturi tat-trasport ta' annimali mill-Unjoni lejn post tad-destinazzjoni f'pajjiż terz jeħtiġilhom jiżguraw il-konformità mar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport ukoll matul l-istadji tal-vjaġġ li jseħħu barra mill-Unjoni, u ***b'mod partikolari fl-art ta' ħadd jew fil-pajjiż ta' tranżitu*** sakemm l-annimali jaslu fil-post finali tad-destinazzjoni fil-pajjiż terz. Dan huwa koerenti mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE fil-Kawża C-424/13[12]. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għat-trasport ta' annimali li għalihom il-post tat-tluq ikun fit-territorju tal-Unjoni u irrispettivament minn jekk il-post tad-destinazzjoni jkunx fit-territorju tal-Unjoni jew f'pajjiż terz.

F'każijiet ta' ċirkostanzi mhux previsti bħal ħsarat fil-vetturi, konġestjonijiet tat-traffiku u dewmien fil-fruntieri, it-trasportatur għandu jinforma minnufih lill-organizzatur u jikkuntattja lill-korpi ta' kollegament biex ifittxu l-assistenza. F'każijiet li fihom l-annimali ttrasportati bit-triq, bil-ferrovija jew bil-bastiment jiġu rrifjutati fil-fruntiera bejn żewġ Stati Membri jew fil-fruntiera bejn Stat Membru u pajjiż terz, it-trasportatur jenħtieġ li jinforma minnufih lill-organizzatur u jikkuntattja lill-korpi ta' kollegament. L-organizzatur jenħtieġ li jimplimenta l-pjan ta' kontinġenza definit fl-Artikolu 8. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-aħħar dħul jenħtieġ li tieħu l-miżuri xierqa kollha fi żmien 24 siegħa bħall-valutazzjoni tal-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali minn veterinarju, it-trattamenti veterinarji, jekk ikun meħtieġ, tiffaċilita r-ritorn tal-annimali meta jkun possibbli jew tipprovdi biċċerija mobbli. Jenħtieġ li l-Kummissjoni Ewropea tinżamm infurmata mill-awtoritajiet kompetenti. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jikkooperaw mal-Kummissjoni dwar is-soluzzjonijiet possibbli li għandhom jittieħdu.

[12] Is-sentenza tat-23 ta' April 2015, Zuchtvieh-Export GmbH, C-424/13, ECLI:EU:C:2015:259, il-punt 56

[12] Is-sentenza tat-23 ta' April 2015, Zuchtvieh-Export GmbH, C-424/13, ECLI:EU:C:2015:259, il-punt 56

Or. en

Emenda 111
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(10) L-obbligu tal-operaturi tal-Unjoni li jipproteġu l-annimali matul it-trasport ma jintemmx fil-fruntieri esterni tal-Unjoni. L-organizzaturi tat-trasport ta' annimali mill-Unjoni lejn post tad-destinazzjoni f'pajjiż terz jeħtiġilhom jiżguraw il-konformità mar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport ukoll matul l-istadji tal-vjaġġ li jseħħu barra mill-Unjoni, u sakemm l-annimali jaslu fil-post finali tad-destinazzjoni fil-pajjiż terz. Dan huwa koerenti mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE fil-Kawża C-424/13[12]. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għat-trasport ta' annimali li għalihom il-post tat-tluq ikun fit-territorju tal-Unjoni u irrispettivament minn jekk il-post tad-destinazzjoni jkunx fit-territorju tal-Unjoni jew f'pajjiż terz.	(10) L-obbligu tal-operaturi tal-Unjoni li jipproteġu l-annimali matul it-trasport ma jintemmx fil-fruntieri esterni tal-Unjoni. L-organizzaturi tat-trasport ta' annimali mill-Unjoni lejn post tad-destinazzjoni f'pajjiż terz jeħtiġilhom jiżguraw il-konformità mar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport ukoll matul l-istadji tal-vjaġġ li jseħħu barra mill-Unjoni, u sakemm l-annimali jaslu fil-post finali tad-destinazzjoni fil-pajjiż terz. Dan huwa koerenti mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE fil-Kawża C-424/13[12]. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għat-trasport ta' annimali li għalihom il-post tat-tluq ikun fit-territorju tal-Unjoni u irrispettivament minn jekk il-post tad-destinazzjoni jkunx fit-territorju tal-Unjoni jew f'pajjiż terz. ***Sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità ma' din id-deċiżjoni, sakemm jibqgħu għaddejjin l-esportazzjonijiet ta' annimali ħajjin lejn pajjiżi terzi, il-Kummissjoni għandha timpenja ruħha li tilħaq ftehimiet bilaterali ma' pajjiżi terzi ta' destinazzjoni, biex tiżgura li r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament ikunu jistgħu jiġu ssodisfati permezz ta' standards ekwivalenti tal-benessri tal-annimali sad-destinazzjoni finali. Abbażi ta' dawn il-ftehimiet, il-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta lista pubblika ta' destinazzjonijiet ta' esportazzjoni permessi minn pajjiżi terzi permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.***
[12] Is-sentenza tat-23 ta' April 2015, Zuchtvieh-Export GmbH, C-424/13, ECLI:EU:C:2015:259, il-punt 56	[12] Is-sentenza tat-23 ta' April 2015, Zuchtvieh-Export GmbH, C-424/13, ECLI:EU:C:2015:259, il-punt 56

Or. en

Emenda 112
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) L-obbligu tal-operaturi tal-Unjoni li jipproteġu l-annimali matul it-trasport ma jintemmx fil-fruntieri esterni tal-Unjoni. L-organizzaturi tat-trasport ta' annimali mill-Unjoni lejn post tad-destinazzjoni f'pajjiż terz jeħtiġilhom jiżguraw il-konformità mar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport ukoll matul l-istadji tal-vjaġġ li jseħħu barra mill-Unjoni, u sakemm l-annimali jaslu fil-post finali tad-destinazzjoni fil-pajjiż terz. Dan huwa koerenti mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE fil-Kawża C-424/13[12]. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għat-trasport ta' annimali li għalihom il-post tat-tluq ikun fit-territorju tal-Unjoni u irrispettivament minn jekk il-post tad-destinazzjoni jkunx fit-territorju tal-Unjoni jew f'pajjiż terz.	(10) L-obbligu tal-operaturi tal-Unjoni li jipproteġu l-annimali matul it-trasport ma jintemmx fil-fruntieri esterni tal-Unjoni. L-organizzaturi tat-trasport ta' annimali mill-Unjoni lejn post tad-destinazzjoni f'pajjiż terz jeħtiġilhom jiżguraw il-konformità mar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport ukoll matul l-istadji tal-vjaġġ li jseħħu barra mill-Unjoni, u sakemm l-annimali jaslu fil-post finali tad-destinazzjoni fil-pajjiż terz. ***Speċjalment meta l-vjaġġ ikun jinvolvi t-trasport bil-baħar lejn pajjiż terz, il-port tat-tluq fl-UE spiss jiġi assenjat b'mod żbaljat bħala l-post tad-destinazzjoni, minflok il-post finali tad-destinazzjoni fil-pajjiż terz.*** Dan huwa koerenti mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE fil-Kawża C-424/13[12]. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għat-trasport ta' annimali li għalihom il-post tat-tluq ikun fit-territorju tal-Unjoni u irrispettivament minn jekk il-post tad-destinazzjoni jkunx fit-territorju tal-Unjoni jew f'pajjiż terz.
[12] Is-sentenza tat-23 ta' April 2015, Zuchtvieh-Export GmbH, C-424/13, ECLI:EU:C:2015:259, il-punt 56	[12] Is-sentenza tat-23 ta' April 2015, Zuchtvieh-Export GmbH, C-424/13, ECLI:EU:C:2015:259, il-punt 56

Or. en

Emenda 113
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) It-trasport fuq distanzi twal ta' annimali ħajjin lejn pajjiżi terzi barra

mill-Unjoni Ewropea jqajjem tħassib serju dwar il-benesseri tal-annimali, inkluż stress, eżawriment u trattament inuman minħabba ħinijiet twal tat-trasport u standards ta' benesseri aktar baxxi f'ċerti destinazzjonijiet. Tali trasport iżid ir-riskju ta' tixrid ta' mard u jikkomprometti l-bijosigurtà. Hemm ukoll impatti ambjentali konsiderevoli mill-esportazzjonijiet ta' annimali ħajjin, b'mod partikolari bil-baħar u bit-triq, li jikkontribwixxu għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rimi ta' karkassi u ta' materjali oħra fuq il-baħar. Bidla lejn it-trasport tal-laħam u tal-karkassi se tnaqqas ukoll l-emissjonijiet ta' gassijiet serra minħabba trasport aktar effiċjenti meta mqabbel mal-moviment ta' annimali ħajjin fuq distanzi twal. Hemm ukoll kunsiderazzjonijiet etiċi u kummerċjali li jenfasizzaw il-ħtieġa li tingħata prijorità lill-esportazzjoni ta' laħam u karkassi fuq annimali ħajjin biex tiġi żgurata l-konformità mal-prinċipji tal-UE dwar il-benessri tal-annimali. Għal dawn ir-raġunijiet, it-trasport ta' annimali lejn pajjiżi terzi jenħtieġ li jkun permess biss għal għadd ristrett ta' annimali u skopijiet wara l-2033.

Or. en

Emenda 114
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Maria Walsh, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Krzysztof Hetman, Céline Imart

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) L-Unjoni Ewropea għandha xi whud mill-ogħla standards fid-dinja fir-rigward tal-benesseri tal-annimali matul it-trasport. Għalhekk, huwa essenzjali għall-Unjoni li żżomm il-kapaċità tagħha

	li tesporta u li tippreżerva l-aċċess għas-swieq internazzjonali. Inkella, hemm riskju li l-produtturi Ewropej jistgħu jiġu sostitwiti minn kompetituri minn pajjiżi terzi li ma jikkonformawx mal-istess standards għoljin tal-benessri tal-annimali. Tali sitwazzjoni taffettwa kemm il-kompetittività tas-settur Ewropew tal-bhejjem kif ukoll l-isforzi tal-Unjoni biex tippromwovi, fuq livell globali, il-valuri u l-prinċipji tal-benesseri tal-annimali.

Or. en

Emenda 115
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) L-Unjoni Ewropea għandha xi wħud mill-ogħla standards fid-dinja fir-rigward tal-benesseri tal-annimali matul it-trasport. Għalhekk, huwa essenzjali għall-Unjoni li żżomm il-kapaċità tagħha li tesporta u li tippreżerva l-aċċess għas-swieq internazzjonali. Inkella, hemm riskju li l-produtturi Ewropej jistgħu jiġu sostitwiti minn kompetituri minn pajjiżi terzi li ma jikkonformawx mal-istess standards għoljin tal-benessri tal-annimali. Tali sitwazzjoni taffettwa kemm il-kompetittività tas-settur Ewropew tal-bhejjem kif ukoll l-isforzi tal-Unjoni biex tippromwovi, fuq livell globali, il-valuri u l-prinċipji tal-benesseri tal-annimali.

Or. en

Emenda 116
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) It-trasport ta' annimali ħajjin minn pajjiżi terzi lejn it-territorju tal-Unjoni jikkonċerna prinċipalment ċerti speċijiet ta' annimali ***u*** normalment jitwettaq permezz ta' rotot diretti. Meta jiġu importati annimali ħajjin fl-Unjoni, l-operaturi li jittrasportaw it-tali annimali minn pajjiż terz lejn post tad-destinazzjoni fl-Unjoni ***jenħtieġ li jiżguraw*** li l-annimali jkunu protetti tal-anqas b'mod ekwivalenti għall-annimali ttrasportati fit-territorju tal-Unjoni, u dan mill-mument meta l-annimali jitgħabbew fuq il-mezz tat-trasport fil-pajjiż terz sal-post tad-destinazzjoni fl-Unjoni. Dan huwa neċessarju fid-dawl tat-tħassib taċ-ċittadini tal-Unjoni relatat mal-benesseri tal-annimali matul it-trasport, li jestendi għall-annimali kollha ttrasportati lejn l-Unjoni, minnha jew fiha. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament ***japplika għat-trasport*** ta' annimali li għalihom il-post tat-tluq ikun fit-territorju ta' pajjiż terz u l-post tad-destinazzjoni jkun fit-territorju tal-Unjoni. ***Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni xierqa tar-rekwiżiti għal tali trasport fil-post tat-tluq, huwa neċessarju li l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz tivverifika l-ippjanar tal-vjaġġ ikkonċernat, u li jiċċertifika fiċ-ċertifikat uffiċjali tas-saħħa għall-importazzjonijiet tal-annimali fl-Unjoni u permezz tal-approvazzjoni tiegħu tal-ġurnal tal-vjaġġ, li l-ippjanar tal-vjaġġ ikun sar f'konformità ma' dan ir-Regolament, jew ma' rekwiżiti ekwivalenti. It-trasportatur tal-annimali jenħtieġ li jkun responsabbli sabiex jiżgura li dan l-ippjanar jiġi rispettat sal-punt tad-destinazzjoni u jenħtieġ li jikkonforma mal-obbligu li jimla l-ġurnal tal-vjaġġ.***	(11) It-trasport ta' annimali ħajjin minn pajjiżi terzi lejn it-territorju tal-Unjoni jikkonċerna prinċipalment ċerti speċijiet ta' annimali***. Dan it-trasport spiss jinvolvi vjaġġi twal, anke meta*** normalment jitwettaq permezz ta' rotot diretti. Meta jiġu importati annimali ħajjin fl-Unjoni, ***huwa diffiċli biex jiġi kkontrollat jekk*** l-operaturi li jittrasportaw it-tali annimali minn pajjiż terz lejn post tad-destinazzjoni fl-Unjoni ***jiżgurawx*** li l-annimali jkunu protetti tal-anqas b'mod ekwivalenti għall-annimali ttrasportati fit-territorju tal-Unjoni, u dan mill-mument meta l-annimali jitgħabbew fuq il-mezz tat-trasport fil-pajjiż terz sal-post tad-destinazzjoni fl-Unjoni. Dan huwa neċessarju fid-dawl tat-tħassib taċ-ċittadini tal-Unjoni relatat mal-benesseri tal-annimali matul it-trasport, li jestendi għall-annimali kollha ttrasportati lejn l-Unjoni, minnha jew fiha. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament ***ma jippermettix it-trasport*** ta' annimali li għalihom il-post tat-tluq ikun fit-territorju ta' pajjiż terz u l-post tad-destinazzjoni jkun fit-territorju tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 117
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) It-trasport ta' annimali ħajjin minn pajjiżi terzi lejn it-territorju tal-Unjoni jikkonċerna prinċipalment ċerti speċijiet ta' annimali u normalment jitwettaq permezz ta' rotot diretti. Meta jiġu importati annimali ħajjin fl-Unjoni, l-operaturi li jittrasportaw it-tali annimali minn pajjiż terz lejn post tad-destinazzjoni fl-Unjoni jenħtieġ li jiżguraw li l-annimali jkunu protetti tal-anqas b'mod ekwivalenti għall-annimali ttrasportati fit-territorju tal-Unjoni, u dan mill-mument meta l-annimali jitgħabbew fuq il-mezz tat-trasport fil-pajjiż terz sal-post tad-destinazzjoni fl-Unjoni. Dan huwa neċessarju fid-dawl tat-tħassib taċ-ċittadini tal-Unjoni relatat mal-benesseri tal-annimali matul it-trasport, li jestendi għall-annimali kollha ttrasportati lejn l-Unjoni, minnha jew fiha. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għat-trasport ta' annimali li għalihom il-post tat-tluq ikun fit-territorju ta' pajjiż terz u l-post tad-destinazzjoni jkun fit-territorju tal-Unjoni. Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni xierqa tar-rekwiżiti għal tali trasport fil-post tat-tluq, huwa neċessarju li l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz tivverifika l-ippjanar tal-vjaġġ ikkonċernat, u li jiċċertifika fiċ-ċertifikat uffiċjali tas-saħħa għall-importazzjonijiet tal-annimali fl-Unjoni u permezz tal-approvazzjoni tiegħu tal-ġurnal tal-vjaġġ, li l-ippjanar tal-vjaġġ ikun sar f'konformità ma' dan ir-Regolament, jew ma' rekwiżiti ekwivalenti. It-trasportatur tal-annimali jenħtieġ li jkun responsabbli sabiex jiżgura li dan l-ippjanar jiġi rispettat sal-punt tad-destinazzjoni u jenħtieġ li jikkonforma	(11) It-trasport ta' annimali ħajjin minn pajjiżi terzi lejn it-territorju tal-Unjoni jikkonċerna prinċipalment ċerti speċijiet ta' annimali u normalment jitwettaq permezz ta' rotot diretti. Meta jiġu importati annimali ħajjin fl-Unjoni, l-operaturi li jittrasportaw it-tali annimali minn pajjiż terz lejn post tad-destinazzjoni fl-Unjoni jenħtieġ li jiżguraw li l-annimali jkunu protetti tal-anqas b'mod ekwivalenti għall-annimali ttrasportati fit-territorju tal-Unjoni, u dan mill-mument meta l-annimali jitgħabbew fuq il-mezz tat-trasport fil-pajjiż terz sal-post tad-destinazzjoni fl-Unjoni. Dan huwa neċessarju fid-dawl tat-tħassib taċ-ċittadini tal-Unjoni relatat mal-benesseri tal-annimali matul it-trasport, li jestendi għall-annimali kollha ttrasportati lejn l-Unjoni, minnha jew fiha. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għat-trasport ta' annimali li għalihom il-post tat-tluq ikun fit-territorju ta' pajjiż terz u l-post tad-destinazzjoni jkun fit-territorju tal-Unjoni. Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni xierqa tar-rekwiżiti għal tali trasport fil-post tat-tluq, huwa neċessarju li l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz tivverifika l-ippjanar tal-vjaġġ ikkonċernat, u li jiċċertifika fiċ-ċertifikat uffiċjali tas-saħħa għall-importazzjonijiet tal-annimali fl-Unjoni u permezz tal-approvazzjoni tiegħu tal-ġurnal tal-vjaġġ, li l-ippjanar tal-vjaġġ ikun sar f'konformità ma' dan ir-Regolament, jew ma' rekwiżiti ekwivalenti. ***Jekk dawn ir-rekwiżiti ma jkunux jistgħu jiġu żgurati, jenħtieġ li ma jkun permess l-ebda trasport fl-UE, għal raġunijiet ta' benesseri tal-annimali u***

mal-obbligu li jimla l-ġurnal tal-vjaġġ.

biex jiġu ssalvagwardjati r-regoli tas-suq intern billi jiġu ggarantiti kundizzjonijiet ġusti għall-operaturi fl-Unjoni. It-trasportatur tal-annimali jenħtieġ li jkun responsabbli sabiex jiżgura li dan l-ippjanar jiġi rispettat sal-punt tad-destinazzjoni u jenħtieġ li jikkonforma mal-obbligu li jimla l-ġurnal tal-vjaġġ. ***Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità jenħtieġ li japplikaw sanzjonijiet dissważivi***.

Or. en

Emenda 118
Ivan David

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) It-trasport ta' annimali ħajjin minn pajjiżi terzi lejn it-territorju tal-Unjoni jikkonċerna prinċipalment ċerti speċijiet ta' annimali u normalment jitwettaq permezz ta' rotot diretti. Meta jiġu importati annimali ħajjin fl-Unjoni, l-operaturi li jittrasportaw it-tali annimali minn pajjiż terz lejn post tad-destinazzjoni fl-Unjoni jenħtieġ li jiżguraw li l-annimali jkunu protetti tal-anqas b'mod ekwivalenti għall-annimali ttrasportati fit-territorju tal-Unjoni, u dan mill-mument meta l-annimali jitgħabbew fuq il-mezz tat-trasport fil-pajjiż terz sal-post tad-destinazzjoni fl-Unjoni. Dan huwa neċessarju fid-dawl tat-tħassib taċ-ċittadini tal-Unjoni relatat mal-benesseri tal-annimali matul it-trasport, li jestendi għall-annimali kollha ttrasportati lejn l-Unjoni, minnha jew fiha. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għat-trasport ta' annimali li għalihom il-post tat-tluq ikun fit-territorju ta' pajjiż terz u l-post tad-destinazzjoni jkun fit-territorju tal-Unjoni. Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni xierqa tar-rekwiżiti għal tali trasport fil-post tat-	(11) It-trasport ta' annimali ħajjin minn pajjiżi terzi lejn it-territorju tal-Unjoni jikkonċerna prinċipalment ċerti speċijiet ta' annimali u normalment jitwettaq permezz ta' rotot diretti. Meta jiġu importati annimali ħajjin fl-Unjoni, l-operaturi li jittrasportaw it-tali annimali minn pajjiż terz lejn post tad-destinazzjoni fl-Unjoni jenħtieġ li jiżguraw li l-annimali jkunu protetti tal-anqas b'mod ekwivalenti għall-annimali ttrasportati fit-territorju tal-Unjoni, u dan mill-mument meta l-annimali jitgħabbew fuq il-mezz tat-trasport fil-pajjiż terz sal-post tad-destinazzjoni fl-Unjoni. Dan huwa neċessarju fid-dawl tat-tħassib taċ-ċittadini tal-Unjoni relatat mal-benesseri tal-annimali matul it-trasport, li jestendi għall-annimali kollha ttrasportati lejn l-Unjoni, minnha jew fiha. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għat-trasport ta' annimali li għalihom il-post tat-tluq ikun fit-territorju ta' pajjiż terz u l-post tad-destinazzjoni jkun fit-territorju tal-Unjoni. Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni xierqa tar-rekwiżiti għal tali trasport fil-post tat-

tluq, huwa neċessarju li l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz tivverifika l-ippjanar tal-vjaġġ ikkonċernat, u li jiċċertifika fiċ-ċertifikat uffiċjali tas-saħħa għall-importazzjonijiet tal-annimali fl-Unjoni u permezz tal-approvazzjoni tiegħu tal-ġurnal tal-vjaġġ, li l-ippjanar tal-vjaġġ ikun sar f'konformità ma' dan ir-Regolament, jew ma' rekwiżiti ekwivalenti. ***It-trasportatur*** tal-annimali jenħtieġ li jkun responsabbli sabiex jiżgura li dan l-ippjanar jiġi rispettat sal-punt tad-destinazzjoni ***u*** jenħtieġ li jikkonforma mal-obbligu li jimla l-ġurnal tal-vjaġġ.	tluq, huwa neċessarju li l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz tivverifika l-ippjanar tal-vjaġġ ikkonċernat, u li jiċċertifika fiċ-ċertifikat uffiċjali tas-saħħa għall-importazzjonijiet tal-annimali fl-Unjoni u permezz tal-approvazzjoni tiegħu tal-ġurnal tal-vjaġġ, li l-ippjanar tal-vjaġġ ikun sar f'konformità ma' dan ir-Regolament, jew ma' rekwiżiti ekwivalenti. ***L-organizzatur tat-trasport*** tal-annimali jenħtieġ li jkun responsabbli sabiex jiżgura li dan l-ippjanar jiġi rispettat sal-punt tad-destinazzjoni***. It-trasportatur*** jenħtieġ li jikkonforma mal-obbligu li jimla l-ġurnal tal-vjaġġ.

Or. en

Emenda 119
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) It-trasport ta' annimali ħajjin minn pajjiżi terzi lejn it-territorju tal-Unjoni jikkonċerna prinċipalment ċerti speċijiet ta' annimali u normalment jitwettaq permezz ta' rotot diretti. Meta jiġu importati annimali ħajjin fl-Unjoni, l-operaturi li jittrasportaw it-tali annimali minn pajjiż terz lejn post tad-destinazzjoni fl-Unjoni jenħtieġ li jiżguraw li l-annimali jkunu protetti tal-anqas b'mod ekwivalenti għall-annimali ttrasportati fit-territorju tal-Unjoni, u dan mill-mument meta l-annimali jitgħabbew fuq il-mezz tat-trasport fil-pajjiż terz sal-post tad-destinazzjoni fl-Unjoni. Dan huwa neċessarju fid-dawl tat-tħassib taċ-ċittadini tal-Unjoni relatat mal-benesseri tal-annimali matul it-trasport, li jestendi għall-annimali kollha ttrasportati lejn l-Unjoni,	(11) It-trasport ta' annimali ħajjin minn pajjiżi terzi lejn it-territorju tal-Unjoni jikkonċerna prinċipalment ċerti speċijiet ta' annimali u normalment jitwettaq permezz ta' rotot diretti. Meta jiġu importati annimali ħajjin fl-Unjoni, l-operaturi li jittrasportaw it-tali annimali minn pajjiż terz lejn post tad-destinazzjoni fl-Unjoni jenħtieġ li jiżguraw li l-annimali jkunu protetti tal-anqas b'mod ekwivalenti għall-annimali ttrasportati fit-territorju tal-Unjoni, u dan mill-mument meta l-annimali jitgħabbew fuq il-mezz tat-trasport fil-pajjiż terz sal-post tad-destinazzjoni fl-Unjoni. Dan huwa neċessarju fid-dawl tat-tħassib taċ-ċittadini tal-Unjoni relatat mal-benesseri tal-annimali matul it-trasport, li jestendi għall-annimali kollha ttrasportati lejn l-Unjoni,

minnha jew fiha. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għat-trasport ta' annimali li għalihom il-post tat-tluq ikun fit-territorju ta' pajjiż terz u l-post tad-destinazzjoni jkun fit-territorju tal-Unjoni. Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni xierqa tar-rekwiżiti għal tali trasport fil-post tat-tluq, huwa neċessarju li l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz tivverifika l-ippjanar tal-vjaġġ ikkonċernat, u li jiċċertifika fiċ-ċertifikat uffiċjali tas-saħħa għall-importazzjonijiet tal-annimali fl-Unjoni u permezz tal-approvazzjoni tiegħu tal-ġurnal tal-vjaġġ, li l-ippjanar tal-vjaġġ ikun sar f'konformità ma' dan ir-Regolament, jew ma' rekwiżiti ekwivalenti. ***It-trasportatur*** tal-annimali jenħtieġ li jkun responsabbli sabiex jiżgura li dan l-ippjanar jiġi rispettat sal-punt tad-destinazzjoni u jenħtieġ li jikkonforma mal-obbligu li jimla l-ġurnal tal-vjaġġ.

minnha jew fiha. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għat-trasport ta' annimali li għalihom il-post tat-tluq ikun fit-territorju ta' pajjiż terz u l-post tad-destinazzjoni jkun fit-territorju tal-Unjoni. Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni xierqa tar-rekwiżiti għal tali trasport fil-post tat-tluq, huwa neċessarju li l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz tivverifika l-ippjanar tal-vjaġġ ikkonċernat, u li jiċċertifika fiċ-ċertifikat uffiċjali tas-saħħa għall-importazzjonijiet tal-annimali fl-Unjoni u permezz tal-approvazzjoni tiegħu tal-ġurnal tal-vjaġġ, li l-ippjanar tal-vjaġġ ikun sar f'konformità ma' dan ir-Regolament, jew ma' rekwiżiti ekwivalenti. ***L-organizzatur tat-trasport*** tal-annimali jenħtieġ li jkun responsabbli sabiex jiżgura li dan l-ippjanar jiġi rispettat sal-punt tad-destinazzjoni u jenħtieġ li jikkonforma mal-obbligu li jimla l-ġurnal tal-vjaġġ.

Or. en

Emenda 120
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) It-trasport ta' annimali ħajjin minn pajjiżi terzi lejn it-territorju tal-Unjoni jikkonċerna prinċipalment ċerti speċijiet ta' annimali u normalment jitwettaq permezz ta' rotot diretti. Meta jiġu importati annimali ħajjin fl-Unjoni, l-operaturi li jittrasportaw it-tali annimali minn pajjiż terz lejn post tad-destinazzjoni fl-Unjoni jenħtieġ li jiżguraw li l-annimali jkunu protetti tal-anqas b'mod ekwivalenti għall-annimali ttrasportati fit-territorju tal-Unjoni, u dan mill-mument meta l-	(11) It-trasport ta' annimali ħajjin minn pajjiżi terzi lejn it-territorju tal-Unjoni jikkonċerna prinċipalment ċerti speċijiet ta' annimali u normalment jitwettaq permezz ta' rotot diretti. Meta jiġu importati annimali ħajjin fl-Unjoni, l-operaturi li jittrasportaw it-tali annimali minn pajjiż terz lejn post tad-destinazzjoni fl-Unjoni jenħtieġ li jiżguraw li l-annimali jkunu protetti tal-anqas b'mod ekwivalenti għall-annimali ttrasportati fit-territorju tal-Unjoni, u dan mill-mument meta l-

annimali jitgħabbew fuq il-mezz tat-trasport fil-pajjiż terz sal-post tad-destinazzjoni fl-Unjoni. Dan huwa neċessarju fid-dawl tat-tħassib taċ-ċittadini tal-Unjoni relatat mal-benesseri tal-annimali matul it-trasport, li jestendi għall-annimali kollha ttrasportati lejn l-Unjoni, minnha jew fiha. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għat-trasport ta' annimali li għalihom il-post tat-tluq ikun fit-territorju ta' pajjiż terz u l-post tad-destinazzjoni jkun fit-territorju tal-Unjoni. Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni xierqa tar-rekwiżiti għal tali trasport fil-post tat-tluq, huwa neċessarju li l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz tivverifika l-ippjanar tal-vjaġġ ikkonċernat, u li jiċċertifika fiċ-ċertifikat uffiċjali tas-saħħa għall-importazzjonijiet tal-annimali fl-Unjoni u permezz tal-approvazzjoni tiegħu tal-ġurnal tal-vjaġġ, li l-ippjanar tal-vjaġġ ikun sar f'konformità ma' dan ir-Regolament, jew ma' rekwiżiti ekwivalenti. ***It-trasportatur tal-annimali*** jenħtieġ li jkun responsabbli sabiex jiżgura li dan l-ippjanar jiġi rispettat sal-punt tad-destinazzjoni u jenħtieġ li jikkonforma mal-obbligu li jimla l-ġurnal tal-vjaġġ.	annimali jitgħabbew fuq il-mezz tat-trasport fil-pajjiż terz sal-post tad-destinazzjoni fl-Unjoni. Dan huwa neċessarju fid-dawl tat-tħassib taċ-ċittadini tal-Unjoni relatat mal-benesseri tal-annimali matul it-trasport, li jestendi għall-annimali kollha ttrasportati lejn l-Unjoni, minnha jew fiha. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għat-trasport ta' annimali li għalihom il-post tat-tluq ikun fit-territorju ta' pajjiż terz u l-post tad-destinazzjoni jkun fit-territorju tal-Unjoni. Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni xierqa tar-rekwiżiti għal tali trasport fil-post tat-tluq, huwa neċessarju li l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz tivverifika l-ippjanar tal-vjaġġ ikkonċernat, u li jiċċertifika fiċ-ċertifikat uffiċjali tas-saħħa għall-importazzjonijiet tal-annimali fl-Unjoni u permezz tal-approvazzjoni tiegħu tal-ġurnal tal-vjaġġ, li l-ippjanar tal-vjaġġ ikun sar f'konformità ma' dan ir-Regolament, jew ma' rekwiżiti ekwivalenti. ***L-organizzatur*** jenħtieġ li jkun responsabbli sabiex jiżgura li dan l-ippjanar jiġi rispettat sal-punt tad-destinazzjoni u jenħtieġ li jikkonforma mal-obbligu li jimla l-ġurnal tal-vjaġġ.

Or. en

Emenda 121
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) Kif tirrapporta l-Qorti Ewropea tal-Awdituri, bejn l-2017 u l-2021, l-għadd ta' frat, ħnieżer, nagħaġ, mogħoż u żwiemel li ġew esportati fis-sena lejn pajjiżi terzi għat-tnissil, għat-tismin u għall-iskarnar kien ta' 4,5 miljun. Id-destinazzjoni għal dawn l-esportazzjonijiet hija l-aktar pajjiżi tal-Lvant Nofsani u tal-

Afrika ta' Fuq, fejn l-annimali ma jingħatawx livell ta' protezzjoni ugwali għall-UE. Minkejja li l-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li r-regoli dwar it-trasport tal-annimali jkopru t-tul kollu tat-trasport, inkluża l-parti li ssir f'pajjiż terz, l-esperjenza turi li ma huwiex possibbli li tiġi żgurata l-konformità ladarba l-annimali jitilqu mit-territorju tal-UE. B'riżultat ta' dan, ir-rapporti juru tbatija kbira għall-annimali matul vjaġġi twal, annimali li jistennew fil-fruntieri għal jiem jew saħansitra ġimgħat u trattament krudili f'destinazzjonijiet li jistgħu jiġu evitati jekk jintemmu l-esportazzjonijiet ħajjin. Meta jitqiesu l-passi progressivi meħuda f'pajjiżi barra mill-UE, bħar-Renju Unit, l-Awstralja jew New Zealand, u l-appoġġ kbir taċ-ċittadini tal-UE għal protezzjoni akbar tal-annimali matul it-trasport, ir-Regolament jipprojbixxi l-esportazzjoni ta' frat, ħnieżer, nagħaġ, mogħoż u żwiemel għall-finijiet tal-iskarnar u tas-simna jekk ikunu maħsuba għall-konsum mill-bniedem. Il-possibbiltà li tiġi evitata din il-projbizzjoni b'tikkettar falz ta' annimali kif maħsuba għat-tnissil hija kbira ħafna, għalhekk huwa xieraq li jiġu pprojbiti wkoll l-esportazzjonijiet ħajjin ta' bhejjem għal dan il-għan.

Or. en

Emenda 122
Emma Wiesner

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Għat-tranżitu ta' annimali minn pajjiż terz lejn pajjiż terz ieħor jew lejn l-istess pajjiż terz mit-territorju tal-Unjoni, jenħtieġ li japplikaw regoli tal-Unjoni matul il-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni. Għalkemm la l-post tal-oriġini	(12) Għat-tranżitu ta' annimali minn pajjiż terz lejn pajjiż terz ieħor jew lejn l-istess pajjiż terz mit-territorju tal-Unjoni, jenħtieġ li japplikaw regoli tal-Unjoni matul il-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni. Għalkemm la l-post tal-oriġini

u lanqas il-post tad-destinazzjoni ta' dak it-trasport ma jinsab fl-Unjoni, għall-benefiċċju tal-annimali u fid-dawl tat-tħassib taċ-ċittadini, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għall-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni. Jenħtieġ li t-trasportaturi jiżguraw li l-annimali jiġu ttrasportati f'kundizzjonijiet li jikkonformaw ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-allokazzjonijiet tal-ispazju, tat-tmigħ u tat-tisqija, billi dawn huma essenzjali għall-benesseri tal-annimali ttrasportati fit-territorju tal-Unjoni. ***Madankollu, jenħtieġ li l-konformità mar-regoli dwar il-ħinijiet tal-vjaġġ ma tkunx meħtieġa f'każijiet bħal dawn, peress li din tista' twassal għal vjaġġi saħansitra itwal għall-annimali kkonċernati billi tirrikjedi li l-operaturi ta' pajjiżi terzi jevitaw it-territorju tal-Unjoni permezz ta' rotot itwal, li potenzjalment ikollu impatt agħar fuq il-benesseri tal-annimali.***

u lanqas il-post tad-destinazzjoni ta' dak it-trasport ma jinsab fl-Unjoni, għall-benefiċċju tal-annimali u fid-dawl tat-tħassib taċ-ċittadini, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għall-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni. Jenħtieġ li t-trasportaturi jiżguraw li l-annimali jiġu ttrasportati f'kundizzjonijiet li jikkonformaw ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-allokazzjonijiet tal-ispazju, tat-tmigħ u tat-tisqija, billi dawn huma essenzjali għall-benesseri tal-annimali ttrasportati fit-territorju tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 123
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Għat-tranżitu ta' annimali minn pajjiż terz lejn pajjiż terz ieħor jew lejn l-istess pajjiż terz mit-territorju tal-Unjoni, jenħtieġ li japplikaw regoli tal-Unjoni matul il-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni. Għalkemm la l-post tal-oriġini u lanqas il-post tad-destinazzjoni ta' dak it-trasport ma jinsab fl-Unjoni, għall-benefiċċju tal-annimali u fid-dawl tat-tħassib taċ-ċittadini, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għall-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni. Jenħtieġ li t-	(12) Għat-tranżitu ta' annimali minn pajjiż terz lejn pajjiż terz ieħor jew lejn l-istess pajjiż terz mit-territorju tal-Unjoni, jenħtieġ li japplikaw regoli tal-Unjoni matul il-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni. Għalkemm la l-post tal-oriġini u lanqas il-post tad-destinazzjoni ta' dak it-trasport ma jinsab fl-Unjoni, għall-benefiċċju tal-annimali u fid-dawl tat-tħassib taċ-ċittadini, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għall-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni. Jenħtieġ li t-

trasportaturi jiżguraw li l-annimali jiġu ttrasportati f'kundizzjonijiet li jikkonformaw ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-allokazzjonijiet tal-ispazju, tat-tmigħ u tat-tisqija, billi dawn huma essenzjali għall-benesseri tal-annimali ttrasportati fit-territorju tal-Unjoni. ***Madankollu, jenħtieġ li l-konformità mar-regoli dwar il-ħinijiet tal-vjaġġ ma tkunx meħtieġa f'każijiet bħal dawn, peress li din tista' twassal għal vjaġġi saħansitra itwal għall-annimali kkonċernati billi tirrikjedi li l-operaturi ta' pajjiżi terzi jevitaw it-territorju tal-Unjoni permezz ta' rotot itwal, li potenzjalment ikollu impatt agħar fuq il-benesseri tal-annimali.***

trasportaturi jiżguraw li l-annimali jiġu ttrasportati f'kundizzjonijiet li jikkonformaw ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-allokazzjonijiet tal-ispazju, tat-tmigħ u tat-tisqija, billi dawn huma essenzjali għall-benesseri tal-annimali ttrasportati fit-territorju tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 124
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) ***Għat-tranżitu*** ta' annimali minn pajjiż terz lejn pajjiż terz ieħor jew lejn l-istess pajjiż terz mit-territorju tal-Unjoni, jenħtieġ li japplikaw regoli tal-Unjoni matul il-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni. Għalkemm la l-post tal-oriġini u lanqas il-post tad-destinazzjoni ta' dak it-trasport ma jinsab fl-Unjoni, ***għall-benefiċċju*** tal-annimali u fid-dawl tat-tħassib taċ-ċittadini, jenħtieġ li dan ir-Regolament ***japplika għall-parti*** tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni. Jenħtieġ li t-trasportaturi jiżguraw li l-annimali jiġu ttrasportati f'kundizzjonijiet li jikkonformaw ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-allokazzjonijiet tal-ispazju, tat-tmigħ u tat-tisqija, billi dawn huma essenzjali għall-benesseri tal-annimali ttrasportati fit-	(12) ***It-tranżitu*** ta' annimali minn pajjiż terz lejn pajjiż terz ieħor jew lejn l-istess pajjiż terz mit-territorju tal-Unjoni, ***jimplika riskji għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali.*** Jenħtieġ li japplikaw regoli tal-Unjoni matul il-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni. Għalkemm la l-post tal-oriġini u lanqas il-post tad-destinazzjoni ta' dak it-trasport ma jinsab fl-Unjoni, ***għall-benesseri*** tal-annimali u fid-dawl tat-tħassib taċ-ċittadini ***u dwar is-saħħa pubblika***, jenħtieġ li dan ir-Regolament ***ma jippermettix il-parti*** tal-vjaġġ ***minn pajjiż terz lejn ieħor, jew lejn l-istess pajjiż terz,*** li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni. Jenħtieġ li t-trasportaturi jiżguraw li l-annimali jiġu ttrasportati f'kundizzjonijiet li jikkonformaw ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-

territorju tal-Unjoni. ***Madankollu, jenħtieġ li l-konformità mar-regoli dwar il-ħinijiet tal-vjaġġ ma tkunx meħtieġa f'każijiet bħal dawn, peress li din tista' twassal għal vjaġġi saħansitra itwal għall-annimali kkonċernati billi tirrikjedi li l-operaturi ta' pajjiżi terzi jevitaw it-territorju tal-Unjoni permezz ta' rotot itwal, li potenzjalment ikollu impatt agħar fuq il-benesseri tal-annimali.***

rigward tal-allokazzjonijiet tal-ispazju, tat-tmigħ u tat-tisqija, billi dawn huma essenzjali għall-benesseri tal-annimali ttrasportati fit-territorju tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 125
Adrian-George Axinia

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Għat-tranżitu ta' annimali minn pajjiż terz lejn pajjiż terz ieħor jew lejn l-istess pajjiż terz mit-territorju tal-Unjoni, jenħtieġ li japplikaw regoli tal-Unjoni matul il-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni. Għalkemm la l-post tal-oriġini u lanqas il-post tad-destinazzjoni ta' dak it-trasport ma jinsab fl-Unjoni, għall-benefiċċju tal-annimali u fid-dawl tat-tħassib taċ-ċittadini, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għall-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni. Jenħtieġ li t-trasportaturi jiżguraw li l-annimali jiġu ttrasportati f'kundizzjonijiet li jikkonformaw ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-allokazzjonijiet tal-ispazju, tat-tmigħ u tat-tisqija, billi dawn huma essenzjali għall-benesseri tal-annimali ttrasportati fit-territorju tal-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ li l-konformità mar-regoli dwar il-ħinijiet tal-vjaġġ ma tkunx meħtieġa f'każijiet bħal dawn, peress li din tista' twassal għal vjaġġi saħansitra itwal għall-annimali kkonċernati billi tirrikjedi li l-operaturi ***ta' pajjiżi terzi*** jevitaw it-territorju tal-Unjoni	(12) Għat-tranżitu ta' annimali minn pajjiż terz lejn pajjiż terz ieħor jew lejn l-istess pajjiż terz mit-territorju tal-Unjoni, jenħtieġ li japplikaw regoli tal-Unjoni matul il-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni. Għalkemm la l-post tal-oriġini u lanqas il-post tad-destinazzjoni ta' dak it-trasport ma jinsab fl-Unjoni, għall-benefiċċju tal-annimali u fid-dawl tat-tħassib taċ-ċittadini, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għall-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni. Jenħtieġ li t-trasportaturi jiżguraw li l-annimali jiġu ttrasportati f'kundizzjonijiet li jikkonformaw ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-allokazzjonijiet tal-ispazju, tat-tmigħ u tat-tisqija, billi dawn huma essenzjali għall-benesseri tal-annimali ttrasportati fit-territorju tal-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ li l-konformità mar-regoli dwar il-ħinijiet tal-vjaġġ ma tkunx meħtieġa f'każijiet bħal dawn, peress li din tista' twassal għal vjaġġi saħansitra itwal għall-annimali kkonċernati billi tirrikjedi li l-operaturi jevitaw it-territorju tal-Unjoni permezz ta'

permezz ta’ rotot itwal, li potenzjalment ikollu impatt agħar fuq il-benesseri tal-annimali.	rotot itwal, li potenzjalment ikollu impatt agħar fuq il-benesseri tal-annimali. ***Barra minn hekk, jenħtieġ li tiġi permessa flessibbiltà sabiex jiġi ffaċilitat it-tranżitu bla xkiel ta’ annimali ħajjin mill-Unjoni, jiġu pprevenuti pożijiet amministrattivi mhux meħtieġa u dewmien fil-qsim tal-fruntieri. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jappoġġa l-kontinwità tal-kummerċ ma’ pajjiżi terzi billi jiżgura li r-regoli ta’ tranżitu ma joħolqux ostakli għall-kummerċ jew jaffettwaw b’mod sproporzjonat lill-esportaturi. It-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-awtoritajiet ta’ pajjiżi terzi u r-rikonoxximent ta’ standards ekwivalenti ta’ benesseri, meta jkun applikabbli, jistgħu jkomplu jissimplifikaw il-proċeduri ta’ tranżitu filwaqt li jinżammu standards għoljin ta’ benesseri tal-annimali.***

Or. en

Emenda 126
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Għat-tranżitu ta’ annimali minn pajjiż terz lejn pajjiż terz ieħor jew lejn l-istess pajjiż terz mit-territorju tal-Unjoni, jenħtieġ li japplikaw regoli tal-Unjoni matul il-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni. Għalkemm la l-post tal-oriġini u lanqas il-post tad-destinazzjoni ta’ dak it-trasport ma jinsab fl-Unjoni, għall-benefiċċju tal-annimali u fid-dawl tat-tħassib taċ-ċittadini, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għall-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni. Jenħtieġ li t-trasportaturi jiżguraw li l-annimali jiġu ttrasportati f’kundizzjonijiet li jikkonformaw ma’ dan ir-Regolament, b’mod partikolari fir-rigward tal-	(12) Għat-tranżitu ta’ annimali minn pajjiż terz lejn pajjiż terz ieħor jew lejn l-istess pajjiż terz mit-territorju tal-Unjoni, jenħtieġ li japplikaw regoli tal-Unjoni matul il-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni. Għalkemm la l-post tal-oriġini u lanqas il-post tad-destinazzjoni ta’ dak it-trasport ma jinsab fl-Unjoni, għall-benefiċċju tal-annimali***, is-saħħa pubblika u raġunijiet ta’ saħħa pubblika*** u fid-dawl tat-tħassib taċ-ċittadini, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għall-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni. Jenħtieġ li t-trasportaturi jiżguraw li l-annimali jiġu ttrasportati f’kundizzjonijiet li jikkonformaw ma’ dan ir-Regolament,

allokazzjonijiet tal-ispazju, tat-tmigħ u tat-tisqija, billi dawn huma essenzjali għall-benesseri tal-annimali ttrasportati fit-territorju tal-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ li l-konformità mar-regoli dwar il-ħinijiet tal-vjaġġ ma tkunx meħtieġa f'każijiet bħal dawn, peress li din tista' twassal għal vjaġġi saħansitra itwal għall-annimali kkonċernati billi tirrikjedi li l-operaturi ta' pajjiżi terzi jevitaw it-territorju tal-Unjoni permezz ta' rotot itwal, li potenzjalment ikollu impatt agħar fuq il-benesseri tal-annimali.

b'mod partikolari fir-rigward tal-allokazzjonijiet tal-ispazju, tat-tmigħ u tat-tisqija, billi dawn huma essenzjali għall-benesseri tal-annimali ttrasportati fit-territorju tal-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ li l-konformità mar-regoli dwar il-ħinijiet tal-vjaġġ ma tkunx meħtieġa f'każijiet bħal dawn, peress li din tista' twassal għal vjaġġi saħansitra itwal għall-annimali kkonċernati billi tirrikjedi li l-operaturi ta' pajjiżi terzi jevitaw it-territorju tal-Unjoni permezz ta' rotot itwal, li potenzjalment ikollu impatt agħar fuq il-benesseri tal-annimali.

Or. en

Emenda 127
Ivan David

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Għat-tranżitu ta' annimali minn pajjiż terz lejn pajjiż terz ieħor jew lejn l-istess pajjiż terz mit-territorju tal-Unjoni, jenħtieġ li japplikaw regoli tal-Unjoni matul il-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni. Għalkemm la l-post tal-oriġini u lanqas il-post tad-destinazzjoni ta' dak it-trasport ma jinsab fl-Unjoni, għall-benefiċċju tal-annimali u fid-dawl tat-tħassib taċ-ċittadini, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għall-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni. Jenħtieġ li ***t-trasportaturi*** jiżguraw li l-annimali jiġu ttrasportati f'kundizzjonijiet li jikkonformaw ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-allokazzjonijiet tal-ispazju, tat-tmigħ u tat-tisqija, billi dawn huma essenzjali għall-benesseri tal-annimali ttrasportati fit-territorju tal-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ li l-konformità mar-regoli dwar il-ħinijiet tal-vjaġġ ma tkunx meħtieġa f'każijiet bħal	(12) Għat-tranżitu ta' annimali minn pajjiż terz lejn pajjiż terz ieħor jew lejn l-istess pajjiż terz mit-territorju tal-Unjoni, jenħtieġ li japplikaw regoli tal-Unjoni matul il-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni. Għalkemm la l-post tal-oriġini u lanqas il-post tad-destinazzjoni ta' dak it-trasport ma jinsab fl-Unjoni, għall-benefiċċju tal-annimali u fid-dawl tat-tħassib taċ-ċittadini, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għall-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni. Jenħtieġ li ***l-organizzaturi tat-trasport tal-annimali*** jiżguraw li l-annimali jiġu ttrasportati f'kundizzjonijiet li jikkonformaw ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-allokazzjonijiet tal-ispazju, tat-tmigħ u tat-tisqija, billi dawn huma essenzjali għall-benesseri tal-annimali ttrasportati fit-territorju tal-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ li l-konformità mar-regoli dwar il-ħinijiet tal-vjaġġ ma tkunx

dawn, peress li din tista' twassal għal vjaġġi saħansitra itwal għall-annimali kkonċernati billi tirrikjedi li l-operaturi ta' pajjiżi terzi jevitaw it-territorju tal-Unjoni permezz ta' rotot itwal, li potenzjalment ikollu impatt agħar fuq il-benesseri tal-annimali.	meħtieġa f'każijiet bħal dawn, peress li din tista' twassal għal vjaġġi saħansitra itwal għall-annimali kkonċernati billi tirrikjedi li l-operaturi ta' pajjiżi terzi jevitaw it-territorju tal-Unjoni permezz ta' rotot itwal, li potenzjalment ikollu impatt agħar fuq il-benesseri tal-annimali.
	Or. en

Emenda 128
Benoit Cassart, Asger Christensen, Valérie Devaux, Christine Singer, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Emma Wiesner, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Għat-tranżitu ta' annimali minn pajjiż terz lejn pajjiż terz ieħor jew lejn l-istess pajjiż terz mit-territorju tal-Unjoni, jenħtieġ li japplikaw regoli tal-Unjoni matul il-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni. Għalkemm la l-post tal-oriġini u lanqas il-post tad-destinazzjoni ta' dak it-trasport ma jinsab fl-Unjoni, għall-benefiċċju tal-annimali u fid-dawl tat-tħassib taċ-ċittadini, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għall-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni. Jenħtieġ li t-trasportaturi jiżguraw li l-annimali jiġu ttrasportati f'kundizzjonijiet li jikkonformaw ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-allokazzjonijiet tal-ispazju, tat-tmigħ u tat-tisqija, billi dawn huma essenzjali għall-benesseri tal-annimali ttrasportati fit-territorju tal-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ li l-konformità mar-regoli dwar il-ħinijiet tal-vjaġġ ma tkunx meħtieġa f'każijiet bħal dawn, peress li din tista' twassal għal vjaġġi saħansitra itwal għall-annimali kkonċernati billi tirrikjedi li l-operaturi ta' pajjiżi terzi jevitaw it-territorju tal-Unjoni permezz ta' rotot itwal, li potenzjalment	(12) Għat-tranżitu ta' annimali minn pajjiż terz lejn pajjiż terz ieħor jew lejn l-istess pajjiż terz mit-territorju tal-Unjoni, jenħtieġ li japplikaw regoli tal-Unjoni matul il-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni. Għalkemm la l-post tal-oriġini u lanqas il-post tad-destinazzjoni ta' dak it-trasport ma jinsab fl-Unjoni, għall-benefiċċju tal-annimali u fid-dawl tat-tħassib taċ-ċittadini, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għall-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni. Jenħtieġ li t-trasportaturi jiżguraw li l-annimali jiġu ttrasportati f'kundizzjonijiet li jikkonformaw ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-allokazzjonijiet tal-ispazju, tat-tmigħ u tat-tisqija, ***u l-perjodi ta' mistrieħ*** billi dawn huma essenzjali għall-benesseri tal-annimali ttrasportati fit-territorju tal-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ li l-konformità mar-regoli dwar il-ħinijiet tal-vjaġġ ma tkunx meħtieġa f'każijiet bħal dawn, peress li din tista' twassal għal vjaġġi saħansitra itwal għall-annimali kkonċernati billi tirrikjedi li l-operaturi ta' pajjiżi terzi jevitaw it-territorju tal-Unjoni

ikollu impatt agħar fuq il-benesseri tal-annimali.	permezz ta' rotot itwal, li potenzjalment ikollu impatt agħar fuq il-benesseri tal-annimali.

Or. en

Emenda 129
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Għat-tranżitu ta' annimali minn pajjiż terz lejn pajjiż terz ieħor jew lejn l-istess pajjiż terz mit-territorju tal-Unjoni, jenħtieġ li japplikaw regoli tal-Unjoni matul il-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni. Għalkemm la l-post tal-oriġini u lanqas il-post tad-destinazzjoni ta' dak it-trasport ma jinsab fl-Unjoni, għall-benefiċċju tal-annimali u fid-dawl tat-tħassib taċ-ċittadini, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għall-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni. Jenħtieġ li ***t-trasportaturi*** jiżguraw li l-annimali jiġu ttrasportati f'kundizzjonijiet li jikkonformaw ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-allokazzjonijiet tal-ispazju, tat-tmigħ u tat-tisqija, billi dawn huma essenzjali għall-benesseri tal-annimali ttrasportati fit-territorju tal-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ li l-konformità mar-regoli dwar il-ħinijiet tal-vjaġġ ma tkunx meħtieġa f'każijiet bħal dawn, peress li din tista' twassal għal vjaġġi saħansitra itwal għall-annimali kkonċernati billi tirrikjedi li l-operaturi ta' pajjiżi terzi jevitaw it-territorju tal-Unjoni permezz ta' rotot itwal, li potenzjalment ikollu impatt agħar fuq il-benesseri tal-annimali.	(12) Għat-tranżitu ta' annimali minn pajjiż terz lejn pajjiż terz ieħor jew lejn l-istess pajjiż terz mit-territorju tal-Unjoni, jenħtieġ li japplikaw regoli tal-Unjoni matul il-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni. Għalkemm la l-post tal-oriġini u lanqas il-post tad-destinazzjoni ta' dak it-trasport ma jinsab fl-Unjoni, għall-benefiċċju tal-annimali u fid-dawl tat-tħassib taċ-ċittadini, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għall-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni. Jenħtieġ li ***l-organizzaturi*** jiżguraw li l-annimali jiġu ttrasportati f'kundizzjonijiet li jikkonformaw ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-allokazzjonijiet tal-ispazju, tat-tmigħ u tat-tisqija, billi dawn huma essenzjali għall-benesseri tal-annimali ttrasportati fit-territorju tal-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ li l-konformità mar-regoli dwar il-ħinijiet tal-vjaġġ ma tkunx meħtieġa f'każijiet bħal dawn, peress li din tista' twassal għal vjaġġi saħansitra itwal għall-annimali kkonċernati billi tirrikjedi li l-operaturi ta' pajjiżi terzi jevitaw it-territorju tal-Unjoni permezz ta' rotot itwal, li potenzjalment ikollu impatt agħar fuq il-benesseri tal-annimali.

Or. en

Emenda 130
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Għat-tranżitu ta' annimali minn pajjiż terz lejn pajjiż terz ieħor jew lejn l-istess pajjiż terz mit-territorju tal-Unjoni, jenħtieġ li japplikaw regoli tal-Unjoni matul il-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni. Għalkemm la l-post tal-oriġini u lanqas il-post tad-destinazzjoni ta' dak it-trasport ma jinsab fl-Unjoni, għall-benefiċċju tal-annimali u fid-dawl tat-tħassib taċ-ċittadini, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għall-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni. Jenħtieġ li ***t-trasportaturi*** jiżguraw li l-annimali jiġu ttrasportati f'kundizzjonijiet li jikkonformaw ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-allokazzjonijiet tal-ispazju, tat-tmigħ u tat-tisqija, billi dawn huma essenzjali għall-benesseri tal-annimali ttrasportati fit-territorju tal-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ li l-konformità mar-regoli dwar il-ħinijiet tal-vjaġġ ma tkunx meħtieġa f'każijiet bħal dawn, peress li din tista' twassal għal vjaġġi saħansitra itwal għall-annimali kkonċernati billi tirrikjedi li l-operaturi ta' pajjiżi terzi jevitaw it-territorju tal-Unjoni permezz ta' rotot itwal, li potenzjalment ikollu impatt agħar fuq il-benesseri tal-annimali.	(12) Għat-tranżitu ta' annimali minn pajjiż terz lejn pajjiż terz ieħor jew lejn l-istess pajjiż terz mit-territorju tal-Unjoni, jenħtieġ li japplikaw regoli tal-Unjoni matul il-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni. Għalkemm la l-post tal-oriġini u lanqas il-post tad-destinazzjoni ta' dak it-trasport ma jinsab fl-Unjoni, għall-benefiċċju tal-annimali u fid-dawl tat-tħassib taċ-ċittadini, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għall-parti tal-vjaġġ li sseħħ fit-territorju tal-Unjoni. Jenħtieġ li ***l-organizzaturi*** jiżguraw li l-annimali jiġu ttrasportati f'kundizzjonijiet li jikkonformaw ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-allokazzjonijiet tal-ispazju, tat-tmigħ u tat-tisqija, billi dawn huma essenzjali għall-benesseri tal-annimali ttrasportati fit-territorju tal-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ li l-konformità mar-regoli dwar il-ħinijiet tal-vjaġġ ma tkunx meħtieġa f'każijiet bħal dawn, peress li din tista' twassal għal vjaġġi saħansitra itwal għall-annimali kkonċernati billi tirrikjedi li l-operaturi ta' pajjiżi terzi jevitaw it-territorju tal-Unjoni permezz ta' rotot itwal, li potenzjalment ikollu impatt agħar fuq il-benesseri tal-annimali.

Or. en

Emenda 131
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Skont l-istatistika reċenti, bejn l-2015 u l-2024, kien hemm tnaqqis sinifikanti ta' 43 % fl-esportazzjonijiet ta' annimali ħajjin mill-kontinent, filwaqt li l-importazzjonijiet żdiedu b'119 %. Dawn il-figuri huma raġuni għal tħassib u jirriflettu dipendenza dejjem akbar minn sorsi esterni għall-provvisti, li tista' tikkomprommetti serjament is-sigurtà tal-ikel tal-popolazzjoni u l-istabbiltà ekonomika tal-kontinent. Din it-tendenza allarmanti timplika diversi riskji, bħal prezzijiet tal-ikel aktar għaljin, esponiment akbar għall-volatilità tas-swieq globali u vulnerabbiltajiet serji għal kriżijiet tal-ikel esterni potenzjali u fluttwazzjonijiet ekonomiċi internazzjonali.

Or. ro

Emenda 132
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Premessa 12b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12b) L-esportazzjoni ta' annimali ħajjin lejn pajjiżi terzi hija attività ekonomika importanti għal ħafna bdiewa Ewropej, li jibbażaw fuq dawn is-swieq esterni biex jikkapitalizzaw fuq il-produzzjoni tagħhom u jżommu l-istabbiltà finanzjarja tal-farms tagħhom. Dan mhux biss jappoġġa l-introjtu tal-bdiewa, iżda jikkontribwixxi wkoll għall-iżvilupp tas-settur agrikolu Ewropew blli jżid id-diversifikazzjoni tas-suq u jespandi n-networks tal-kummerċ internazzjonali. Għalkemm in-numru totali ta' kunsinni

ta' annimali ħajjin lil pajjiżi terzi żdied b'mod sinifikanti – minn 11 018 fl-2015 għal 14 423 fl-2017 – huwa importanti li jiġi enfasizzat li r-rata ta' ksur totali għal kull kunsinna naqset b'mod konsiderevoli, minn 4 % għal 3 %. Dan juri titjib fil-konformità ma' standards u regolamenti Ewropej dwar il-benessri tal-annimali u l-kundizzjonijiet tat-trasport, li jirrifletti l-isforzi u l-impenn tal-bdiewa u t-trasportaturi Ewropej, u tal-awtoritajiet kompetenti, biex tiġi żgurata l-konformità mal-istandards etiċi u legali.

Or. ro

Emenda 133
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Il-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri[13] tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (WOAH) fih linji gwida li jistabbilixxu standards minimi fil-livell globali fir-rigward tal-imġiba tal-annimali, tar-responsabbiltajiet u tal-livelli ta' kompetenza tal-atturi differenti involuti fit-trasport tal-annimali, tad-dokumentazzjoni li għandha tiġi pprovduta, tal-ippjanar tal-vjaġġi, u tal-azzjonijiet fil-każ ta' rifjut tal-annimali, fost l-oħrajn. Dan ir-Regolament iqis dawk il-linji gwida.	(13) Il-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri ***u Akkwatiċi***[13] tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (WOAH) fih linji gwida li jistabbilixxu standards minimi fil-livell globali fir-rigward tal-imġiba tal-annimali, tar-responsabbiltajiet u tal-livelli ta' kompetenza tal-atturi differenti involuti fit-trasport tal-annimali, tad-dokumentazzjoni li għandha tiġi pprovduta, tal-ippjanar tal-vjaġġi, u tal-azzjonijiet fil-każ ta' rifjut tal-annimali, fost l-oħrajn. Dan ir-Regolament iqis dawk il-linji gwida.
[13] WOAH Terrestrial Animal Health Code, 2023, Terrestrial Code Online Access - WOAH - L-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali.	[13] WOAH Terrestrial Animal Health Code, 2023, Terrestrial Code Online Access - WOAH - L-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali.

Or. en

Emenda 134
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) L-ispeċijiet ewlenin ta' annimali ttrasportati fl-Unjoni u mill-Unjoni lejn pajjiżi terzi għal skopijiet ekonomiċi huma annimali vertebrati li jinkludu ruminanti żgħar, ekwidi, bovini, ħnieżer, għasafar domestiċi, fniek, u annimali akkwatiċi, jiġifieri ħut, ċefalopodi, u dekapodi. Sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità, jenħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jkun limitat għal dawk l-ispeċijiet.	(15) L-ispeċijiet ewlenin ta' annimali ttrasportati fl-Unjoni u mill-Unjoni lejn pajjiżi terzi għal skopijiet ekonomiċi huma annimali vertebrati li jinkludu ruminanti żgħar, ***mammiferi akkwatiċi,*** ekwidi, bovini, ħnieżer, għasafar domestiċi, fniek, u annimali akkwatiċi, jiġifieri ħut, ċefalopodi, u dekapodi. Sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità, jenħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jkun limitat għal dawk l-ispeċijiet.

Or. en

Emenda 135
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) L-ispeċijiet ewlenin ta' annimali ttrasportati fl-Unjoni u mill-Unjoni lejn pajjiżi terzi għal skopijiet ekonomiċi huma annimali vertebrati li jinkludu ruminanti żgħar, ekwidi, bovini, ħnieżer, għasafar domestiċi, fniek**,** u annimali akkwatiċi**,** ***jiġifieri ħut, ċefalopodi, u dekapodi***. Sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità, jenħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jkun limitat għal dawk l-ispeċijiet.	(15) L-ispeċijiet ewlenin ta' annimali ttrasportati fl-Unjoni u mill-Unjoni lejn pajjiżi terzi għal skopijiet ekonomiċi huma annimali vertebrati li jinkludu ruminanti żgħar, ekwidi, bovini, ħnieżer, għasafar domestiċi, fniek u annimali akkwatiċi. Sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità, jenħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jkun limitat għal dawk l-ispeċijiet.

Or. en

Emenda 136
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15a) Dan ir-Regolament jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettivi tal-linji gwida strateġiċi għal akkwakultura tal-Unjoni aktar sostenibbli u kompetittiva, biex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tal-produzzjoni tal-ikel minn annimali terrestri u akkwatiċi u tittejjeb ir-rata ta' awtosuffiċjenza tal-Unjoni u titnaqqas id-dipendenza mill-importazzjonijiet.

Or. en

Emenda 137
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Il-ħut ornamentali normalment jiġi ttrasportat f'kaxxi żgħar permezz ta' kurrieri express f'borż tal-ilma adattati b'mod speċjali għall-ħtiġijiet tagħhom u d-durata tal-vjaġġ normalment tkun ta' anqas minn 24 siegħa. Għalhekk, it-trasport ta' ħut ornamentali rari jirrappreżenta riskju kbir għall-benesseri tal-annimali u jenħtieġ li jiġi eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ma hemm l-ebda ġustifikazzjoni xjentifika biex il-ħut ornamentali kollu jiġi eskluż mill-kunsiderazzjonijiet dwar il-benesseri f'dan ir-Regolament. Barra minn hekk, ħafna ħut ornamentali ma jiġix ittrasportat biex jitqiegħed f'akkwarju iżda pjuttost biex jitqiegħed ħaj f'għadajjar jew f'lagi. Dan il-ħut jiġi ttrasportat f'tankijiet bħal kwalunkwe trasport ieħor ta' ħut ħaj.

Emenda 138
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Il-ħut ornamentali normalment jiġi ttrasportat f'kaxxi żgħar permezz ta' kurrieri express f'borż tal-ilma adattati b'mod speċjali għall-ħtiġijiet tagħhom u d-durata tal-vjaġġ normalment tkun ta' anqas minn 24 siegħa. Għalhekk, it-trasport ta' ħut ornamentali rari jirrappreżenta riskju kbir għall-benesseri tal-annimali u jenħtieġ li jiġi eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.	***imħassar***

Or. en

Emenda 139
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Id-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15] tirregola l-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi. Minħabba r-rekwiżiti stretti dwar il-kwalità tal-annimali meħtieġa għar-riċerka u għall-ittestjar, kwalunkwe kompromess għall-istat tas-saħħa jew tal-benesseri tal-	(17) Id-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15] tirregola l-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi. Minħabba r-rekwiżiti stretti dwar il-kwalità tal-annimali meħtieġa għar-riċerka u għall-ittestjar, kwalunkwe kompromess għall-istat tas-saħħa jew tal-benesseri tal-

annimali mal-wasla fil-post tad-destinazzjoni tagħhom għandu impatt dirett fuq il-possibbiltà li jintużaw għal dawk l-għanijiet. Barra minn hekk, il-proċeduri xjentifiċi jistgħu jirrikjedu l-użu ta' annimali li jistgħu potenzjalment jitqiesu mhux tajbin għat-trasport skont dan ir-Regolament bħal xi annimali ġenetikament modifikati u annimali li sarulhom proċeduri kirurġiċi għall-fini tal-proġetti f'konformità mad-Direttiva 2010/63/UE. It-trasport ta' annimali ħajjin għal skopijiet xjentifiċi jitwettaq minn operaturi speċjalizzati b'vetturi mfasslin apposta mgħammrin sabiex jiżguraw is-saħħa u l-benesseri tal-annimali matul il-vjaġġi ppjanati. Filwaqt li tista' ssir distinzjoni fir-rigward tal-iskop li għalih jiġu ttrasportati dawn l-annimali, jenħtieġ li jiġi ggarantit il-benesseri tagħhom. Madankollu, la jkun koerenti u lanqas aċċettabbli li jiġu ***inklużi*** kompletament fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. ***Għal dawn ir-raġunijiet, jenħtieġ li r-regoli speċifiċi għall-ispeċijiet relatati mal-idoneità għat-trasport, mal-intervalli għat-tisqija u għat-tmigħ u ċerti dispożizzjonijiet dwar il-ħinijiet tal-vjaġġ, it-temperaturi u l-perjodi ta' mistrieħ ma japplikawx għat-trasport ta' annimali użati jew maħsubin sabiex jintużaw għal skopijiet xjentifiċi fi proġett awtorizzat skont id-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.***	annimali mal-wasla fil-post tad-destinazzjoni tagħhom għandu impatt dirett fuq il-possibbiltà li jintużaw għal dawk l-għanijiet. Barra minn hekk, il-proċeduri xjentifiċi jistgħu jirrikjedu l-użu ta' annimali li jistgħu potenzjalment jitqiesu mhux tajbin għat-trasport skont dan ir-Regolament bħal xi annimali ġenetikament modifikati u annimali li sarulhom proċeduri kirurġiċi għall-fini tal-proġetti f'konformità mad-Direttiva 2010/63/UE. It-trasport ta' annimali ħajjin għal skopijiet xjentifiċi jitwettaq minn operaturi speċjalizzati b'vetturi mfasslin apposta mgħammrin sabiex jiżguraw is-saħħa u l-benesseri tal-annimali matul il-vjaġġi ppjanati. Filwaqt li tista' ssir distinzjoni fir-rigward tal-iskop li għalih jiġu ttrasportati dawn l-annimali, jenħtieġ li jiġi ggarantit il-benesseri tagħhom. Madankollu, la jkun koerenti u lanqas aċċettabbli li jiġu ***esklużi*** kompletament fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
[15] Id-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi (ĠU L 276, 20.10.2010, p. 33).	[15] Id-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi (ĠU L 276, 20.10.2010, p. 33).

Or. en

Emenda 140
Asger Christensen, Benoit Cassart, Valérie Devaux, Christine Singer, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní

Mhurchú, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) L-esperjenza bl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 turi li l-operaturi spiss idewmu l-vjaġġi lil hinn mil-limiti stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti billi jittrasportaw annimali minn azjenda għal diversi ċentri tal-assemblaġġ b'mod konsekuttiv. L-annimali jingħabru flimkien ma' annimali minn azjendi oħrajn f'dawn iċ-ċentri ta' assemblaġġ u l-aħħar ċentru ta' assemblaġġ biss jiġi rreġistrat bħala l-post tat-tluq. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi impost soġġorn obbligatorju tal-annimali kemm fil-post tat-tluq kif ukoll fid-destinazzjoni u jenħtieġ li ċ-ċentri tal-assemblaġġ jitħallew ikunu biss postijiet tat-tluq jekk ikunu jinsabu f'post lokali, bl-għan li tiġi evitata l-prattika ta' "bdil minn ċentru tal-assemblaġġ għal ieħor".	***imħassar***

Or. en

Emenda 141
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda, Nina Carberry

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) L-esperjenza bl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 turi li ***l-operaturi spiss idewmu l-vjaġġi lil hinn mil-limiti stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti billi jittrasportaw annimali minn azjenda għal diversi ċentri tal-assemblaġġ b'mod konsekuttiv. L-annimali jingħabru flimkien ma' annimali minn azjendi***	(18) L-esperjenza bl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 turi li ***l-isfida primarja biex jiġi żgurat il-benessri tal-annimali waqt it-trasport ma hijiex in-nuqqas ta' qafas leġiżlattiv iżda l-implimentazzjoni inkonsistenti tar-regoli eżistenti madwar l-Istati Membri. L-iżgurar tal-konformità u l-infurzar effettiv***

oħrajn f'dawn iċ-ċentri ta' assemblaġġ u l-aħħar ċentru ta' assemblaġġ biss jiġi rreġistrat bħala l-post tat-tluq. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi impost soġġorn obbligatorju tal-annimali kemm fil-post tat-tluq kif ukoll fid-destinazzjoni u jenħtieġ li ċ-ċentri tal-assemblaġġ jitħallew ikunu biss postijiet tat-tluq jekk ikunu jinsabu f'post lokali, bl-għan li tiġi evitata l-prattika ta' "bdil minn ċentru tal-assemblaġġ għal ieħor".	***jibqa' kruċjali biex jinżammu standards għoljin ta' protezzjoni tal-annimali madwar l-Unjoni Ewropea.***

Or. en

Emenda 142
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Krzysztof Hetman, Céline Imart

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) L-esperjenza bl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 turi li ***l-operaturi spiss idewmu l-vjaġġi lil hinn mil-limiti stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti billi jittrasportaw annimali minn azjenda għal diversi ċentri tal-assemblaġġ b'mod konsekuttiv. L-annimali jingħabru flimkien ma' annimali minn azjendi oħrajn f'dawn iċ-ċentri ta' assemblaġġ u l-aħħar ċentru ta' assemblaġġ biss jiġi rreġistrat bħala l-post tat-tluq. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi impost soġġorn obbligatorju tal-annimali kemm fil-post tat-tluq kif ukoll fid-destinazzjoni u jenħtieġ li ċ-ċentri tal-assemblaġġ jitħallew ikunu biss postijiet tat-tluq jekk ikunu jinsabu f'post lokali, bl-għan li tiġi evitata l-prattika ta' "bdil minn ċentru tal-assemblaġġ għal ieħor"***.	(18) L-esperjenza bl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 turi ***l-isfida ewlenija biex jiġi żgurat il-benessri tal-annimali waqt it-trasport ma hijiex in-nuqqas ta' qafas leġiżlattiv, iżda l-implimentazzjoni irregolari tiegħu mill-Istati Membri. L-aderenza stretta mar-regoli eżistenti u l-infurzar tagħhom jibqgħu essenzjali biex jiġu ggarantiti standards għoljin ta' protezzjoni tal-annimali fit-territorju kollu tal-Unjoni Ewropea***.

Or. en

Emenda 143
Cristina Maestre, Rosa Serrano Sierra, Elena Sancho Murillo, Alicia Homs Ginel

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) L-esperjenza bl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 turi li l-operaturi spiss idewmu l-vjaġġi lil hinn mil-limiti stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti billi jittrasportaw annimali minn azjenda għal diversi ċentri tal-assemblaġġ b'mod konsekuttiv. L-annimali jinġabru flimkien ma' annimali minn azjendi oħrajn f'dawn iċ-ċentri ta' assemblaġġ u l-aħħar ċentru ta' assemblaġġ biss jiġi rreġistrat bħala l-post tat-tluq. ***Għalhekk, jenħtieġ li jiġi impost soġġorn obbligatorju tal-annimali kemm fil-post tat-tluq kif ukoll fid-destinazzjoni u jenħtieġ li ċ-ċentri tal-assemblaġġ jitħallew ikunu biss postijiet tat-tluq jekk ikunu jinsabu f'post lokali, bl-għan li tiġi evitata l-prattika ta' "bdil minn ċentru tal-assemblaġġ għal ieħor".***	(18) L-esperjenza bl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 turi li l-operaturi spiss idewmu l-vjaġġi lil hinn mil-limiti stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti billi jittrasportaw annimali minn azjenda għal diversi ċentri tal-assemblaġġ b'mod konsekuttiv. L-annimali jinġabru flimkien ma' annimali minn azjendi oħrajn f'dawn iċ-ċentri ta' assemblaġġ u l-aħħar ċentru ta' assemblaġġ biss jiġi rreġistrat bħala l-post tat-tluq.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Din il-proposta tikkundanna lis-swieq u ċ-ċentri tal-assemblaġġ biex jisparixxu. Ir-rwol ta' organizzatur isir impossibbli meta ċentru tal-assemblaġġ ikun involut fil-vjaġġ, b'mod partikolari meta l-post tad-destinazzjoni finali jiġi deċiż f'dan il-punt.

Emenda 144
Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) L-esperjenza bl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 turi li l-operaturi spiss idewmu l-vjaġġi lil hinn mil-limiti stabbiliti fid-dispożizzjonijiet	(18) L-esperjenza bl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 turi li l-operaturi spiss idewmu l-vjaġġi lil hinn mil-limiti stabbiliti fid-dispożizzjonijiet

rilevanti billi jittrasportaw annimali minn azjenda għal diversi ċentri tal-assemblaġġ b'mod konsekuttiv. L-annimali jingabru flimkien ma' annimali minn azjendi oħrajn f'dawn iċ-ċentri ta' assemblaġġ u l-aħħar ċentru ta' assemblaġġ biss jiġi rreġistrat bħala l-post tat-tluq. ***Għalhekk, jenħtieġ li jiġi impost soġġorn obbligatorju tal-annimali kemm fil-post tat-tluq kif ukoll fid-destinazzjoni u jenħtieġ li ċ-ċentri tal-assemblaġġ jitħallew ikunu biss postijiet tat-tluq jekk ikunu jinsabu f'post lokali, bl-għan li tiġi evitata l-prattika ta' "bdil minn ċentru tal-assemblaġġ għal ieħor".***	rilevanti billi jittrasportaw annimali minn azjenda għal diversi ċentri tal-assemblaġġ b'mod konsekuttiv. L-annimali jingabru flimkien ma' annimali minn azjendi oħrajn f'dawn iċ-ċentri ta' assemblaġġ u l-aħħar ċentru ta' assemblaġġ biss jiġi rreġistrat bħala l-post tat-tluq.

Or. en

Emenda 145
Mireia Borrás Pabón, Margarita de la Pisa Carrión

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) L-esperjenza bl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 turi li l-operaturi spiss idewmu l-vjaġġi lil hinn mil-limiti stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti billi jittrasportaw annimali minn azjenda għal diversi ċentri tal-assemblaġġ b'mod konsekuttiv. L-annimali jingabru flimkien ma' annimali minn azjendi oħrajn f'dawn iċ-ċentri ta' assemblaġġ u l-aħħar ċentru ta' assemblaġġ biss jiġi rreġistrat bħala l-post tat-tluq. ***Għalhekk, jenħtieġ li jiġi impost soġġorn obbligatorju tal-annimali kemm fil-post tat-tluq kif ukoll fid-destinazzjoni u jenħtieġ li ċ-ċentri tal-assemblaġġ jitħallew ikunu biss postijiet tat-tluq jekk ikunu jinsabu f'post lokali, bl-għan li tiġi evitata l-prattika ta' "bdil minn ċentru tal-assemblaġġ għal ieħor".***	(18) L-esperjenza bl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 turi li l-operaturi spiss idewmu l-vjaġġi lil hinn mil-limiti stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti billi jittrasportaw annimali minn azjenda għal diversi ċentri tal-assemblaġġ b'mod konsekuttiv. L-annimali jingabru flimkien ma' annimali minn azjendi oħrajn f'dawn iċ-ċentri ta' assemblaġġ u l-aħħar ċentru ta' assemblaġġ biss jiġi rreġistrat bħala l-post tat-tluq.

Or. en

Emenda 146
Adrian-George Axinia

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) L-esperjenza bl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 turi li l-operaturi spiss idewmu l-vjaġġi lil hinn mil-limiti stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti billi jittrasportaw annimali minn azjenda għal diversi ċentri tal-assemblaġġ b'mod konsekuttiv. L-annimali jinġabru flimkien ma' annimali minn azjendi oħrajn f'dawn iċ-ċentri ta' assemblaġġ u l-aħħar ċentru ta' assemblaġġ biss jiġi rreġistrat bħala l-post tat-tluq. ***Għalhekk***, jenħtieġ li ***jiġi impost*** soġġorn obbligatorju ***tal-annimali kemm*** fil-post tat-tluq ***kif ukoll fid-destinazzjoni u jenħtieġ li ċ-ċentri*** tal-assemblaġġ ***jitħallew ikunu biss*** postijiet tat-tluq ***jekk ikunu jinsabu f'post lokali, bl-għan li tiġi evitata l-prattika ta' "bdil minn ċentru tal-assemblaġġ għal ieħor"***.	(18) L-esperjenza bl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 turi li l-operaturi spiss idewmu l-vjaġġi lil hinn mil-limiti stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti billi jittrasportaw annimali minn azjenda għal diversi ċentri tal-assemblaġġ b'mod konsekuttiv. L-annimali jinġabru flimkien ma' annimali minn azjendi oħrajn f'dawn iċ-ċentri ta' assemblaġġ u l-aħħar ċentru ta' assemblaġġ biss jiġi rreġistrat bħala l-post tat-tluq. ***Madankollu***, jenħtieġ li ***ma jkunx meħtieġ*** soġġorn obbligatorju fil-post tat-tluq ***jekk l-organizzatur jiżgura konformità mar-rekwiżiti dwar il-benesseri tal-annimali matul il-vjaġġ u jżomm intervalli xierqa ta' mistrieħ. Iċ-ċentri*** tal-assemblaġġ ***jenħtieġ li jkomplu jiġu rikonoxxuti bħala*** postijiet tat-tluq ***fejn jiffaċilitaw il-konsolidazzjoni ta' gruppi ta' annimali għall-effiċjenza ekonomika***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tipprevjeni piżijiet regolatorji mhux meħtieġa fuq it-trasportaturi. Tirrikonoxxi l-importanza taċ-ċentri ta' assemblaġġ fil-loġistika tal-bhejjem. Tiżgura l-benesseri tal-annimali mingħajr ma timponi kundizzjonijiet riġidi u mhux prattiċi.

Emenda 147
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(18) L-esperjenza bl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 turi li l-operaturi spiss idewmu l-vjaġġi lil hinn mil-limiti stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti billi jittrasportaw annimali minn azjenda għal diversi ċentri tal-assemblaġġ b'mod konsekuttiv. L-annimali jinġabru flimkien ma' annimali minn azjendi oħrajn f'dawn iċ-ċentri ta' assemblaġġ u l-aħħar ċentru ta' assemblaġġ biss jiġi rreġistrat bħala l-post tat-tluq. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi impost soġġorn obbligatorju tal-annimali kemm fil-post tat-tluq kif ukoll fid-destinazzjoni u jenħtieġ li ċ-ċentri tal-assemblaġġ jitħallew ikunu biss postijiet tat-tluq jekk ikunu jinsabu f'post lokali, bl-għan li tiġi evitata l-prattika ta' "bdil minn ċentru tal-assemblaġġ għal ieħor".

(18) L-esperjenza bl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 turi li l-operaturi spiss idewmu l-vjaġġi lil hinn mil-limiti stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti billi jittrasportaw annimali minn azjenda għal diversi ċentri tal-assemblaġġ b'mod konsekuttiv. L-annimali jinġabru flimkien ma' annimali minn azjendi oħrajn f'dawn iċ-ċentri ta' assemblaġġ u l-aħħar ċentru ta' assemblaġġ biss jiġi rreġistrat bħala l-post tat-tluq. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi impost soġġorn obbligatorju tal-annimali kemm fil-post tat-tluq kif ukoll fid-destinazzjoni***, biex tiġi żgurata l-veraċità tal-ġurnal tal-vjaġġ,*** u jenħtieġ li ċ-ċentri tal-assemblaġġ jitħallew ikunu biss postijiet tat-tluq jekk ikunu jinsabu f'post lokali, bl-għan li tiġi evitata l-prattika ta' "bdil minn ċentru tal-assemblaġġ għal ieħor".

Or. en

Emenda 148
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) L-esperjenza bl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 turi li l-operaturi spiss idewmu l-vjaġġi lil hinn mil-limiti stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti billi jittrasportaw annimali minn azjenda għal diversi ċentri tal-assemblaġġ b'mod konsekuttiv. L-annimali jinġabru flimkien ma' annimali minn azjendi oħrajn f'dawn iċ-ċentri ta' assemblaġġ u l-aħħar ċentru ta' assemblaġġ biss jiġi rreġistrat bħala l-post tat-tluq. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi impost soġġorn obbligatorju tal-annimali kemm fil-post tat-tluq kif ukoll fid-destinazzjoni u jenħtieġ li ċ-ċentri tal-assemblaġġ jitħallew ikunu ***biss*** postijiet tat-tluq ***jekk ikunu jinsabu f'post lokali***,	(18) L-esperjenza bl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 turi li l-operaturi spiss idewmu l-vjaġġi lil hinn mil-limiti stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti billi jittrasportaw annimali minn azjenda għal diversi ċentri tal-assemblaġġ b'mod konsekuttiv. L-annimali jinġabru flimkien ma' annimali minn azjendi oħrajn f'dawn iċ-ċentri ta' assemblaġġ***, li jfisser riskji għas-saħħa tal-bnedmin u tal-annimali,*** u l-aħħar ċentru ta' assemblaġġ biss jiġi rreġistrat bħala l-post tat-tluq. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi impost soġġorn obbligatorju tal-annimali kemm fil-post tat-tluq kif ukoll fid-destinazzjoni u jenħtieġ li ċ-ċentri tal-assemblaġġ ***ma jitħallewx***

bl-għan li tiġi evitata l-prattika ta' "bdil minn ċentru tal-assemblaġġ għal ieħor".

ikunu postijiet tat-tluq, bl-għan li tiġi evitata l-prattika ta' "bdil minn ċentru tal-assemblaġġ għal ieħor".

Or. en

Emenda 149
Adrian-George Axinia

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) L-organizzaturi tat-trasport tal-annimali li għandhom il-mezzi sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament biss jenħtieġ li jitħallew jittrasportaw annimali għal vjaġġi twal. Għalhekk, xieraq li tiġi stabbilita sistema ta' awtorizzazzjoni għall-organizzaturi. Jenħtieġ li l-organizzaturi jkunu responsabbli sabiex jiżguraw il-konformità mar-regoli tal-Unjoni mill-post tat-tluq sal-post tad-destinazzjoni. Jistgħu jissottokuntrattaw it-trasport tal-annimali lil trasportatur u jenħtieġ li jibqgħu responsabbli sabiex jiżguraw il-konformità mar-regoli tal-Unjoni minn dak it-trasportatur u minn kwalunkwe persuna oħra involuta f'dak it-trasport. Jenħtieġ li ***l-organizzatur jipprovdi*** prova lill-awtoritajiet kompetenti dwar il-kapaċità tagħhom li jiżguraw li r-regoli tal-Unjoni dwar it-trasport jintlaħqu sal-wasla tal-annimali fil-post tad-destinazzjoni.	(19) L-organizzaturi tat-trasport tal-annimali li għandhom il-mezzi sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament biss jenħtieġ li jitħallew jittrasportaw annimali għal vjaġġi twal. Għalhekk, xieraq li tiġi stabbilita sistema ta' awtorizzazzjoni għall-organizzaturi ***li ma timponix piżijiet sproporzjonati fuq dawk involuti fit-trasport tal-annimali***. Jenħtieġ li l-organizzaturi jkunu responsabbli sabiex jiżguraw il-konformità mar-regoli tal-Unjoni mill-post tat-tluq sal-post tad-destinazzjoni. Jistgħu jissottokuntrattaw it-trasport tal-annimali lil trasportatur u jenħtieġ li jibqgħu responsabbli sabiex jiżguraw il-konformità mar-regoli tal-Unjoni minn dak it-trasportatur u minn kwalunkwe persuna oħra involuta f'dak it-trasport***, mingħajr ma jinżammu responsabbli għal inċidenti imprevedibbli li ma jistgħux jikkontrollaw***. Jenħtieġ li ***l-organizzaturi jipprovdu*** prova lill-awtoritajiet kompetenti dwar il-kapaċità tagħhom li jiżguraw li r-regoli tal-Unjoni dwar it-trasport jintlaħqu sal-wasla tal-annimali fil-post tad-destinazzjoni***, abbażi ta' kriterji trasparenti u proporzjonati li jissalvagwardjaw il-vijabbiltà tas-settur***.

Or. en

Emenda 150
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) L-organizzaturi tat-trasport tal-annimali li għandhom il-mezzi sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament biss jenħtieġ li jitħallew ***jittrasportaw annimali għal*** vjaġġi twal. Għalhekk, xieraq li tiġi stabbilita sistema ta' awtorizzazzjoni għall-organizzaturi. Jenħtieġ li l-organizzaturi jkunu responsabbli sabiex jiżguraw il-konformità mar-regoli tal-Unjoni mill-post tat-tluq sal-post tad-destinazzjoni. Jistgħu jissottokuntrattaw it-trasport tal-annimali lil trasportatur u jenħtieġ li jibqgħu responsabbli sabiex jiżguraw il-konformità mar-regoli tal-Unjoni minn dak it-trasportatur u minn kwalunkwe persuna oħra involuta f'dak it-trasport. Jenħtieġ li l-organizzatur jipprovdi prova lill-awtoritajiet kompetenti dwar il-kapaċità tagħhom li jiżguraw li r-regoli tal-Unjoni dwar it-trasport jintlaħqu sal-wasla tal-annimali fil-post tad-destinazzjoni.	(19) L-organizzaturi tat-trasport tal-annimali li għandhom il-mezzi sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament biss jenħtieġ li jitħallew ***jorganizzaw it-trasport tal-annimali fuq*** vjaġġi twal. Għalhekk, xieraq li tiġi stabbilita sistema ta' awtorizzazzjoni għall-organizzaturi. Jenħtieġ li l-organizzaturi jkunu responsabbli sabiex jiżguraw il-konformità mar-regoli tal-Unjoni mill-post tat-tluq sal-post tad-destinazzjoni. Jistgħu jissottokuntrattaw it-trasport tal-annimali lil trasportatur u jenħtieġ li jibqgħu responsabbli sabiex jiżguraw il-konformità mar-regoli tal-Unjoni minn dak it-trasportatur u minn kwalunkwe persuna oħra involuta f'dak it-trasport. Jenħtieġ li l-organizzatur jipprovdi prova lill-awtoritajiet kompetenti dwar ***il-kompetenza professjonali tagħhom u l-kapaċità*** tagħhom li jiżguraw li r-regoli tal-Unjoni dwar it-trasport jintlaħqu sal-wasla tal-annimali fil-post tad-destinazzjoni.

Or. en

Emenda 151
Ivan David

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) L-organizzaturi tat-trasport tal-annimali li għandhom il-mezzi sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-	(19) L-organizzaturi tat-trasport tal-annimali li għandhom il-mezzi sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-

Regolament biss jenħtieġ li ***jitħallew jittrasportaw annimali għal*** vjaġġi twal. Għalhekk, xieraq li tiġi stabbilita sistema ta' awtorizzazzjoni għall-organizzaturi. Jenħtieġ li l-organizzaturi jkunu responsabbli sabiex jiżguraw il-konformità mar-regoli tal-Unjoni mill-post tat-tluq sal-post tad-destinazzjoni. Jistgħu jissottokuntrattaw it-trasport tal-annimali lil trasportatur u jenħtieġ li jibqgħu responsabbli sabiex jiżguraw il-konformità mar-regoli tal-Unjoni minn dak it-trasportatur u minn kwalunkwe persuna oħra involuta f'dak it-trasport. Jenħtieġ li l-organizzatur jipprovdi prova lill-awtoritajiet kompetenti dwar il-kapaċità tagħhom li jiżguraw li r-regoli tal-Unjoni dwar it-trasport jintlaħqu sal-wasla tal-annimali fil-post tad-destinazzjoni.	Regolament biss jenħtieġ li ***jorganizzaw it-trasport tal-annimali għal*** vjaġġi twal. Għalhekk, xieraq li tiġi stabbilita sistema ta' awtorizzazzjoni għall-organizzaturi. Jenħtieġ li l-organizzaturi jkunu responsabbli sabiex jiżguraw il-konformità mar-regoli tal-Unjoni mill-post tat-tluq sal-post tad-destinazzjoni. Jistgħu jissottokuntrattaw it-trasport tal-annimali lil trasportatur u jenħtieġ li jibqgħu responsabbli sabiex jiżguraw il-konformità mar-regoli tal-Unjoni minn dak it-trasportatur u minn kwalunkwe persuna oħra involuta f'dak it-trasport. Jenħtieġ li l-organizzatur jipprovdi prova lill-awtoritajiet kompetenti dwar il-kapaċità tagħhom li jiżguraw li r-regoli tal-Unjoni dwar it-trasport jintlaħqu sal-wasla tal-annimali fil-post tad-destinazzjoni.
	Or. en

Emenda 152
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) L-organizzaturi tat-trasport tal-annimali li għandhom il-mezzi sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament biss jenħtieġ li jitħallew jittrasportaw annimali għal vjaġġi twal. Għalhekk, xieraq li tiġi stabbilita sistema ta' awtorizzazzjoni għall-organizzaturi. Jenħtieġ li l-organizzaturi jkunu responsabbli sabiex jiżguraw il-konformità mar-regoli tal-Unjoni mill-post tat-tluq sal-post tad-destinazzjoni. Jistgħu jissottokuntrattaw it-trasport tal-annimali lil trasportatur u jenħtieġ li jibqgħu responsabbli sabiex jiżguraw il-konformità mar-regoli tal-Unjoni minn dak it-trasportatur u minn kwalunkwe persuna oħra involuta f'dak it-trasport. Jenħtieġ li l-	(19) L-organizzaturi tat-trasport tal-annimali li għandhom il-mezzi sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament biss jenħtieġ li jitħallew jittrasportaw annimali għal vjaġġi twal. Għalhekk, xieraq li tiġi stabbilita sistema ta' awtorizzazzjoni għall-organizzaturi. Jenħtieġ li l-organizzaturi jkunu responsabbli sabiex jiżguraw il-konformità mar-regoli tal-Unjoni mill-post tat-tluq sal-post tad-destinazzjoni. Jistgħu jissottokuntrattaw it-trasport tal-annimali lil trasportatur u jenħtieġ li jibqgħu responsabbli sabiex jiżguraw il-konformità mar-regoli tal-Unjoni minn dak it-trasportatur u minn kwalunkwe persuna oħra involuta f'dak it-trasport. Jenħtieġ li l-

organizzatur jipprovdi prova lill-awtoritajiet kompetenti dwar ***il-kapaċità*** tagħhom li jiżguraw li r-regoli tal-Unjoni dwar it-trasport jintlaħqu sal-wasla tal-annimali fil-post tad-destinazzjoni.	organizzatur jipprovdi prova lill-awtoritajiet kompetenti dwar ***il-kompetenza professjonali tagħhom, inkluża l-kapaċità*** tagħhom li jiżguraw li r-regoli tal-Unjoni dwar it-trasport jintlaħqu sal-wasla tal-annimali fil-post tad-destinazzjoni.

Or. en

Emenda 153
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) L-organizzaturi tat-trasport tal-annimali li għandhom il-mezzi sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament biss jenħtieġ li jitħallew jittrasportaw annimali għal vjaġġi twal. Għalhekk, xieraq li tiġi stabbilita sistema ta' awtorizzazzjoni għall-organizzaturi. Jenħtieġ li l-organizzaturi jkunu responsabbli sabiex jiżguraw il-konformità mar-regoli tal-Unjoni mill-post tat-tluq sal-post tad-destinazzjoni. Jistgħu jissottokuntrattaw it-trasport tal-annimali lil trasportatur u jenħtieġ li jibqgħu responsabbli sabiex jiżguraw il-konformità mar-regoli tal-Unjoni minn dak it-trasportatur u minn kwalunkwe persuna oħra involuta f'dak it-trasport. Jenħtieġ li l-organizzatur jipprovdi prova lill-awtoritajiet kompetenti dwar ***il-kapaċità*** tagħhom li jiżguraw li r-regoli tal-Unjoni dwar it-trasport jintlaħqu sal-wasla tal-annimali fil-post tad-destinazzjoni.	(19) L-organizzaturi tat-trasport tal-annimali li għandhom il-mezzi sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament biss jenħtieġ li jitħallew jittrasportaw annimali għal vjaġġi twal. Għalhekk, xieraq li tiġi stabbilita sistema ta' awtorizzazzjoni għall-organizzaturi. Jenħtieġ li l-organizzaturi jkunu responsabbli sabiex jiżguraw il-konformità mar-regoli tal-Unjoni mill-post tat-tluq sal-post tad-destinazzjoni. Jistgħu jissottokuntrattaw it-trasport tal-annimali lil trasportatur u jenħtieġ li jibqgħu responsabbli sabiex jiżguraw il-konformità mar-regoli tal-Unjoni minn dak it-trasportatur u minn kwalunkwe persuna oħra involuta f'dak it-trasport. Jenħtieġ li l-organizzatur jipprovdi prova lill-awtoritajiet kompetenti dwar ***il-kompetenza professjonali tagħhom u l-kapaċità*** tagħhom li jiżguraw li r-regoli tal-Unjoni dwar it-trasport jintlaħqu sal-wasla tal-annimali fil-post tad-destinazzjoni.

Or. en

Emenda 154
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) L-organizzaturi tat-trasport tal-annimali li ***għandhom il-mezzi sabiex jikkonformaw*** mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament ***biss*** jenħtieġ li ***jitħallew*** jittrasportaw annimali ***għal vjaġġi twal***. Għalhekk, ***xieraq*** li tiġi stabbilita sistema ta' awtorizzazzjoni għall-organizzaturi. Jenħtieġ li l-organizzaturi jkunu responsabbli sabiex jiżguraw il-konformità mar-regoli tal-Unjoni mill-post tat-tluq sal-post tad-destinazzjoni. Jistgħu jissottokuntrattaw it-trasport tal-annimali lil trasportatur u jenħtieġ li jibqgħu responsabbli sabiex jiżguraw il-konformità mar-regoli tal-Unjoni minn dak it-trasportatur u minn kwalunkwe persuna oħra involuta f'dak it-trasport. Jenħtieġ li l-organizzatur jipprovdi prova lill-awtoritajiet kompetenti dwar il-kapaċità tagħhom li jiżguraw li r-regoli tal-Unjoni dwar it-trasport jintlaħqu sal-wasla tal-annimali fil-post tad-destinazzjoni.	(19) L-organizzaturi tat-trasport tal-annimali ***li ma jikkonformawx*** mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li ***ma jitħallewx*** jittrasportaw annimali għal vjaġġi twal. Għalhekk, ***huwa meħtieġ*** li tiġi stabbilita sistema ta' awtorizzazzjoni għall-organizzaturi. Jenħtieġ li l-organizzaturi jkunu responsabbli sabiex jiżguraw il-konformità mar-regoli tal-Unjoni mill-post tat-tluq sal-post tad-destinazzjoni. Jistgħu jissottokuntrattaw it-trasport tal-annimali lil trasportatur u jenħtieġ li jibqgħu responsabbli sabiex jiżguraw il-konformità mar-regoli tal-Unjoni minn dak it-trasportatur u minn kwalunkwe persuna oħra involuta f'dak it-trasport. Jenħtieġ li l-organizzatur jipprovdi prova lill-awtoritajiet kompetenti dwar il-kapaċità tagħhom li jiżguraw li r-regoli tal-Unjoni dwar it-trasport jintlaħqu sal-wasla tal-annimali fil-post tad-destinazzjoni.

Or. en

Emenda 155
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) It-trasportaturi u l-persunal tagħhom għandhom rwol ċentrali fit-trasport tal-annimali li jinfluwenza b'mod sinifikanti l-kundizzjonijiet tal-benesseri tal-annimali ttrasportati. Il-kundizzjonijiet tal-benesseri tal-annimali matul it-trasport	(20) It-trasportaturi u l-persunal tagħhom għandhom rwol ċentrali fit-trasport tal-annimali li jinfluwenza b'mod sinifikanti l-kundizzjonijiet tal-benesseri tal-annimali ttrasportati. Il-kundizzjonijiet tal-benesseri tal-annimali matul it-trasport

huma affettwati b'mod sinifikanti mill-kondotta ta' kuljum tat-trasportaturi. Jenħtieġ li jkollhom il-kompetenza neċessarja sabiex jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament, kif ukoll il-konformità mill-persunal tagħhom, u l-approvazzjoni neċessarja tal-mezzi tat-trasport użati, flimkien ma' pjanijiet ta' kontinġenza sabiex jiġu indirizzati l-emerġenzi. Għalhekk, ***xieraq*** li jkun hemm sistema ta' awtorizzazzjoni għat-trasportaturi. Jenħtieġ li jkunu akkontabbli u trasparenti rigward l-istatus u l-operazzjonijiet tagħhom. B'mod partikolari, jenħtieġ li jirrapportaw kwalunkwe diffikultà u jżommu rekords preċiżi tal-azzjonijiet tagħhom u tar-riżultati.	huma affettwati b'mod sinifikanti mill-kondotta ta' kuljum tat-trasportaturi. Jenħtieġ li jkollhom il-kompetenza neċessarja sabiex jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament, kif ukoll il-konformità mill-persunal tagħhom, u l-approvazzjoni neċessarja tal-mezzi tat-trasport użati, flimkien ma' pjanijiet ta' kontinġenza sabiex jiġu indirizzati l-emerġenzi. Għalhekk, ***huwa meħtieġ*** li jkun hemm sistema ta' awtorizzazzjoni għat-trasportaturi. Jenħtieġ li jkunu akkontabbli u trasparenti rigward l-istatus u l-operazzjonijiet tagħhom. B'mod partikolari, jenħtieġ li jirrapportaw kwalunkwe ***problema li tirriżulta qabel, matul u wara t-trasport u*** jżommu rekords preċiżi tal-azzjonijiet tagħhom u tar-riżultati.
	Or. en

Emenda 156
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) It-trasportaturi u l-persunal tagħhom għandhom rwol ċentrali fit-trasport tal-annimali li jinfluwenza ***b'mod sinifikanti*** l-kundizzjonijiet tal-benesseri tal-annimali ttrasportati. Il-kundizzjonijiet tal-benesseri tal-annimali matul it-trasport huma affettwati ***b'mod sinifikanti*** mill-kondotta ta' kuljum tat-trasportaturi. Jenħtieġ li jkollhom il-kompetenza neċessarja sabiex jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament, kif ukoll il-konformità mill-persunal tagħhom, u l-approvazzjoni neċessarja tal-mezzi tat-trasport użati, flimkien ma' pjanijiet ta' kontinġenza sabiex jiġu indirizzati l-	(20) It-trasportaturi u l-persunal tagħhom għandhom rwol ċentrali fit-trasport tal-annimali li jinfluwenza l-kundizzjonijiet tal-benesseri tal-annimali ttrasportati. Il-kundizzjonijiet tal-benesseri tal-annimali matul it-trasport huma affettwati mill-kondotta ta' kuljum tat-trasportaturi. Jenħtieġ li jkollhom il-kompetenza neċessarja sabiex jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament, kif ukoll il-konformità mill-persunal tagħhom, u l-approvazzjoni neċessarja tal-mezzi tat-trasport użati, flimkien ma' pjanijiet ta' kontinġenza sabiex jiġu indirizzati l-emerġenzi. Għalhekk, xieraq li jkun hemm

emerġenzi. Għalhekk, xieraq li jkun hemm sistema ta' awtorizzazzjoni għat-trasportaturi. Jenħtieġ li jkunu akkontabbli u trasparenti rigward l-istatus u l-operazzjonijiet tagħhom. B'mod partikolari, jenħtieġ li jirrapportaw kwalunkwe diffikultà u jżommu rekords preċiżi tal-azzjonijiet tagħhom u tar-riżultati.	sistema ta' awtorizzazzjoni għat-trasportaturi. Jenħtieġ li jkunu akkontabbli u trasparenti rigward l-istatus u l-operazzjonijiet tagħhom. B'mod partikolari, jenħtieġ li jirrapportaw kwalunkwe diffikultà u jżommu rekords preċiżi tal-azzjonijiet tagħhom u tar-riżultati.
	Or. en

Emenda 157
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) It-trasportaturi u l-persunal tagħhom għandhom rwol ċentrali fit-trasport tal-annimali li jinfluwenza ***b'mod sinifikanti*** l-kundizzjonijiet tal-benesseri tal-annimali ttrasportati. Il-kundizzjonijiet tal-benesseri tal-annimali matul it-trasport huma affettwati ***b'mod sinifikanti*** mill-kondotta ta' kuljum tat-trasportaturi. Jenħtieġ li jkollhom il-kompetenza neċessarja sabiex jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament, kif ukoll il-konformità mill-persunal tagħhom, u l-approvazzjoni neċessarja tal-mezzi tat-trasport użati, flimkien ma' pjanijiet ta' kontinġenza sabiex jiġu indirizzati l-emerġenzi. Għalhekk, xieraq li jkun hemm sistema ta' awtorizzazzjoni għat-trasportaturi. Jenħtieġ li jkunu akkontabbli u trasparenti rigward l-istatus u l-operazzjonijiet tagħhom. B'mod partikolari, jenħtieġ li jirrapportaw kwalunkwe diffikultà u jżommu rekords preċiżi tal-azzjonijiet tagħhom u tar-riżultati.	(20) It-trasportaturi u l-persunal tagħhom għandhom rwol ċentrali fit-trasport tal-annimali li jinfluwenza l-kundizzjonijiet tal-benesseri tal-annimali ttrasportati. Il-kundizzjonijiet tal-benesseri tal-annimali matul it-trasport huma affettwati mill-kondotta ta' kuljum tat-trasportaturi. Jenħtieġ li jkollhom il-kompetenza neċessarja sabiex jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament, kif ukoll il-konformità mill-persunal tagħhom, u l-approvazzjoni neċessarja tal-mezzi tat-trasport użati, flimkien ma' pjanijiet ta' kontinġenza sabiex jiġu indirizzati l-emerġenzi. Għalhekk, xieraq li jkun hemm sistema ta' awtorizzazzjoni għat-trasportaturi. Jenħtieġ li jkunu akkontabbli u trasparenti rigward l-istatus u l-operazzjonijiet tagħhom. B'mod partikolari, jenħtieġ li jirrapportaw kwalunkwe diffikultà u jżommu rekords preċiżi tal-azzjonijiet tagħhom u tar-riżultati.

Or. en

Emenda 158
Flavio Tosi, Salvatore De Meo, Borja Giménez Larraz

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Jenħtieġ li l-mezzi tat-trasport jitfasslu sabiex ***jevitaw*** korriment jew tbatija għall-annimali. Għalhekk, xieraq li jiġu stabbiliti rekwiżiti tekniċi li għandhom jiġu ssodisfati sabiex mezz tat-trasport jiġi approvat u jitqiesu l-ħtiġijiet tal-ispeċijiet speċifiċi u tal-kategoriji ta' annimali abbord.	(21) Jenħtieġ li l-mezzi tat-trasport jitfasslu sabiex ***jiġi mminimizzat ir-riskju ta'*** korriment jew tbatija għall-annimali. Għalhekk, xieraq li jiġu stabbiliti rekwiżiti tekniċi li għandhom jiġu ssodisfati sabiex mezz tat-trasport jiġi approvat u jitqiesu l-ħtiġijiet tal-ispeċijiet speċifiċi u tal-kategoriji ta' annimali abbord***, kif ukoll l-impatti soċjali u ekonomiċi ta' dawn il-bidliet***.

Or. en

Emenda 159
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Jenħtieġ li l-mezzi tat-trasport jitfasslu sabiex jevitaw korriment jew tbatija għall-annimali. Għalhekk, ***xieraq*** li jiġu stabbiliti rekwiżiti tekniċi li għandhom jiġu ssodisfati sabiex mezz tat-trasport jiġi approvat u jitqiesu l-ħtiġijiet tal-ispeċijiet speċifiċi u tal-kategoriji ta' annimali abbord.	(21) Jenħtieġ li l-mezzi tat-trasport jitfasslu sabiex jevitaw korriment jew tbatija għall-annimali. Għalhekk, ***huwa meħtieġ*** li jiġu stabbiliti rekwiżiti tekniċi li għandhom jiġu ssodisfati sabiex mezz tat-trasport jiġi approvat u jitqiesu l-ħtiġijiet ***ta' mġiba u fiżjoloġiċi*** tal-ispeċijiet speċifiċi u tal-kategoriji ta' annimali abbord.

Or. en

Emenda 160
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Jenħtieġ li l-mezzi tat-trasport jitfasslu sabiex ***jevitaw*** korriment jew tbatija għall-annimali. Għalhekk, xieraq li jiġu stabbiliti rekwiżiti tekniċi li għandhom jiġu ssodisfati sabiex mezz tat-trasport jiġi approvat u jitqiesu l-ħtiġijiet tal-ispeċijiet speċifiċi u tal-kategoriji ta' annimali abbord.	(21) Jenħtieġ li l-mezzi tat-trasport jitfasslu sabiex ***jiġi mminimizzat ir-riskju ta'*** korriment jew tbatija għall-annimali. Għalhekk, xieraq li jiġu stabbiliti rekwiżiti tekniċi li għandhom jiġu ssodisfati sabiex mezz tat-trasport jiġi approvat u jitqiesu l-ħtiġijiet tal-ispeċijiet speċifiċi u tal-kategoriji ta' annimali abbord.

Or. en

Emenda 161
Benoit Cassart, Asger Christensen, Valérie Devaux, Christine Singer, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Jenħtieġ li l-mezzi tat-trasport jitfasslu sabiex jevitaw korriment jew tbatija għall-annimali. Għalhekk, xieraq li jiġu stabbiliti rekwiżiti tekniċi li għandhom jiġu ssodisfati sabiex mezz tat-trasport jiġi approvat u jitqiesu l-ħtiġijiet tal-ispeċijiet speċifiċi u tal-kategoriji ta' annimali abbord.	(21) Jenħtieġ li l-mezzi tat-trasport jitfasslu sabiex jevitaw korriment jew tbatija ***serja*** għall-annimali. Għalhekk, xieraq li jiġu stabbiliti rekwiżiti tekniċi li għandhom jiġu ssodisfati sabiex mezz tat-trasport jiġi approvat u jitqiesu l-ħtiġijiet tal-ispeċijiet speċifiċi u tal-kategoriji ta' annimali abbord.

Or. en

Emenda 162
Waldemar Buda, Anna Zalewska, Kosma Złotowski, Beata Szydło

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Jenħtieġ li l-mezzi tat-trasport jitfasslu sabiex jevitaw korriment jew tbatija għall-annimali. Għalhekk, xieraq li jiġu stabbiliti rekwiżiti tekniċi li għandhom jiġu ssodisfati sabiex mezz tat-trasport jiġi approvat u jitqiesu l-ħtiġijiet tal-ispeċijiet speċifiċi u tal-kategoriji ta' annimali abbord.	(21) Jenħtieġ li l-mezzi tat-trasport jitfasslu sabiex jevitaw korriment jew tbatija għall-annimali. Għalhekk, xieraq li jiġu stabbiliti rekwiżiti tekniċi li għandhom jiġu ssodisfati sabiex mezz tat-trasport jiġi approvat u jitqiesu l-ħtiġijiet tal-ispeċijiet speċifiċi u tal-kategoriji ta' annimali abbord. ***Dawk ir-rekwiżiti jenħtieġ li jqisu l-possibbiltà ta' trasport b'żewġ pjani, peress li dan inaqqas il-kostijiet tat-trasport kif ukoll l-impronta tal-karbonju tat-trasport, filwaqt li jiżgura l-istess standards ta' sikurezza tat-trasport għall-annimali.***

Or. en

Emenda 163
Maria Noichl, Marianne Vind

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) It-trasport tal-annimali bl-ajru huwa ferm anqas komuni meta mqabbel mat-trasport bit-triq u bil-baħar. Minħabba l-kostijiet assoċjati ma' dan it-tip ta' trasport, fil-maġġoranza tal-każijiet, l-annimali ttrasportati bl-ajru huma annimali domestiċi u annimali ta' valur għoli maħsubin għal attivitajiet ta' tnissil jew ta' sport. It-trasport bl-ajru tal-annimali jitwettaq f'konformità mar-regoli tekniċi tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru (IATA) stabbiliti fir-Regolamenti dwar l-Annimali Ħajjin (LAR), iddisinjati u aġġornati kull sena mill-Bord dwar l-Annimali Ħajjin u l-Prodotti li Jitħassru Malajr (LAPB) sabiex jiġu bbilanċjati l-prinċipji tal-protezzjoni	(22) It-trasport tal-annimali bl-ajru huwa ferm anqas komuni meta mqabbel mat-trasport bit-triq u bil-baħar. Minħabba l-kostijiet assoċjati ma' dan it-tip ta' trasport, fil-maġġoranza tal-każijiet, l-annimali ttrasportati bl-ajru huma annimali domestiċi u annimali ta' valur għoli maħsubin għal attivitajiet ta' tnissil jew ta' sport. It-trasport bl-ajru tal-annimali jitwettaq f'konformità mar-regoli tekniċi tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru (IATA) stabbiliti fir-Regolamenti dwar l-Annimali Ħajjin (LAR), iddisinjati u aġġornati kull sena mill-Bord dwar l-Annimali Ħajjin u l-Prodotti li Jitħassru Malajr (LAPB) sabiex jiġu bbilanċjati l-prinċipji tal-protezzjoni

tal-benesseri tal-annimali u tas-sikurezza abbord l-inġenji tal-ajru, kif ukoll jitqiesu l-ispeċifiċitajiet u l-limitazzjonijiet tat-trasport bl-ajru. It-trasportaturi li huma membri tal-IATA huma obbligati jsegwu l-istandards fir-regolamenti fit-twettiq tal-operazzjonijiet tat-trasport, kif ukoll fl-attrezzar tal-inġenji tal-ajru tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li t-trasport tal-annimali bl-ajru jkun permess biss f'inġenji tal-ajru li jappartjenu għal trasportaturi li huma membri tal-IATA.	tal-benesseri tal-annimali u tas-sikurezza abbord l-inġenji tal-ajru, kif ukoll jitqiesu l-ispeċifiċitajiet u l-limitazzjonijiet tat-trasport bl-ajru. It-trasportaturi li huma membri tal-IATA huma obbligati jsegwu l-istandards fir-regolamenti fit-twettiq tal-operazzjonijiet tat-trasport, kif ukoll fl-attrezzar tal-inġenji tal-ajru tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li t-trasport tal-annimali bl-ajru jkun permess biss f'inġenji tal-ajru li jappartjenu għal trasportaturi li huma membri tal-IATA. ***Peress li l-LAR tal-IATA ma huwiex disponibbli liberament għall-awtoritajiet tal-Istati Membri, u dan qed ifixkel l-aċċessibbiltà tiegħu, ir-regolament dwar it-trasport tal-annimali jenħtieġ li jinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi għat-trasport bl-ajru għat-trasport ta' annimali ħajjin lejn, minn u fl-UE, skont il-mudell ta' dispożizzjonijiet relatati ma' mezzi oħra tat-trasport, u li jirriflettu l-LAR tal-IATA.***

Or. en

Emenda 164
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) It-trasport tal-annimali bl-ajru huwa ferm anqas komuni meta mqabbel mat-trasport bit-triq u bil-baħar. Minħabba l-kostijiet assoċjati ma' dan it-tip ta' trasport, fil-maġġoranza tal-każijiet, l-annimali ttrasportati bl-ajru huma annimali domestiċi u annimali ta' valur għoli maħsubin għal attivitajiet ta' tnissil jew ta' sport. It-trasport bl-ajru tal-annimali jitwettaq f'konformità mar-regoli tekniċi tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru (IATA) stabbiliti fir-Regolamenti dwar l-Annimali Ħajjin (LAR), iddisinjati u aġġornati kull sena	(22) It-trasport tal-annimali bl-ajru huwa ferm anqas komuni meta mqabbel mat-trasport bit-triq u bil-baħar. Minħabba l-kostijiet assoċjati ma' dan it-tip ta' trasport, fil-maġġoranza tal-każijiet, l-annimali ttrasportati bl-ajru huma annimali domestiċi u annimali ta' valur għoli ***mill-aspett ekonomiku*** maħsubin għal attivitajiet ta' tnissil jew ta' sport. It-trasport bl-ajru tal-annimali ***attwalment*** jitwettaq f'konformità mar-regoli tekniċi tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru (IATA) stabbiliti fir-Regolamenti dwar l-Annimali Ħajjin

mill-Bord dwar l-Annimali Ħajjin u l-Prodotti li Jitħassru Malajr (LAPB) sabiex jiġu bbilanċjati l-prinċipji tal-protezzjoni tal-benesseri tal-annimali u tas-sikurezza abbord l-inġenji tal-ajru, kif ukoll jitqiesu l-ispeċifiċitajiet u l-limitazzjonijiet tat-trasport bl-ajru. It-trasportaturi li huma membri tal-IATA huma obbligati jsegwu l-istandards fir-regolamenti fit-twettiq tal-operazzjonijiet tat-trasport, kif ukoll fl-attrezzar tal-inġenji tal-ajru tagħhom. ***Għalhekk, jenħtieġ li t-trasport*** tal-annimali ***bl-ajru jkun permess biss f'inġenji tal-ajru li jappartjenu għal trasportaturi li huma membri tal-IATA***.

(LAR), iddisinjati u aġġornati kull sena mill-Bord dwar l-Annimali Ħajjin u l-Prodotti li Jitħassru Malajr (LAPB) sabiex jiġu bbilanċjati l-prinċipji tal-protezzjoni tal-benesseri tal-annimali u tas-sikurezza abbord l-inġenji tal-ajru, kif ukoll jitqiesu l-ispeċifiċitajiet u l-limitazzjonijiet tat-trasport bl-ajru. It-trasportaturi li huma membri tal-IATA huma obbligati jsegwu l-istandards fir-regolamenti fit-twettiq tal-operazzjonijiet tat-trasport, kif ukoll fl-attrezzar tal-inġenji tal-ajru tagħhom. ***It-trasport*** tal-annimali ***lejn pajjiżi terzi għal skopijiet ta' tnissil jew ta' skarnar joħloq riskji sinifikanti, peress li ma jistax jiġi ggarantit il-benesseri ta' dawn l-annimali matul it-trasport u mal-wasla barra mill-Unjoni. Għalhekk, it-trasport bl-ajru jenħtieġ li ma jibqax permess aktar***.

Or. en

Emenda 165
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín, Julien Leonardelli, Barbara Bonte, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) It-trasport tal-annimali bl-ajru huwa ferm anqas komuni meta mqabbel mat-trasport bit-triq u bil-baħar. Minħabba l-kostijiet assoċjati ma' dan it-tip ta' trasport, fil-maġġoranza tal-każijiet, l-annimali ttrasportati bl-ajru huma annimali domestiċi u annimali ta' valur għoli maħsubin għal attivitajiet ta' tnissil jew ta' sport. It-trasport bl-ajru tal-annimali jitwettaq f'konformità mar-regoli tekniċi tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru (IATA) stabbiliti fir-Regolamenti dwar l-Annimali Ħajjin (LAR), iddisinjati u aġġornati kull sena mill-Bord dwar l-Annimali Ħajjin u l-Prodotti li Jitħassru Malajr (LAPB) sabiex	(22) It-trasport tal-annimali bl-ajru huwa ferm anqas komuni meta mqabbel mat-trasport bit-triq u bil-baħar***, u diġà huwa soġġett għal sorveljanza akbar, li hija r-raġuni għaliex ma huwiex kopert minn dan ir-regolament***. Minħabba l-kostijiet assoċjati ma' dan it-tip ta' trasport, fil-maġġoranza tal-każijiet, l-annimali ttrasportati bl-ajru huma annimali domestiċi u annimali ta' valur għoli maħsubin għal attivitajiet ta' tnissil jew ta' sport. It-trasport bl-ajru tal-annimali jitwettaq f'konformità mar-regoli tekniċi tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru (IATA) stabbiliti fir-Regolamenti dwar l-Annimali Ħajjin

jiġu bbilanċjati l-prinċipji tal-protezzjoni tal-benesseri tal-annimali u tas-sikurezza abbord l-inġenji tal-ajru, kif ukoll jitqiesu l-ispeċifiċitajiet u l-limitazzjonijiet tat-trasport bl-ajru. It-trasportaturi li huma membri tal-IATA huma obbligati jsegwu l-istandards fir-regolamenti fit-twettiq tal-operazzjonijiet tat-trasport, kif ukoll fl-attrezzar tal-inġenji tal-ajru tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li t-trasport tal-annimali bl-ajru jkun permess biss f'inġenji tal-ajru li jappartjenu għal trasportaturi li huma membri tal-IATA.

(LAR), iddisinjati u aġġornati kull sena mill-Bord dwar l-Annimali Ħajjin u l-Prodotti li Jitħassru Malajr (LAPB) sabiex jiġu bbilanċjati l-prinċipji tal-protezzjoni tal-benesseri tal-annimali u tas-sikurezza abbord l-inġenji tal-ajru, kif ukoll jitqiesu l-ispeċifiċitajiet u l-limitazzjonijiet tat-trasport bl-ajru. It-trasportaturi li huma membri tal-IATA huma obbligati jsegwu l-istandards fir-regolamenti fit-twettiq tal-operazzjonijiet tat-trasport, kif ukoll fl-attrezzar tal-inġenji tal-ajru tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li t-trasport tal-annimali bl-ajru jkun permess biss f'inġenji tal-ajru li jappartjenu għal trasportaturi li huma membri tal-IATA.

Or. fr

Emenda 166
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 22a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22a) Il-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem approvati mill-UE huma sors ta' tniġġis tal-arja u tal-baħar. Kien hemm għadd kbir ta' nuqqasijiet fil-prevenzjoni tat-tniġġis irrapportati b'bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem approvati mill-UE u ksur tal-Konvenzjoni MARPOL, li għandhom l-għan li jipprevjenu t-tniġġis tal-ambjent tal-baħar mill-bastimenti. Ir-rekwiżiti tal-MARPOL li mhux qed jiġu implimentati jinkludu, fost l-oħrajn, il-qsim jew it-trattament tal-karkassi biex jiġi żgurat li dawn jinħażnu immedjatament, kif muri mill-annimali ttrasportati fuq bastimenti li jinkaljaw fuq il-bajjiet, u n-nuqqas ta' pjanijiet xierqa ta' ġestjoni tal-iskart, meħtieġa biex jiġi indirizzat l-iskart fil-forma ta' ħmieġ, demel, mifrex u karkassi. Meta jitqies dan ta' hawn fuq, it-trasport bil-baħar ma għandux ikun

permess meta ma jiġux irrispettati d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjonijiet MARPOL.

Or. en

Emenda 167
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Kif muri mill-awditi tal-Kummissjoni u mill-ispezzjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti, ***numru sinifikanti ta'*** bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem li bħalissa joperaw fl-Unjoni ma jissodisfawx l-istandards xierqa tas-sikurezza marittima u joħolqu riskju kemm għall-annimali kif ukoll għall-ekwipaġġ. Sabiex jiġu żgurati l-konformità ta' dawn il-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem ma' standards tas-sikurezza u l-funzjonament xieraq ta' sistemi essenzjali ***bħall-ġenerazzjoni*** tal-enerġija, l-istabbiltà, il-ventilazzjoni, is-sistemi ta' desalinizzazzjoni tal-ilma u tad-drenaġġ, ***il-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem li jtajru l-bnadar identifikati bħala bojod jew griżi skont il-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port[16] biss jenħtieġ li jiġu approvati għat-trasport tal-annimali mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti fl-Istat Membru***. ***Barra minn hekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jippermettu biss it-tagħbija tal-annimali fuq dawn*** il-bastimenti ***jekk il-profil tar-riskju tal-bastimenti tagħhom jiġi identifikat bħala riskju baxx jew riskju standard skont il-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port***.	(23) Kif muri mill-awditi tal-Kummissjoni u mill-ispezzjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti, ***hemm*** bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem li bħalissa joperaw fl-Unjoni ***ii*** ma jissodisfawx l-istandards xierqa tas-sikurezza marittima u joħolqu riskju kemm għall-annimali kif ukoll għall-ekwipaġġ. Sabiex jiġu żgurati l-konformità ta' dawn il-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem ma' standards tas-sikurezza u l-funzjonament xieraq ta' sistemi essenzjali ***bħal, fost l-oħrajn, il-ġenerazzjoni*** tal-enerġija, l-istabbiltà, il-ventilazzjoni, is-sistemi ta' desalinizzazzjoni tal-ilma u tad-drenaġġ, ***l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jenħtieġ li japprovaw għat-trasport ta' annimali ħajjin biss dawk*** il-bastimenti ***li jissodisfaw standards stretti ta' sikurezza, verifikati u kkonfermati permezz ta' spezzjonijiet u kontrolli tekniċi***.

[16] ***https://www.parismou.org/***

Or. en

Emenda 168
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Dan-Ştefan Motreanu, Céline Imart

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Kif muri mill-awditi tal-Kummissjoni u mill-ispezzjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti, ***numru sinifikanti ta'*** bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem li bħalissa joperaw fl-Unjoni ma jissodisfawx l-istandards xierqa tas-sikurezza marittima u joħolqu riskju kemm għall-annimali kif ukoll għall-ekwipaġġ. Sabiex jiġu żgurati l-konformità ta' dawn il-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem ma' standards tas-sikurezza u l-funzjonament xieraq ta' sistemi essenzjali ***bħall-ġenerazzjoni*** tal-enerġija, l-istabbiltà, il-ventilazzjoni, is-sistemi ta' desalinizzazzjoni tal-ilma u tad-drenaġġ, ***il-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem li jtajru l-bnadar identifikati bħala bojod jew griżi skont il-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port[16] biss jenħtieġ li jiġu approvati għat-trasport tal-annimali mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti fl-Istat Membru***. ***Barra minn hekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jippermettu biss it-tagħbija*** tal-annimali ***fuq dawn*** il-bastimenti ***jekk il-profil tar-riskju tal-bastimenti tagħhom jiġi identifikat bħala riskju baxx jew riskju standard skont il-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port***.	(23) Kif muri mill-awditi tal-Kummissjoni u mill-ispezzjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti, ***hemm*** bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem li bħalissa joperaw fl-Unjoni ***ii*** ma jissodisfawx l-istandards xierqa tas-sikurezza marittima u joħolqu riskju kemm għall-annimali kif ukoll għall-ekwipaġġ. Sabiex jiġu żgurati l-konformità ta' dawn il-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem ma' standards tas-sikurezza u l-funzjonament xieraq ta' sistemi essenzjali ***bħal, fost l-oħrajn, il-ġenerazzjoni*** tal-enerġija, l-istabbiltà, il-ventilazzjoni, is-sistemi ta' desalinizzazzjoni tal-ilma u tad-drenaġġ, ***l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jenħtieġ li japprovaw għat-trasport ta' annimali ħajjin biss dawk*** il-bastimenti ***li jissodisfaw standards stretti ta' sikurezza, verifikati u kkonfermati permezz ta' spezzjonijiet u kontrolli tekniċi***.

[16] ***https://www.parismou.org/***

Or. en

Emenda 169
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Kif muri mill-awditi tal-Kummissjoni u mill-ispezzjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti, numru sinifikanti ta' bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem li bħalissa joperaw fl-Unjoni ma jissodisfawx l-istandards xierqa tas-sikurezza marittima u joħolqu riskju kemm għall-annimali kif ukoll għall-ekwipaġġ. ***Sabiex jiġu*** żgurati l-konformità ta' dawn il-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem ma' standards tas-sikurezza u l-funzjonament xieraq ta' sistemi essenzjali bħall-ġenerazzjoni tal-enerġija, l-istabbiltà, il-ventilazzjoni, is-sistemi ta' desalinizzazzjoni tal-ilma u tad-drenaġġ, il-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem li jtajru l-bnadar identifikati bħala bojod ***jew griżi*** skont il-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port[16] biss jenħtieġ ***li jiġu*** approvati għat-trasport tal-annimali mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti fl-Istat Membru. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti ***jippermettu biss*** it-tagħbija tal-annimali fuq dawn il-bastimenti ***jekk il-profil*** tar-riskju tal-bastimenti tagħhom ***jiġi*** identifikat bħala riskju baxx ***jew riskju standard*** skont il-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port.	(23) Kif muri mill-awditi tal-Kummissjoni u mill-ispezzjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti, numru sinifikanti ta' bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem li bħalissa joperaw fl-Unjoni ma jissodisfawx l-istandards xierqa tas-sikurezza marittima u joħolqu riskju ***għoli*** kemm għall-annimali kif ukoll għall-ekwipaġġ. ***It-tagħbija tal-annimali fuq il-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem spiss issir bejn wieħed u ieħor bi prattiki ta' trattament mhux xierqa li jikkawżaw feriti, u bl-użu ta' bsaten u prods elettriċi. F'xi każijiet, ir-rampi għat-tagħbija jkunu aktar wieqfa mill-inklinazzjoni massima permessa, u d-dħul f'bastimenti fit-tarf tar-rampa għat-tagħbija spiss ma jkunx mixgħul u dan iwassal biex l-annimali jaħsbuha darbtejn peress li ma jkunux iridu jgħaddu minn żoni mdawla għal żoni mudlama. Peress li huwa impossibbli li*** jiġu żgurati l-konformità ta' dawn il-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem ma' standards tas-sikurezza u l-funzjonament xieraq ta' sistemi essenzjali bħall-ġenerazzjoni tal-enerġija, l-istabbiltà, il-ventilazzjoni, is-sistemi ta' desalinizzazzjoni tal-ilma u tad-drenaġġ, il-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem li jtajru l-bnadar identifikati bħala bojod ***u kklassifikati mis-soċjetajiet ta' klassifikazzjoni bl-ogħla prestazzjoni*** skont il-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port[16] biss jenħtieġ li ***jkunu ġew*** approvati għat-trasport tal-annimali mill-awtoritajiet

kompetenti rilevanti fl-Istat Membru. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti ***ma jkunux ippermettew*** it-tagħbija tal-annimali fuq dawn il-bastimenti ***meta l-profil*** tar-riskju tal-bastimenti tagħhom ***ikun ġie*** identifikat bħala riskju baxx skont il-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port. ***Peress li t-trasport tal-annimali fuq il-bastimenti jinvolvi ammont konsiderevoli ta' riskji ta' benesseri, il-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem jenħtieġ li ma jibqgħux jiġu approvati bħala mezz ta' trasport għall-annimali tat-trasport.***

[16] https://www.parismou.org/

[16] https://www.parismou.org/

Or. en

Emenda 170
Maria Noichl, Marianne Vind

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Kif muri mill-awditi tal-Kummissjoni u mill-ispezzjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti, numru sinifikanti ta' bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem li bħalissa joperaw fl-Unjoni ***ma jissodisfawx l-istandards*** xierqa tas-sikurezza marittima u joħolqu riskju ***kemm*** għall-annimali ***kif ukoll*** għall-ekwipaġġ. Sabiex jiġu żgurati l-konformità ta' dawn il-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem ma' standards tas-sikurezza u l-funzjonament xieraq ta' sistemi essenzjali bħall-ġenerazzjoni tal-enerġija, l-istabbiltà, il-ventilazzjoni, is-sistemi ta' desalinizzazzjoni tal-ilma u tad-drenaġġ, il-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem li jtajru l-bnadar identifikati bħala bojod ***jew griżi*** skont il-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port***[16]*** biss jenħtieġ li jiġu approvati	(23) Kif muri mill-awditi tal-Kummissjoni u mill-ispezzjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti, numru sinifikanti ta' bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem li bħalissa joperaw fl-Unjoni ***jonqsu b'mod flagranti milli jikkonformaw mal-istandards*** xierqa tas-sikurezza marittima, ***kif evidenzjat minn numri għoljin ta' nuqqasijiet u detenzjonijiet mill-Kontroll tal-Istat tal-Port***. ***Dawn il-bastimenti*** joħolqu riskju ***sinifikanti*** għall-annimali***,*** għall-ekwipaġġ ***u għall-ambjent tal-baħar***. Sabiex jiġu żgurati l-konformità ta' dawn il-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem ma' standards tas-sikurezza***, adatti għat-trasport tal-annimali,*** u l-funzjonament xieraq ta' sistemi essenzjali bħall-ġenerazzjoni tal-enerġija, l-istabbiltà, il-ventilazzjoni, is-sistemi ta'

għat-trasport tal-annimali mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti fl-Istat Membru. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jippermettu biss it-tagħbija tal-annimali fuq dawn il-bastimenti jekk il-profil tar-riskju tal-bastimenti tagħhom jiġi identifikat bħala riskju baxx jew riskju standard skont il-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port.

desalinizzazzjoni tal-ilma u tad-drenaġġ, il-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem li jtajru l-bnadar identifikati bħala bojod skont il-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port biss***, u dawk spezzjonati minn soċjetà tal-klassifikazzjoni minn organizzazzjoni tal-UE rikonoxxuta,*** jenħtieġ li jiġu approvati għat-trasport tal-annimali mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti fl-Istat Membru. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jippermettu biss it-tagħbija tal-annimali fuq dawn il-bastimenti jekk il-profil tar-riskju tal-bastimenti tagħhom jiġi identifikat bħala riskju baxx jew riskju standard skont il-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port. ***Huwa essenzjali wkoll li l-awtoritajiet kompetenti jipprevedu biżżejjed żmien u persunal kwalifikat biex jispezzjonaw kif xieraq il-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem qabel il-vjaġġ u t-tagħbija tal-bastiment, u jirrapportaw dwar in-nuqqasijiet biex itejbu d-deċiżjonijiet futuri.***

[16] ***https://www.parismou.org/***

Or. en

Emenda 171
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Kif muri mill-awditi tal-Kummissjoni u mill-ispezzjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti, numru sinifikanti ta' bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem li bħalissa joperaw fl-Unjoni ma jissodisfawx l-istandards xierqa tas-sikurezza marittima u joħolqu riskju kemm għall-annimali kif ukoll għall-ekwipaġġ. Sabiex jiġu żgurati l-	(23) Kif muri mill-awditi tal-Kummissjoni u mill-ispezzjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti, numru sinifikanti ta' bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem li bħalissa joperaw fl-Unjoni ma jissodisfawx l-istandards xierqa tas-sikurezza marittima u joħolqu riskju kemm għall-annimali kif ukoll għall-ekwipaġġ. Sabiex jiġu żgurati l-

konformità ta’ dawn il-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem ma’ standards tas-sikurezza u l-funzjonament xieraq ta’ sistemi essenzjali bħall-ġenerazzjoni tal-enerġija, l-istabbiltà, il-ventilazzjoni, is-sistemi ta’ desalinizzazzjoni tal-ilma u tad-drenaġġ, il-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem li jtajru l-bnadar identifikati bħala bojod ***jew griżi*** skont il-Memorandum ta’ Qbil ta’ Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port[16] biss jenħtieġ li jiġu approvati għat-trasport tal-annimali mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti fl-Istat Membru. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jippermettu biss it-tagħbija tal-annimali fuq dawn il-bastimenti jekk il-profil tar-riskju tal-bastimenti tagħhom jiġi identifikat bħala riskju baxx ***jew riskju standard*** skont il-Memorandum ta’ Qbil ta’ Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port.

konformità ta’ dawn il-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem ma’ standards tas-sikurezza u l-funzjonament xieraq ta’ sistemi essenzjali bħall-ġenerazzjoni tal-enerġija, l-istabbiltà, il-ventilazzjoni, is-sistemi ta’ desalinizzazzjoni tal-ilma u tad-drenaġġ, il-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem li jtajru l-bnadar identifikati bħala bojod skont il-Memorandum ta’ Qbil ta’ Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port[16] biss jenħtieġ li jiġu approvati għat-trasport tal-annimali mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti fl-Istat Membru. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jippermettu biss it-tagħbija tal-annimali fuq dawn il-bastimenti jekk il-profil tar-riskju tal-bastimenti tagħhom jiġi identifikat bħala riskju baxx skont il-Memorandum ta’ Qbil ta’ Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port.

[16] https://www.parismou.org/

[16] https://www.parismou.org/

Or. en

Emenda 172
Tilly Metz, Thomas Waitz
f’isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 23a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23a) Kif spjegat fir-rapport tal-2021 tal-Kumitat ta’ Inkjesta tal-Parlament Ewropew dwar il-Protezzjoni tal-Annimali waqt it-Trasport, il-proċeduri ta’ spezzjoni u ċertifikazzjoni għall-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem ma humiex armonizzati madwar l-Unjoni u ma għandhomx kriterji obbligatorji ta’ spezzjoni. Din is-sitwazzjoni hija ggravata mill-fatt li r-riżultati ta’ dawn il-proċeduri ma jiġux ikkomunikati bejn l-Istati Membri, li jwassal għal sitwazzjonijiet li fihom

bastiment li jkun ġie miċħud fi Stat Membru wieħed jiġi approvat fi Stat Membru ieħor. Is-sistemi stabbiliti fil-livell nazzjonali għall-approvazzjoni ta' bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem ma humiex biżżejjed biex jimminimizzaw ir-riskji assoċjati ma' prattika ħażina, l-aktar minħabba li l-maġġoranza tal-awtoritajiet kompetenti li jispezzjonaw il-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem ma għandhomx proċeduri adegwati, jew aċċess għal għarfien espert tekniku speċifiku (pereżempju s-servizzi ta' veterinarju jew ta' surveyor fil-qasam marittimu), biex jivverifikaw is-sistemi ta' emerġenza tal-bastimenti, is-sistemi għall-pompi tal-ilma u għat-tagħlif, il-ventilazzjoni u d-drenaġġ, li kollha huma kritiċi għall-benesseri tal-annimali matul vjaġġ fuq bastiment għall-ġarr tal-bhejjem u jirrikjedu kontroll suffiċjenti. Minħabba dawn ir-raġunijiet, li jkun hemm korp ċentrali tal-UE, fil-forma tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, responsabbli għall-approvazzjoni tal-bastimenti, se jipprevedi approċċ aktar armonizzat biex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, dan se jfisser trasparenza akbar, se jiżgura kundizzjonijiet ekwi madwar l-Unjoni u permezz ta' ekonomiji ta' skala se jnaqqas il-kostijiet għall-kontribwenti u għall-industrija tat-taxxa tal-UE.

Or. en

Emenda 173
Benoit Cassart, Asger Christensen, Valérie Devaux, Christine Singer, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(24) Ir-rekords għall-approvazzjonijiet tal-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem bħalissa jinżammu fis-sistema ta' informazzjoni li tappoġġa r-Reġim il-Ġdid ta' Spezzjoni li jirriżulta mid-Direttiva (UE) 2009/16/KE dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port[17]. Is-Sistema Ewropea Ibrida ta' Mmirar u ta' Spezzjoni (THETIS) hija bażi tad-data li tiffaċilita l-kontrolli uffiċjali tal-bastimenti tal-baħar fl-Unjoni, inklużi l-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem. Din il-bażi tad-data tinkludi modulu speċifiku għall-kontrolli uffiċjali li jiffoka fuq ir-rekwiżiti għall-protezzjoni tal-annimali. Jenħtieġ li l-informazzjoni dwar il-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem awtorizzati tkun disponibbli wkoll fi TRACES, sabiex tippermetti li jinħolqu, jiġu aġġornati u jimtlew il-ġurnali tal-vjaġġ fi TRACES. Jenħtieġ li l-Awtoritajiet kompetenti jkunu responsabbli għall-aġġornament regolari ta' din l-informazzjoni.

[17] Id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port (riformulazzjoni) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 131, 28.5.2009, p. 57–100.

(24) Ir-rekords għall-approvazzjonijiet tal-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem bħalissa jinżammu fis-sistema ta' informazzjoni li tappoġġa r-Reġim il-Ġdid ta' Spezzjoni li jirriżulta mid-Direttiva (UE) 2009/16/KE dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port[17]. Is-Sistema Ewropea Ibrida ta' Mmirar u ta' Spezzjoni (THETIS) hija bażi tad-data li tiffaċilita l-kontrolli uffiċjali tal-bastimenti tal-baħar fl-Unjoni, inklużi l-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem. Din il-bażi tad-data tinkludi modulu speċifiku għall-kontrolli uffiċjali li jiffoka fuq ir-rekwiżiti għall-protezzjoni tal-annimali. Jenħtieġ li l-informazzjoni dwar il-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem awtorizzati tkun disponibbli wkoll fi TRACES ***b'mod faċli għall-utent***, sabiex tippermetti li jinħolqu, jiġu aġġornati u jimtlew il-ġurnali tal-vjaġġ fi TRACES. Jenħtieġ li l-Awtoritajiet kompetenti jkunu responsabbli għall-aġġornament regolari ta' din l-informazzjoni.

[17] Id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port (riformulazzjoni) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 131, 28.5.2009, p. 57–100.

Or. en

Emenda 174
Adrian-George Axinia

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) ***F'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/372***,***[18]*** wara l-approvazzjoni u qabel kwalunkwe tiġdid tal-approvazzjoni ta' bastiment għall-ġarr tal-bhejjem, ***jenħtieġ li veterinarju*** uffiċjali ***jakkumpanja l-kunsinna ta' annimali***	(25) Wara l-approvazzjoni**,** u qabel kwalunkwe tiġdid tal-approvazzjoni ta' bastiment għall-ġarr tal-bhejjem, ***l-awtoritajiet*** uffiċjali ***kompetenti għandhom iwettqu spezzjonijiet abbord il-bastiment rispettiv. Matul dawn il-***

għall-ewwel vjaġġ**. **Dan jippermetti lill-veterinarju jwettaq kontrolli uffiċjali matul dak l-ewwel vjaġġ sabiex jivverifika li s-sistemi mekkaniċi u ta' ġestjoni tal-bastiment għall-ġarr tal-bhejjem ma jkunux ta' detriment għall-benesseri tal-annimali abbord ***matul*** il-vjaġġ.

kontrolli, l-awtorità kompetenti tivverifika li s-sistemi mekkaniċi u ta' ġestjoni tal-bastiment għall-ġarr tal-bhejjem ma jkunux ta' detriment għall-benesseri tal-annimali ***matul it-trasport. Barra minn hekk, l-ispezzjonijiet iridu jikkonfermaw li l-ispazju u t-tagħmir disponibbli*** abbord ***huma xierqa għall-għadd u għall-ispeċijiet ta' annimali ttrasportati, filwaqt li jiżguraw li l-annimali kollha jibbenefikaw minn kundizzjonijiet ta' benesseri adegwati matul*** il-vjaġġ.

[18] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/372 tas-17 ta' Frar 2023 li jistabbilixxi regoli dwar ir-reġistrazzjoni, il-ħżin u l-kondiviżjoni ta' rekords bil-miktub tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq bastimenti tal-bhejjem, dwar pjanijiet ta' kontinġenza għall-bastimenti tal-bhejjem fil-każ ta' emerġenzi, dwar l-approvazzjoni ta' bastimenti tal-bhejjem u dwar ir-rekwiżiti minimi applikabbli għall-punti ta' ħruġ. ĠU L 51, 20.2.2023, p. 32–39.

Or. en

Emenda 175
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Krzysztof Hetman, Céline Imart

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) ***F'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/372,[18] wara l-approvazzjoni u qabel kwalunkwe tiġdid tal-approvazzjoni ta' bastiment għall-ġarr tal-bhejjem, jenħtieġ li veterinarju*** uffiċjali ***jakkumpanja l-kunsinna ta' annimali għall-ewwel vjaġġ. Dan jippermetti lill-veterinarju jwettaq***	(25) ***L-awtoritajiet kompetenti jwettqu kontrolli*** uffiċjali ***abbord il-bastiment għall-ġarr tal-annimali ħajjin qabel*** l-ewwel vjaġġ ***tiegħu u qabel it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni tiegħu. Matul dawn il-kontrolli, jiġi vverifikat jekk l-istruttura u t-tagħmir*** tal-bastiment ***jaffettwawx il-benesseri*** tal-annimali ***ttrasportati jew,***

kontrolli uffiċjali matul dak l-ewwel vjaġġ ***sabiex jivverifika li s-sistemi mekkaniċi u ta' ġestjoni*** tal-bastiment ***għall-ġarr tal-bhejjem ma jkunux ta' detriment għall-benesseri*** tal-annimali ***abbord*** matul ***il-vjaġġ.***

meta jkun applikabbli, jekk ġewx applikati miżuri korrettivi effettivi. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti jeħtiġilhom jiżguraw li l-bastimenti jkunu ddisinjati u mgħammra kif xieraq skont l-għadd u l-ispeċijiet tal-annimali ttrasportati, sabiex ikun garantit il-benesseri tagħhom matul ***it-trasport***.

---

[18] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/372 tas-17 ta' Frar 2023 li jistabbilixxi regoli dwar ir-reġistrazzjoni, il-ħżin u l-kondiviżjoni ta' rekords bil-miktub tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq bastimenti tal-bhejjem, dwar pjanijiet ta' kontinġenza għall-bastimenti tal-bhejjem fil-każ ta' emerġenzi, dwar l-approvazzjoni ta' bastimenti tal-bhejjem u dwar ir-rekwiżiti minimi applikabbli għall-punti ta' ħruġ. ĠU L 51, 20.2.2023, p. 32–39.

Or. en

Emenda 176
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) ***F'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/372,[18] wara l-approvazzjoni u qabel kwalunkwe tiġdid tal-approvazzjoni ta' bastiment*** għall-ġarr tal-bhejjem***, jenħtieġ li veterinarju uffiċjali jakkumpanja l-kunsinna ta' annimali għall-ewwel vjaġġ. Dan jippermetti lill-veterinarju jwettaq kontrolli uffiċjali matul dak l-ewwel vjaġġ sabiex jivverifika li s-sistemi mekkaniċi u ta' ġestjoni*** tal-bastiment ***għall-ġarr tal-bhejjem ma jkunux ta' detriment għall-***	(25) ***L-awtoritajiet kompetenti jwettqu kontrolli uffiċjali abbord il-bastiment*** għall-ġarr tal-bhejjem ***qabel l-ewwel vjaġġ tiegħu u qabel it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni tiegħu. Matul dawn il-kontrolli, jiġi vverifikat jekk l-istruttura u t-tagħmir*** tal-bastiment ***jaffettwawx il-benesseri*** tal-annimali ***ttrasportati jew, meta jkun applikabbli, jekk ġewx applikati miżuri korrettivi effettivi. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti jeħtiġilhom jiżguraw li l-bastimenti jkunu ddisinjati u***

benesseri tal-annimali ***abbord*** matul ***il-vjaġġ***.

mgħammra kif xieraq skont l-għadd u l-ispeċijiet tal-annimali ttrasportati, sabiex ikun garantit il-benesseri tagħhom matul ***it-trasport***.

---

[18] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/372 tas-17 ta' Frar 2023 li jistabbilixxi regoli dwar ir-reġistrazzjoni, il-ħżin u l-kondiviżjoni ta' rekords bil-miktub tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq bastimenti tal-bhejjem, dwar pjanijiet ta' kontinġenza għall-bastimenti tal-bhejjem fil-każ ta' emerġenzi, dwar l-approvazzjoni ta' bastimenti tal-bhejjem u dwar ir-rekwiżiti minimi applikabbli għall-punti ta' ħruġ. ĠU L 51, 20.2.2023, p. 32–39.

Or. en

Emenda 177
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) F'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/372,[18] wara l-approvazzjoni u qabel kwalunkwe tiġdid tal-approvazzjoni ta' bastiment għall-ġarr tal-bhejjem, jenħtieġ li veterinarju uffiċjali jakkumpanja l-kunsinna ta' annimali għall-ewwel vjaġġ. Dan jippermetti lill-veterinarju jwettaq kontrolli uffiċjali matul dak l-ewwel vjaġġ sabiex jivverifika li s-sistemi mekkaniċi u ta' ġestjoni tal-bastiment għall-ġarr tal-bhejjem ma jkunux ta' detriment għall-benesseri tal-annimali abbord matul il-vjaġġ.	(25) F'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/372,[18] wara l-approvazzjoni u qabel kwalunkwe tiġdid tal-approvazzjoni ta' bastiment għall-ġarr tal-bhejjem, jenħtieġ li veterinarju uffiċjali jakkumpanja l-kunsinna ta' annimali għall-ewwel vjaġġ. Dan jippermetti lill-veterinarju jwettaq kontrolli uffiċjali matul dak l-ewwel vjaġġ sabiex jivverifika li s-sistemi mekkaniċi u ta' ġestjoni tal-bastiment għall-ġarr tal-bhejjem ma jkunux ta' detriment għall-benesseri tal-annimali abbord matul il-vjaġġ. ***Sabiex dan ix-xogħol jiġi kkomplementat fuq bażi aktar kontinwa, jenħtieġ li jiġi assenjat uffiċjal kwalifikat u mħarreġ tal-benesseri tal-annimali għal kull vjaġġ fuq il-baħar li jkun direttament responsabbli mill-***

benesseri tal-annimali ttrasportati, u pereżempju jabbozza rapport tal-vjaġġ ta' kuljum li jkun fih feedback dwar il-vjaġġ u l-benesseri tal-annimali.

[18] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/372 tas-17 ta' Frar 2023 li jistabbilixxi regoli dwar ir-reġistrazzjoni, il-ħżin u l-kondiviżjoni ta' rekords bil-miktub tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq bastimenti tal-bhejjem, dwar pjanijiet ta' kontinġenza għall-bastimenti tal-bhejjem fil-każ ta' emerġenzi, dwar l-approvazzjoni ta' bastimenti tal-bhejjem u dwar ir-rekwiżiti minimi applikabbli għall-punti ta' ħruġ. ĠU L 51, 20.2.2023, p. 32–39.

[18] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/372 tas-17 ta' Frar 2023 li jistabbilixxi regoli dwar ir-reġistrazzjoni, il-ħżin u l-kondiviżjoni ta' rekords bil-miktub tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq bastimenti tal-bhejjem, dwar pjanijiet ta' kontinġenza għall-bastimenti tal-bhejjem fil-każ ta' emerġenzi, dwar l-approvazzjoni ta' bastimenti tal-bhejjem u dwar ir-rekwiżiti minimi applikabbli għall-punti ta' ħruġ. ĠU L 51, 20.2.2023, p. 32–39.

Or. en

Emenda 178
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) F'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/372,[18] wara l-approvazzjoni u qabel kwalunkwe tiġdid tal-approvazzjoni ta' bastiment għall-ġarr tal-bhejjem, jenħtieġ li veterinarju uffiċjali jakkumpanja l-kunsinna ta' annimali għall-ewwel vjaġġ. Dan jippermetti lill-veterinarju jwettaq kontrolli uffiċjali matul dak l-ewwel vjaġġ sabiex jivverifika li s-sistemi mekkaniċi u ta' ġestjoni tal-bastiment għall-ġarr tal-bhejjem ma jkunux ta' detriment għall-benesseri tal-annimali abbord matul il-vjaġġ.	(25) F'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/372,[18] wara l-approvazzjoni u qabel kwalunkwe tiġdid tal-approvazzjoni ta' bastiment għall-ġarr tal-bhejjem, jenħtieġ li veterinarju uffiċjali jakkumpanja l-kunsinna ta' annimali għall-ewwel vjaġġ. Dan jippermetti lill-veterinarju jwettaq kontrolli uffiċjali matul dak l-ewwel vjaġġ sabiex jivverifika li s-sistemi mekkaniċi u ta' ġestjoni tal-bastiment għall-ġarr tal-bhejjem ma jkunux ta' detriment għall-benesseri tal-annimali abbord matul il-vjaġġ. ***Għall-vjaġġi konsekuttivi, il-veterinarju jew l-uffiċjal imħarreġ tal-benesseri tal-annimali u tekniku jenħtieġ li jakkumpanjaw il-kunsinni tal-annimali.***

[18] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/372 tas-17 ta' Frar 2023 li jistabbilixxi regoli dwar ir-reġistrazzjoni, il-ħżin u l-kondiviżjoni ta' rekords bil-miktub tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq bastimenti tal-bhejjem, dwar pjanijiet ta' kontinġenza għall-bastimenti tal-bhejjem fil-każ ta' emerġenzi, dwar l-approvazzjoni ta' bastimenti tal-bhejjem u dwar ir-rekwiżiti minimi applikabbli għall-punti ta' ħruġ. ĠU L 51, 20.2.2023, p. 32–39.

[18] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/372 tas-17 ta' Frar 2023 li jistabbilixxi regoli dwar ir-reġistrazzjoni, il-ħżin u l-kondiviżjoni ta' rekords bil-miktub tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq bastimenti tal-bhejjem, dwar pjanijiet ta' kontinġenza għall-bastimenti tal-bhejjem fil-każ ta' emerġenzi, dwar l-approvazzjoni ta' bastimenti tal-bhejjem u dwar ir-rekwiżiti minimi applikabbli għall-punti ta' ħruġ. ĠU L 51, 20.2.2023, p. 32–39.

Or. en

Emenda 179
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) F'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/372, wara l-approvazzjoni u qabel kwalunkwe tiġdid tal-approvazzjoni ta' bastiment għall-ġarr tal-bhejjem, jenħtieġ li veterinarju uffiċjali jakkumpanja l-kunsinna ta' annimali ***għall-ewwel vjaġġ***. Dan jippermetti lill-veterinarju jwettaq kontrolli uffiċjali matul ***dak l-ewwel vjaġġ*** sabiex jivverifika li s-sistemi mekkaniċi u ta' ġestjoni tal-bastiment għall-ġarr tal-bhejjem ma jkunux ta' detriment għall-benesseri tal-annimali abbord matul il-vjaġġ.	(25) F'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/372[18], wara l-approvazzjoni u qabel kwalunkwe tiġdid tal-approvazzjoni ta' bastiment għall-ġarr tal-bhejjem, jenħtieġ li veterinarju uffiċjali jakkumpanja l-kunsinna ta' annimali għall-ewwel vjaġġ. Dan jippermetti lill-veterinarju jwettaq kontrolli uffiċjali matul ***il-vjaġġ*** sabiex jivverifika***, flimkien ma' tekniku u surveyor marittimu,*** li s-sistemi mekkaniċi u ta' ġestjoni tal-bastiment għall-ġarr tal-bhejjem ma jkunux ta' detriment għall-benesseri tal-annimali abbord ***u meta jkun meħtieġ li jittieħdu miżuri urġenti rigward il-benesseri tal-annimali*** matul il-vjaġġ.

[18] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/372 tas-17 ta' Frar 2023 li jistabbilixxi regoli dwar ir-reġistrazzjoni, il-ħżin u l-kondiviżjoni ta' rekords bil-miktub tal-kontrolli uffiċjali

[18] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/372 tas-17 ta' Frar 2023 li jistabbilixxi regoli dwar ir-reġistrazzjoni, il-ħżin u l-kondiviżjoni ta' rekords bil-miktub tal-kontrolli uffiċjali

mwettqa fuq bastimenti tal-bhejjem, dwar pjanijiet ta' kontinġenza għall-bastimenti tal-bhejjem fil-każ ta' emerġenzi, dwar l-approvazzjoni ta' bastimenti tal-bhejjem u dwar ir-rekwiżiti minimi applikabbli għall-punti ta' ħruġ. ĠU L 51, 20.2.2023, p. 32–39.

mwettqa fuq bastimenti tal-bhejjem, dwar pjanijiet ta' kontinġenza għall-bastimenti tal-bhejjem fil-każ ta' emerġenzi, dwar l-approvazzjoni ta' bastimenti tal-bhejjem u dwar ir-rekwiżiti minimi applikabbli għall-punti ta' ħruġ. ĠU L 51, 20.2.2023, p. 32–39.

Or. en

Emenda 180
Asger Christensen, Benoit Cassart, Valérie Devaux, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) F'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/372,[18] wara l-approvazzjoni u qabel kwalunkwe tiġdid tal-approvazzjoni ta' bastiment għall-ġarr tal-bhejjem, jenħtieġ li ***veterinarju uffiċjali*** jakkumpanja l-kunsinna ta' annimali għall-ewwel vjaġġ. Dan jippermetti ***lill-veterinarju jwettaq*** kontrolli uffiċjali matul dak l-ewwel vjaġġ sabiex jivverifika li s-sistemi mekkaniċi u ta' ġestjoni tal-bastiment għall-ġarr tal-bhejjem ma jkunux ta' detriment għall-benesseri tal-annimali abbord matul il-vjaġġ.	(25) F'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/372,[18] wara l-approvazzjoni u qabel kwalunkwe tiġdid tal-approvazzjoni ta' bastiment għall-ġarr tal-bhejjem, jenħtieġ li ***tekniku tal-annimali kkwalifikat*** jakkumpanja l-kunsinna ta' annimali għall-ewwel vjaġġ. Dan jippermetti ***lit-tekniku tal-annimali kkwalifikat iwettaq*** kontrolli uffiċjali matul dak l-ewwel vjaġġ sabiex jivverifika li s-sistemi mekkaniċi u ta' ġestjoni tal-bastiment għall-ġarr tal-bhejjem ma jkunux ta' detriment għall-benesseri tal-annimali abbord matul il-vjaġġ.

[18] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/372 tas-17 ta' Frar 2023 li jistabbilixxi regoli dwar ir-reġistrazzjoni, il-ħżin u l-kondiviżjoni ta' rekords bil-miktub tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq bastimenti tal-bhejjem, dwar pjanijiet ta' kontinġenza għall-bastimenti tal-bhejjem fil-każ ta' emerġenzi, dwar l-approvazzjoni ta' bastimenti tal-bhejjem u dwar ir-rekwiżiti minimi applikabbli għall-punti ta' ħruġ. ĠU L 51, 20.2.2023, p. 32–

[18] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/372 tas-17 ta' Frar 2023 li jistabbilixxi regoli dwar ir-reġistrazzjoni, il-ħżin u l-kondiviżjoni ta' rekords bil-miktub tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq bastimenti tal-bhejjem, dwar pjanijiet ta' kontinġenza għall-bastimenti tal-bhejjem fil-każ ta' emerġenzi, dwar l-approvazzjoni ta' bastimenti tal-bhejjem u dwar ir-rekwiżiti minimi applikabbli għall-punti ta' ħruġ. ĠU L 51, 20.2.2023, p. 32–

Or. en

Emenda 181
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 25a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25a) Il-kunsinni intra-UE jenħtieġ li jiġu spezzjonati wkoll waqt it-tagħbija qabel kull vjaġġ, biex jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jivverifikaw li qed jiġu rispettati r-rekwiżiti tar-Regolamenti dwar l-ispazju tal-art u l-ispazju għar-ras, li s-sistemi tal-ventilazzjoni u tal-ilma u l-apparati tax-xorb qed jaħdmu sew u huma xierqa għall-ispeċi li qed tiġi ttrasportata, li ma jitgħabba l-ebda annimali mhux f'saħħtu biex jivvjaġġa u li jkunu qed jinġarru biżżejjed għalf u marqad.

Or. en

Emenda 182
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 25b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25b) Taħriġ adegwat għal kwalunkwe persuna li taħdem fis-settur tat-trasport tal-annimali huwa rekwiżit essenzjali biex jiġi ssalvagwardjat il-benesseri tal-annimali matul it-trasport. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu taħriġ għall-persuni kollha involuti fl-operazzjonijiet tat-trasport, u tali taħriġ jenħtieġ li jinkludi l-aspetti kollha tal-

proċess tat-trasport, bħall-mezz tat-trasport, ir-rekwiżiti speċifiċi tal-imġiba u fiżjoloġiċi tal-annimali u l-mekkaniżmi tagħhom biex jifilħu għall-istress, it-tip u n-natura tal-vjaġġ, il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-idoneità għat-trasport u l-immaniġġar xieraq tal-annimali biex jiġi żgurat li l-annimali kollha, inklużi t-tiġieġ, qatt ma jintrefgħu minn saqajhom waqt il-qbid għat-trasport. Jenħtieġ li jiġu pprovduti taħriġ u ċertifikazzjoni speċifiċi fir-rigward tat-trasport ta' annimali akkwatiċi.

Or. en

Emenda 183
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 25c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25c) Sabiex jiġi ggarantit il-benesseri tal-annimali matul it-trasport, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jitqabbdu u jiġu mħarrġa biżżejjed uffiċjali tal-pulizija u veterinarji uffiċjali biex iwettqu kontrolli effettivi u frekwenti fit-triq. Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu lista tal-veterinarji disponibbli kollha, inklużi d-dettalji ta' kuntatt, li għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tas-sewwieqa u għall-indokraturi biex tgħin lill-annimali matul it-trasport.

Or. en

Emenda 184
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 25d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25d) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-forzi tal-pulizija nazzjonali kollha jieħdu sehem f'taħriġ obbligatorju, inizjali u kontinwu rigward id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, sabiex ikunu jistgħu jidentifikaw kwalunkwe ksur għar-regoli u jagħtu segwitu b'sanzjonijiet adegwati u effettivi.

Or. en

Emenda 185
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 25e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25e) Il-ħaddiema tas-salvataġġ jenħtieġ li jiġu edukati u mħarrġa b'mod speċifiku fl-Istati Membri dwar is-salvataġġ tal-annimali, biex jiġi żgurat li f'każ ta' aċċidenti, il-ħaddiema tas-salvataġġ jitħallew jaċċessaw is-siti, il-vetturi u l-bastimenti kkonċernati sabiex iwettqu xogħol ta' salvataġġ.

Or. en

Emenda 186
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Il-ġurnali tal-vjaġġ huma għodod importanti li jippermettu lill-atturi kollha involuti fit-trasport tal-annimali, u lill-	(26) Il-ġurnali tal-vjaġġ huma għodod importanti li jippermettu lill-atturi kollha involuti fit-trasport tal-annimali, u lill-

